MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 82/2019 LM

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, Louis k/a Louie R. Naudi (K.I. Numru 515455M), Vincent Cortis (K.I. Numru 890854M), George Mifsud (K.I. Numru 520580M), Jesmond Abela (K.I. Numru 336272M), Charlie Gauci (K.I. Numru 255474M), Philip Micallef (K.I. Numru 460178M), Brian Camilleri (K.I. Numru 193979M), Twanny Galea (K.I. Numru 273771M), Raymond Grima (K.I. Numru 328260M), Louis Sant (K.I. Numru 548358M), George Busuttil (K.I. Numru 543163M), Eucharisto Zahra (K.I. Numru 378250M) ilkoll f'isimhom personali u għan-nom u in rappreżentanza tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima** [hawnhekk 'ir-rikorrent'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-28 ta' Ġunju, 2019 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin *ai termini* tal-artikolu 1224 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-**Assoċjazzjoni tal-Bdiewa** [hawnhekk 'l-Assoċjazzjoni intimata' jew 'l-ATB'] u mill-intimat **Louie Naudi** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Naudi']; jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin eċċepita mill-intimati **Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharisto Zahra**; jiċħad l-eċċezzjoni tal-improponibbilità tal-azzjoni tar-rikorrent sollevata mill-ATB u mill-intimat Naudi; jilqa' in parte l-eċċezzjoni sollevata mill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa li l-ammont ta' €4,500 ma kellux jiġi inkluż fir-raba' talba tar-rikorrent billi ċaħad it-talba għall-kundanna mill-ġdid tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa biex din tħallas l-ammont ta' €2,315.40, u dan stante li r-rikorrent kellu titolu eżekuttiv li jkopri dan l-istess ammont; jiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ għax it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni fuqu personalment; jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u

Eucharisto Zahra; jastjeni milli jkompli jieħu aktar konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-istess intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharisto Zahra; jiċħad il-ħames eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ; jiċħad l-ewwel domanda tar-rikorrent li biha talab li ssir dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligu tagħhom naxxenti mill-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009; jiċħad it-tieni talba tar-rikorrent li biha talab li ssir ordni għar-riżoluzzjoni tal-istess ftehim; jilqa' t-tielet domanda tar-rikorrent limitatament billi jiddikjara li l-intimat Louie Naudi biss għandu jirrifondi lura lir-rikorrent l-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħmistax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,315.40), flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Awwissu, 2015; jiċħad l-istess talba in kwantu din hija diretta għall-bilanċ tas-somma mitluba hemm, ċioé il-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin elf, u ħames mitt Euro (€25,500) u dan fil-konfront tal-intimati kollha; jilqa' r-raba' domanda tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' elfejn, tliet mija u ħmistax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,315.40) u dan biss fil-konfront tal-intimat Louie Naudi u għalhekk jikkundanna lill-istess intimat Naudi sabiex immedjatament iħallas lir-rikorrent l-istess somma ta' €2,315.40, bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Awwissu, 2015 sal-effettiv pagament; jiċħad l-istess raba' domanda tar-rikorrent in kwantu din hija diretta għall-kundanna tal-intimati kollha biex iħallsuh il-kumplament tas-somma mitluba ċioé dik ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€25,500); u fl-aħħar nett jordna li l-ispejjeż għandhom jinqasmu kwantu għal ħamsa fil-mija (5%) mill-intimata Assoċjazzjoni tal-Bdiewa; kwantu għal ħamsa fil-mija (5%) mill-intimati Vincent Cortis, George

Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharisto Zahra; kwantu għal għoxrin fil-mija (20%) mill-intimat Louie Naudi u kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) mir-rikorrent.

**Fatti**

2. Permezz tat-talba tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li fl-2009, il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kien iddeċieda illi jagħti għajnuna finanzjarja sabiex is-sensara u bdiewa li jesportaw il-patata, jkunu f'pożizzjoni aħjar li jiksbu ċertifikazzjoni ta' kwalità magħrufa bħala GlobalGAP fir-rigward tal-prodott tagħhom, liema ċertifikazzjoni kellha sservi biex il-bdiewa jiksbu prezz ġust għall-prodott tagħhom. Żied jispjega li din iċ-ċertifikazzjoni internazzjonali li tiċċertifika li prodott agrikolu partikolari hija waħda ta' kwalità għolja, tesiġi li biex tinkiseb wieħed jikkonforma ma' *standards* rigorużi stipulati mill-istess GlobalGAP. Ir-rikorrent spjega li sabiex jintlaħaq l-iskop li aktar sensara u bdiewa jiksbu din iċ-ċertifikazzjoni, il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali daħal fi ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa fejn huwa kien obbliga ruħhu li jagħti s-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) lil din l-Assoċjazzjoni sabiex jiffinanzja parti mis-*setting up and management of the GlobalGAP scheme for the 2009 spring potato crop.* Qal ukoll li min-naħa tagħha l-Assoċjazzjoni intimata obbligat ruħha li bil-flus mogħtija mill-Ministeru, kienet ser taħdem sabiex tiffaċilita l-proċess għall-kisba taċ-ċertifikazzjoni GlobalGAP mill-bdiewa u s-sensara fis-sena 2009, u dan billi twettaq għadd ta' obbligi naxxenti minn dan il-ftehim. Ir-rikorrent spjega li l-

intimati huma kollha membri tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, u li l-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, huwa s-suċċessur tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, u huwa għalhekk li dawn il-proċeduri ġew intavolati mis-Segretarju Permanenti tiegħu. Żied jgħid li skont il-klawsola 4 tal-ftehim, il-flus mgħoddija lill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa kellhom jintużaw minnha esklussivament għat-twaqqif, l-amministrazzjoni, il-ħlas ta' miżati għar-reġistrazzjoni u għall-operat tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għas-sena 2009, li l-Assoċjazzjoni obbligat ruħha li tagħti lill-industrija Maltija, u l-istess Assoċjazzjoni obbligat ruħha li tagħti lir-rikorrent id-dokumentazzjoni kollha relattiva u l-*audited financial statements* bħala evidenza tal-ispejjeż imsemmija fl-*operations plan* anness mal-ftehim, sabiex ir-rikorrent ikun f'pożizzjoni li jivverifika li l-flus intefqu għall-iskop miftiehem. Ir-rikorrent qal li l-Assoċjazzjoni naqset milli tonora l-obbligi tagħha kif naxxenti minn dan il-kuntratt, u dan minħabba li dak indikat fil-klawsola 4 effettivament ma sarx, u għalhekk ħadd ma ottjena ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għas-sena 2009, u għalhekk l-Assoċjazzjoni ma għaddiet ebda dokumentazzjoni jew *audited financial statements* lir-rikorrent. Ir-rikorrent qal ukoll li l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa naqset milli tissodisfa l-obbligi kumulattivi assunti minnha sabiex il-bdiewa u s-sensara jiksbu ċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn GlobalGAP, bil-konsegwenza li l-esportazzjoni li saret, saret mingħajr ċertifikazzjoni. Qal ukoll li l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa kienet inadempjenti anki in kwantu ma pprovdietx lir-rikorrent id-dokumentazzjoni relattiva, kif ukoll l-i*statements* finanzjarji verifikati saż-żmien mogħti lilha, jiġifieri sal-aħħar ta' Settembru, 2010. Kompla jgħid li l-Assoċjazzjoni naqset milli tonora l-obbligu tagħha naxxenti mill-klawsola 7 tal-ftehim, li jistipula li hija kellha tirrifondi lura lir-rikorrent is-somma

ta' erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500), liema somma kellha tingħata lura lir-rikorrent sal-aħħar ta' Ġunju 2011, u dan peress illi minkejja li ġiet interpellata diversi drabi, l-Assoċjazzjoni baqgħet inadempjenti u ma rrifondietx il-flus lura. Ir-rikorrent kompla jgħid li minħabba l-inadempjenza tal-Assoċjazzjoni fir-rigward tal-klawsola 7, ir-rikorrent intavola ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-Assoċjazzjoni, liema ittra ma ġietx ikkontestata u għaldaqstant permezz tagħha r-rikorrent ottjena titolu eżekuttiv favur tiegħu. Żied jgħid li permezz ta' mandat ta' sekwestru li huwa ntavola, irnexxielu jiġbor biss l-ammont ta' elfejn, mija u erbgħa u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (€2,184.60). Spjega li fir-rigward tal-erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500) huwa diġà għandu titolu eżekuttiv fil-konfront tal-Assoċjazzjoni, u għalhekk peress li għad ma rnexxilux jiġbor l-ammont kollu dovut, u peress li apparti t-titolu eżekuttiv fil-konfront tal-Assoċjazzjoni huwa m'għandux titolu eżekuttiv fir-rigward tal-intimati l-oħra, f'dawn il-proċeduri huwa kien qiegħed jitlob il-bilanċ rimanenti. Ir-rikorrent kompla jgħid li *ai termini* tal-klawsola 9 tal-ftehim, f'każ li l-Assoċjazzjoni intimata tonqos milli tħares l-obbligi tagħha *ai termini* tal-klawsola 4 tal-ftehim, l-Assoċjazzjoni tkun obbligata tħallas il-bilanċ nett tal-konsiderazzjoni finanzjarja mogħtija lilha mill-MRRA bis-saħħa tal-ftehim. Ir-rikorrent spjega li minkeja li l-Assoċjazzjoni intimata u s-Segretarju tal-Bord tal-istess Assoċjazzjoni Louie Naudi ġew mitluba biex jirrifondu l-flus lura anke permezz ta' ittra uffiċjali, dawn baqgħu inadempjenti, u kien għalhekk li kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri ta' arbitraġġ.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent, talab lit-Tribunal jiddikjara li l-intimati jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligi tagħhom naxxenti mill-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, u għalhekk talbu jordna r-riżoluzzjoni tal-imsemmi ftehim. Talab lit-Tribunal jiddikjara wkoll li l-intimati jew min minnhom għandhom jirrifondu lura lir-rikorrent l-ammont kollu ta' flus li ġew imħallsa lilhom mir-rikorrent, jiġifieri l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħmistax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€27,815.40), bil-kundanna tal-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallsu din is-somma lir-rikorrent.

4. L-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharisto Zahra wieġbu billi eċċepew illi l-azzjoni proposta mir-rikorrent hija preskritta bit-terminu ta' ħames snin. Eċċepew ukoll li mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, huma m'għandhomx jinżammu responsabbli għal xi waħda mit-talbiet tar-rikorrent, u dan għaliex meta l-ftehim li qiegħed isir riferiment għalih ġie ffirmat, huma ma kinux membri tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, kif ukoll għaliex f'każ li jirriżulta li xi wieħed mill-intimati kien membru tal-Assoċjazzjoni, dawn ma tawx il-kunsens espress tagħhom lill-persuna li dehret għall-iffirmar tal-ftehim. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-istess intimati eċċepew li huma ma bbenefikaw bl-ebda mod bl-iffirmar tal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, u kull pretensjoni għall-ħlas għandha tiġi diretta fil-konfront tal-individwi li bbenefikaw mis-sistema.

5. L-intimati **Assoċjazzjoni tal-Bdiewa** u **Louie Naudi** wieġbu li hemm preskrizzjoni ta' ħames snin fir-rigward tal-azzjoni kif intavolata. Eċċepew ukoll li preliminarjament, it-talbiet kif impostati huma improponibbli u dan stante li kienu diġà ġew intavolati proċeduri sabiex ir-rikorrent jiksbu rifjużjoni ta' flus li tħallsu bis-saħħa tal-imsemmi ftehim, u l-istess rikorrent kiseb titolu eżekuttiv għal dak li jirrigwarda din ir-rifużjoni. Dawn l-intimati eċċepew ukoll li Louie Naudi mhux membru tal-Assoċjazzjoni, iżda s-Segretarju Ġenerali tagħha, u meta dan iffirma l-kuntratt, huwa iffirma biss f'din il-mansjoni u mhux f'ismu proprju. Qalu li għalhekk huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-Arbitraġġ. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-istess intimat Naudi eċċepixxa li huwa dejjem aġixxa f'isem l-Assoċjazzjoni u qatt m'aġixxa f'ismu proprju u għalhekk huwa mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Ġie eċċepit ukoll li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li Naudi dejjem mexa mal-obbligi kuntrattwali kif assunti, u fir-rigward tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa diġà hemm titolu eżekuttiv fl-ammont ta' €4,500, u għaldaqstant f'każ li r-rikorrent għandu raġun, dan l-ammont għandu jiġi kkonsidrat u jiġi mnaqqas mill-ammont li qiegħed jiġi mitlub. L-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa eċċepiet illi l-flus li ġew mogħtija permezz tal-kuntratt, intużaw kollha għat-twaqqif, l-amministrazzjoni u l-ħlas tal-ispejjeż tar-reġistrazzjoni, kif ukoll fl-operat sabiex ikun possibbli li tinkiseb iċ-ċertifikazzjoni mingħand GlobalGAP, u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ġiet mgħoddija lill-Ministeru (l-MRRA) sa Settembru 2010. Qalet li effettivament is-sistema sabiex jiġi miksub iċ-ċertifikat mingħand GlobalGAP ġiet imfassla, u bdiet topera kif fil-fatt għadha taħdem fil-preżent, u hi tant kienet konformi mal-kuntratt u mal-obbligi kuntrattwali tagħha li meta ġew intavolati l-proċeduri kontra l-Assoċjazzjoni, dawn ġew

intavolati biss sabiex tingħata lura rifużjoni skont kif kien miftiehem permezz tal-kuntratt. L-Assoċjazzjoni intimata qalet ukoll li qabel ħallset l-ammont mitlub mir-rikorrent, il-Ministeru kien bagħat numru ta' uffiċjali mill-Ministeru sabiex jivverifikaw il-proċeduri adottati mill-Assoċjazzjoni kif ukoll id-dokumenti relattivi sabiex l-Assoċjazzjoni setgħet tingħata dawk il-fondi. Finalment l-Assoċjazzjoni qalet li hija ma ħadet l-ebda benefiċċju minn din is-sistema stante li kienu s-sensara u l-aġenti li għamlu qligħ u bbenefikaw minnha.

6. Ġiet ippreżentata quddiem it-Tribunal kopja tal-ftehim iffirmat fit-30 ta' Ġunju, 2009, bejn min-naħa l-waħda Louie Naudi fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, u Dr Christopher Ciantar, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali.[1]

7. **Noel Azzopardi**, Direttur tad-Diversifikazzjoni u Kompetittività fil-Biedja fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal spjega ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP fhiex tikkonsisti, u qal li dan iċ-ċertifikat kien maħsub biex jgħin lill-prodott Malti, partikolarment il-patata, jinbiegħ fi swieq barra minn Malta. Qal li dan huwa ċertifikat ta' *standards* milħuqa, li jinkiseb meta jirriżulta li ġie segwit il-protokoll neċessarju fil-proċess li jsir bejn dakinhar li jsir iż-żrigħ sal-ġurnata meta l-prodott jitwassal fis-suq. Parti mill-proċess sabiex tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni kien

[1] Klawsola 4 ta' dan il-ftehim tistipula illi: "*The financial consideration hereby provided to ATB shall be utilised by ATB exclusively for the purpose of the setting up, administration, payment of registration fees, and operation of the GlobalGAP certification process specifically for the year 2009 to be provided by ATB to the Maltese industry with immediate effect, in terms of the prospect of expenditure. ATB agrees and accepts to forward all relevant documentation and audited financial statements as evidence of the expenses mentioned in the said operations plan to MRRA by end of September 2010.*" Il-Klawsola 9 tal-ftehim tistipula illi: "*In the event of default by ATB of its obligations present in Clause 4 of this agreement ATB shall be immediately obliged to repay the entire net balance on the financial consideration provided to ATB by MRRA by virtue of this agreement, following which legal interest on the said balance shall also be charged.*"

jinvolvi eżerċizzju ta' verifika minn kumpannija estera, li tara li l-protokolli stabbiliti ġew segwiti qabel tkun tista' tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni. Dan ix-xhud qal li l-iskop tal-ftehim ma kienx intlaħaq, u kien hemm ksur tal-klawsoli 2, 4, 7 u 9 tal-ftehim. Qal li l-ATB kellha tissettja l-iskema tal-GlobalGAP fl-2009, u l-Ministeru ma ngħata l-ebda evidenza li dan sar. Kompla jgħid li riżultat ta' dan, fl-2009 ma nħarġitx iċ-ċertifikazzjoni meħtieġa għall-patata, u l-kumpannija estera qatt ma ġiet tagħmel il-verifiki neċessarji għas-sena 2009, iżda għamlet biss *pre-audit.* Qal li l-flus li ngħataw lill-ATB kellhom jintużaw esklussivament għall-iskema tal-GlobalGAP fl-2009 skont il-pjanijiet sottomessi mill-ATB nnifisha, u l-ATB ntrabtet li sa Settembru tal-2010 tissottometti *audited financial statements* tal-infiq tagħha, liema *statements* ma ġewx sottomessi. Qal ukoll li minkejja li Louie Naudi xehed li huwa kien ippreżenta dawn id-dokumenti, lilu ma rriżultalux dan, u f'dan ir-rigward Naudi naqas milli jippreżenta kopja tal-*acknowledgment* li kellu jingħata f'każ li huwa verament ippreżenta d-dokumenti mitluba minnu mill-Ministeru jew mid-Dipartiment governattiv. Ix-xhud żied jgħid li l-ATB kellha tirrifondi 15% tal-ammont li kienet ingħatat (€4,500), liema flus qatt ma ntraddew lura, u minn dan l-ammont il-Ministeru ġabar biss €2,148.60, wara li kien sar mandat ta' sekwestru. Ix-xhud għamel riferiment ukoll għall-klawsola 9 tal-ftehim li tgħid li jekk l-ATB ma tonorax l-obbligi tagħha *ai termini* tal-klawsola 4, din ikollha tirrifondi l-flus kollha lura li ngħatat permezz ta' dan il-ftehim.

8. Ix-xhud **Matthew Tabone**, Uffiċjal Tekniku Prinċipali fi ħdan il-Ministeru, fl-*affidavit* tiegħu qal li meta huwa ra l-*file* relatat mal-ftehim li wassal għal dawn il-proċeduri, huwa sab li skont il-klawsola 7 tal-ftehim, l-ATB kellha tirrifondi lura

l-ammont ta’ €4,500 sal-aħħar ta’ Ġunju, 2011, liema somma baqgħet ma tħallsitx lura. Qal ukoll li huwa beda jinvestiga l-kwistjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għas-sena 2009, iżda kien ħareġ biċ-ċar li l-obbligi li l-ATB kellha mal-Gvern ma kinux ġew onorati. Ix-xhud qal li l-kumpannija estera li kellha tagħmel l-eżerċizzju ta’ verifika, kienet infurmat li l-eżerċizzju li sar minnha kien biss *pre-audit,* u dan l-eżerċizzju ma kienx biżżejjed biex seta’ jinħareġ iċ-ċertifikat meħtieġ. Qal li l-ATB dak iż-żmien kienet bagħtet tinforma lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali li x-xogħol li kellu jsir baqa’ ma sarx, u dan għaliex il-metodi u s-sistemi rikjesti baqgħu ma ġewx infurzati. Qal li anki d-dokumentazzjoni u l-*audited financial statements* mitluba baqgħu ma ġewx ippreżentati, minkejja li dawn kellhom jiġu ppreżentati sal-aħħar ta’ Settembru 2010. Żied jgħid li din id-dokumentazzjoni kienet importanti għall-Ministeru għaliex ried ikun jaf il-flus fhiex intefqu, u jekk ix-xogħol miftiehem kienx sar jew le. Ix-xhud qal li wara li l-patata ġiet esportata, huwa kien ġie avviċinat minn Louie Naudi li talbu jiċċekkja d-dokumenti, u minn *desktop exercise* li għamel, sab li ħafna mix-xogħol li kellu jsir ma kienx sar. Ix-xhud qal li fis-sena 2010 huwa beda mill-bidu jinsisti li x-xogħol isir, u fil-fatt iċ-ċertifikazzjoni għas-sena 2010 kienet inħarġet. Ix-xhud qal li huwa kien informa lis-superjuri tiegħu b’dak li sab, u kienu anki saru investigazzjonijiet mill-IAID fl-uffiċċju tal-Prim Ministru, liema investigazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li kien hemm nuqqasijiet ta’ ħarsien tal-obbligi kuntrattwali fir-rigward tal-ftehim mertu ta’ dawn il-proċeduri. Ix-xhud qal li fil-*file* relattiv la sab *financial statements* u lanqas *audited financial statements.*

9. Xhieda oħra li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal kienu s-sensara tal-patata, jiġifieri **Catherine Scerri, Raymond Abdilla** u **Emanuel**

**Bezzina**, li lkoll ikkonfermaw li ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għas-sena 2009 ma kinitx inħarġet. Qalu li huma għaddew diversi ħlasijiet lill-intimat Naudi fuq talba tiegħu stess, u għamlu wkoll ħlasijiet oħra lill-ATB, kollha bl-intiża li jingħataw iċ-ċertifikazzjoni għall-patata, iżda dan iċ-ċertifikat baqa' ma ngħatalhomx għas-sena 2009, għalkemm qalu li ċ-ċertifikazzjoni nħarġet għas-snin 2008 u 2010.

10. **Charlo Camilleri** xehed li huwa kien ħa ħsieb iċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għas-snin 2006 u 2007, snin li fihom iċ-ċertifikazzjoni nħarġet, iżda qal li wara ma baqax jieħu ħsieb hu u għalhekk ma jafx x'ġara fis-snin ta' wara.

11. **Anthony Azzopardi**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi, xehed li l-ATB ġiet irreġistrata bħala assoċjazzjoni ta' prinċipali skont l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi fis-6 ta' Settembru, 2006, u din kellha wkoll numru ta' reġistrazzjoni. Qal li fis-26 ta' Jannar, 2012, din l-assoċjazzjoni ġiet ikkanċellata u tneħħiet minn fuq ir-Reġistru. Ix-xhud qal li l-assoċjazzjonijiet tal-prinċipali huma obbligati li kull sena jibagħtu *annual returns,* li jinkludu rendikont ta' min ikun qiegħed fil-kunsill amministrattiv tagħhom, *audited accounts,* informazzjoni dwar in-numru ta' membri bħala total, kif ukoll l-attivitajiet li jkunu tellgħu matul is-sena. Qal li l-Assoċjazzjoni intimata naqset milli tipprovdi din l-informazzjoni għal numru ta' snin, minkejja li ġiet notifikata sabiex tipprovdihom lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi. Qal li meta l-Assoċjazzjoni ġiet ikkanċellata, ħadd ma kkontesta din id-deċiżjoni. Kompla jgħid li fl-ewwel sena, l-Assoċjazzjoni kienet bagħtet informazzjoni li l-President tagħha kien Vincent Cortis, li l-Viċi-President kien George Mifsud, u li t-teżorier kien Raymond Grima.

Il-membri tal-Assoċjazzjoni ġew indikati bħala Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Louis Sant, Raymond Grima, George Busuttil u Eucharistico Zahra. Qal iżda li fis-snin ta' wara, din l-informazzjoni ma baqgħetx tingħata.

12. Uħud mill-intimati, fosthom **Eucharistico Zahra, Vincent Cortis** u **Louis Sant** xehdu li huma kienu membri tal-Assoċjazzjoni u li sussegwentement ma kinux baqgħu membri, u waqfu jħallsu l-miżata. Uħud mill-intimati l-oħra wkoll xehdu li huma ma baqgħux membri tal-ATB.

13. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Louie Naudi**, li spjega li huwa kien Segretarju Ġenerali tal-ATB sal-31 ta' Lulju, 2015, u l-aħħar laqgħa ġenerali annwali saret fl-2015. Qal li fit-30 ta' Ġunju, 2009, l-Assoċjazzjoni kienet reġistrata bħala *employers' organization* u aktar tard ġiet *deregistered,* u qal li qatt ma ġiet irreġistrata mill-ġdid taħt xi forma oħra. Minkejja dan, qal li l-Assoċjazzjoni baqgħet topera abbażi tal-istatut tagħha u qatt ma ġiet xolta, għaliex għad trid issir laqgħa ġenerali annwali għal dan l-iskop. Ix-xhud spjega li qabel ġie ffirmat il-kuntratt finali tal-GlobalGAP, kienu tħejjew erba' abbozzi tal-kuntratt, u żied jgħid li dawn l-abbozzi wasslu biex partijiet mill-kuntratt ġew interpretati b'mod ħażin. Żied jgħid li flimkien ma' dawn l-abbozzi hemm xi korrispondenza li ġiet skambjata bejn il-partijiet u li ukoll inġabet a konjizzjoni tat-Tribunal. Spjega li oriġinarjament, l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa twaqqfet sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jidħlu għal dan l-impenn, sabiex jiġi assigurat li finalment ikun hemm gwadann kummerċjali għall-bdiewa li setgħu jsibu swieq ġodda bis-saħħa taċ-ċertifikazzjoni taħt il-GlobalGAP, għaliex sa dak iż-żmien il-bdiewa setgħu jieħdu l-prodotti tagħhom biss il-pitkalija f'Malta. Qal li maż-

żmien, minħabba r-regoli tal-i*State Aid,* huma kienu ġew infurmati li l-kuntratt mal-Gvern seta' jiġi ffirmat biss mill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa. Qal li l-proċedura sabiex isir ix-xogħol marbut ma' din iċ-ċertifikazzjoni kien maħsub li jitlesta sat-tieni ġimgħa ta' Ġunju 2009, iżda sabu li kien hemm bżonn ħafna xogħol estensiv u restrizzjonijiet u protokolli varji li riedu jiġu osservati. Spjega li oriġinarjament il-Gvern kien qiegħed jikkonsidra self u mhux finanzjament tal-ispejjeż, li kellu jitħallas lura fi żmien sena, liema self kien jeħtieġ xi forma ta' garanzija. Intqal ukoll li fit-tieni abbozz tal-kuntratt, il-Gvern irrikonoxxa li mingħajr il-kontribuzzjoni ta' €30,000 da parti tiegħu, dan il-proġett kien ser jibqa' ma jiġix varat, u għalhekk il-kunċett ta' self inbidel f'kontribuzzjoni għall-ispejjeż. Qal ukoll li l-Gvern ried li huwa jikkontribwixxi biss għall-ewwel fażi tal-proġett, filwaqt li jkunu l-aġenti u/jew il-*pack-houses* li kellhom jagħmlu tajjeb għall-kumplament tal-proġett. Spjega li l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa ma kinitx interessata li tagħmel qligħ minn dan ix-xogħol, iżda minħabba li ngħatat garanzija ta' tliet snin xogħol, kif ukoll in vista tal-fatt li kienu ser jinfetħu l-bibien tal-esportazzjoni għal prodotti agrikoli oħra minbarra l-patata, ġiet introdotta l-klawsola 9 fit-tieni abbozz sabiex sal-aħħar ta' Diċembru 2009 jiġu rifużi 15% tas-somma mogħtija mill-Gvern, jiġifieri €4,500. Ix-xhud spjega li fit-tielet abbozz il-Gvern fehem li kien hemm bżonn sena sħiħa ta' preparazzjoni biex tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni u għalhekk ġie kkalkulat li ż-żmien għandu jiġi estiż sal-aħħar ta' Settembru 2010. Qal li ġie ntrodott il-kunċett ta' *pack-houses* ġodda jew li tingħata art għall-bini ta' dawn il-faċilitajiet, kif ukoll ma kienx għadu aktar possibbli li jibqgħu jintużaw *pack-houses* bis-saqaf tal-*asbestos* għaliex dawn kienu ilhom diversi snin ikkundannati. Qal li dan kien imur kontra r-regoli tal-GlobalGAP, u spjega li l-ħamrija li jkun hemm mal-patata meta timxi fuq il-

*conveyor belt,* kienet tikkawża foga li tasal sas-saqaf u terġa' taqa' lura u għalhekk il-periklu maħluq bis-soqfa tal-asbestos kien wieħed reali ħafna. Kompla jgħid li ġie propost li jitwal iż-żmien li fih l-Assoċjazzjoni kellha tirrifondi lura l-15% tal-flejjes mogħtija lilha.

14. L-istess xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti u noti spjegattivi. Qal li minkejja li l-MRRA oriġinarjament kienet intrabtet li tħallas €30,000 mal-iffirmar tal-ftehim, din naqset milli tħallas fil-pront, u minħabba f'hekk kien hemm tliet *pack-houses* jew aġenti li ntalbu joħorġu aktar flus, u dawn tħallsu lura meta l-MRRA ħallset l-ewwel kontribuzzjoni ta' €15,000 fit-30 ta' Ottubru, 2009. Ix-xhud spjega li s-Segretarju Permanenti tal-MRRA dak iż-żmien kien baqa' jinsisti li qabel jitlesta x-xogħol tal-ewwel fażi tal-GlobalGAP, ma setax iħallas il-kumplament tas-somma dovuta, u dan kollu ntqal fl-isfond tax-xogħol estensiv li kien għaddej, bir-riskju li l-Assoċjazzjoni setgħet tispiċċa mingħajr flus u l-proġett ikollu jitwaqqaf. Ix-xhud qal li f'Diċembru tal-2009, kien ġie deċiż li hekk kif il-Ministeru jingħata d-dokumentazzjoni u l-*audited financial statements,* dan kellu jħallas il-€15,000 li kien għad baqalu jħallas. Qal li f'Jannar tal-2010 ġew ippreżentati dawn id-dokumenti lis-Segretarju Permanenti tal-MRRA u lil uffiċjal ieħor fl-istess Ministeru, u dak iż-żmien is-Segretarju Permanenti tal-MRRA kien ħatar żewġ uffiċjali sabiex jivverifikaw ix-xogħol li kien twettaq fl-ewwel fażi taċ-Ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP. Ix-xhud qal li dawn kienu marru fl-uffiċċji tal-Assoċjazzjoni ġewwa l-Pitkalija, u kienu damu jumejn jiflu d-dokumenti u jindagaw, u huwa kien ta l-ispjegazzjonijiet mitluba minnu. Qal li wara xi żmien kien ikkomunika miegħu s-Segretarju Permanenti tal-MRRA li kien qallu li l-Ministeru kien ser iħallas €15,000, iżda kien qalilhom ukoll li jekk sa

Settembru tal-2010, iċ-Ċertifikazzjoni GlobalGAP ma kinitx ser tkun miksuba, huwa kien ser jitlob il-flus kollha lura. Ix-xhud qal li din il-wegħda nżammet, u sal-aħħar ta' Mejju 2010, inkisbet iċ-Ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP, u ċ-ċertifikati ngħataw lil tliet *producer groups* inkluż lill-*pack-houses* u lil mitt bidwi. Ix-xhud kompla jgħid li fit-tieni fażi tal-GlobalGAP inħoloq il-*Producer Group* bl-isem MaltaPatata, sabiex l-Assoċjazzjoni tikkwalifika għall-Fondi tal-Iżvilupp Rurali, iżda minkejja dak kollu li ġie ppreparat, dan baqa' ma seħħx, bir-riżultat li fuq medda ta' ħames snin intilfu €240,000 li kienu maħsuba għas-settur tal-patata. Qal ukoll li l-ewwel xogħol li għamlet il-MaltaPatata Producer Group kienet l-għażla tad-ditta taċ-ċertifikazzjoni, u għal dan il-għan tqabbdet id-ditta NAK-AGRO tal-Olanda. Spjega li wara dan, l-aġenti kellhom jaħdmu għal rashom u għalhekk iffurmaw tliet *producer groups* skont ir-regoli tal-GlobalGAP.

15. Waqt is-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal, ġew ippreżentati għadd kbir ta' dokumenti, fosthom dokumentazzjoni dettaljata sabiex tiġi spjegata s-sistema ta' ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

16. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2019, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin *ai termini* tal-artikolu 1224 tal-Kap. 16 sollevata mill-ATB u mill-intimat Naudi; ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin sollevata mill-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharisto Zahra, ċaħad l-eċċezzjoni tal-improponibbilità tal-azzjoni

tar-rikorrent kif imressqa mill-Assoċjazzjoni intimata u mill-intimat Naudi; laqa' parzjalment l-eċċezzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa li l-ammont ta' €4,500 ma kellux jiġi inkluż fit-talba tar-rikorrent billi ċaħad it-talba għall-kundanna mill-ġdid tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa sabiex din tħallas l-ammont ta' €2,315.40, u dan stante li r-rikorrent kien diġà kiseb titolu eżekuttiv li jkopri dan l-istess ammont; ċaħad l-eċċezzjoni tal-intimat Naudi li huwa mhux leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ għaliex it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni fuqu personalment; laqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharisto Zahra; astjena milli jkompli jieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-istess intimati Cortis, Mifsud, Abela, Gauci, Micallef, Camilleri, Galea, Grima, Sant, Busuttil u Zahra; ċaħad il-ħames eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi li huwa mhux leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ; ċaħad l-ewwel domanda tar-rikorrent li biha talab li ssir dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligu tagħhom naxxenti mill-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009; ċaħad it-tieni domanda tar-rikorrent li biha talab li ssir ordni għar-riżoluzzjoni tal-ftehim; laqa' t-tielet domanda tar-rikorrent limitatament safejn iddikjara li l-intimat Louie Naudi biss għandu jirrifondi lura lir-rikorrent l-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħmistax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,315.40), flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Awwissu, 2005; ċaħad it-tielet talba in kwantu din hija diretta għall-bilanċ tas-somma mitluba, jiġifieri l-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€25,500) u dan fil-konfront tal-intimati kollha; laqa' r-raba' domanda tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' elfejn, tliet mija u ħmistax-il Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,315.40) fil-konfront tal-intimat Louie Naudi biss, u

għalhekk ikkundanna lill-istess Naudi sabiex immedjatament iħallas lir-rikorrent s-somma ta' €2,315.40 bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Awwissu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv; ċaħad ir-raba' domanda tar-rikorrent in kwantu din hija diretta għall-kundanna tal-intimati kollha biex iħallsuh il-kumplament tas-somma mitluba jiġifieri l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€25,500); u apporzjona l-ispejjeż, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"... dan it-Tribunal jista' jgħaddi biex jagħmel l-osservazzjonijiet li hemm bżonn isiru u jagħti d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwistjonijiet kollha nvoluti f'dan l-arbitraġġ.*

***Ċ L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-ATB u mill-intimat Naudi***

*6. Dawn iż-żewġ intimati flimkien qegħdin jeċċepixxu l-preskrizzjoni tal-ħames snin (fn. 4 Permezz ta' nota ppreżentata mill-intimati Assoċjazzjoni tal-Bdiewa u Louie Naudi fl-20 ta' Ottubru, 2016, huma ddikjaraw li huma qegħdin jibbażaw l-eċċezzjoni tagħhom fuq* ***artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili)*** *ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:*

"F'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni għeluq ħames snin minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi."

*7. Ir-rikorrent qiegħed jikkumbatti din l-eċċezzjoni fl-ewwel lok billi jsostni li dan l-artikolu 1224 li fuqu qed jibbażaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tagħhom l-istess intimati ma huwiex applikabbli fil-każ odjern. Ir-rikorrent jasserixxi li l-azzjoni intavolata minnu fil-proċeduri odjerni mhijiex azzjoni għar-<u>rexissjoni</u> ta' ftehim kif jikkontempla l-artikolu 1224, iżda hija azzjoni għar-<u>riżoluzzjoni</u> ta' ftehim. Ir-rikorrent jgħid li rexxissjoni ta' ftehim u riżoluzzjoni ta' ftehim huma żewġ azzjonijiet distinti u separati u għaldaqstant wieħed ma jistax iħawwad waħda mal-oħra.*

*8. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal din is-sottomissjoni tar-rikorrent hija legalment korretta. L-istitut tar-rexxissjoni huwa trattat fl-artikoli 1209 sa 1231 tal-Kodiċi Ċivili. Azzjoni għar-rexxissjoni ssir meta ikun hemm anomalija jew difett li jkun jissussisti fil-mument li l-kuntratt jiġi konkordat jew iffirmat. Din l-anomalija tirrendi l-kuntratt annullabbli. L-istess Kodiċi Ċivili jsemmi każijiet meta ftehim jista' jiġi*

*rexxiss, fosthom il-leżjoni meta wieħed mill-kontraenti ikun minuri. L-artikolu 1212 isemmi każijiet oħra li jagħtu lok għar-rexxissjoni:*

"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni."

*L-istitut li jittratta l-kondizzjoni riżoluttiva jinstab primarjament fl-artikoli 1066 sa 1069 tal-Kodiċi Ċivili. Azzjoni għar-riżoluzzjoni ta' ftehim issir minħabba xi raġuni rikonoxxuta mil-liġi li sseħħ f'xi żmien wara li l-kuntratt ikun sar jew ġie ffirmat. Il-kuntratt inizjalment ikun pjenament validu, iżda dan jista' jkun suġġett għax-xoljiment per eżempju minħabba inadempjenza, u dan għaliex "*il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha ..." (fn. 5 Artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili). *Kif sewwa jingħad fin-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrent d-differenza bejn l-azzjoni rexxissorja u dik ta' riżoluzzjoni hija spjegata sewwa fis-sentenza* ***'Emmanuele Calleja vs Joseph Grech'*** *deċiża fl-10 ta' Ġunju, 1965 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn il-Qorti qalet hekk:*

*"*Id-deduzzjoni fid-domanda mhix għar-rexxissjoni jew annullament tal-kuntratt, li trid dikjarazzjoni ġudizzjarja 'ad hoc' (Appell – '**Agius vs Ciancio**', Vol 29.i.452), imma għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, li għalkemm trid ukoll tiġi dikjarata ġudizzjarjament, hija ħaġa differenti mir-rexxissjoni tant hekk li l-liġi tallokahom f'subtitoli differenti. Infatti d-differenza hija ċara, inkwantu fin-nullità l-kuntratt ma jkunx qatt eżista, fir-rexxissjoni, il-kuntratt għalkemm validu, ikun difettuż u għalhekk annullabbli mentri fir-riżoluzzjoni l-kuntratt ikun perfett imma sempliċement soġġett għax-xoljiment fil-każ li xi waħda mill-partijiet ma tissodisfax l-obbligazzjoni tagħha."

*9. Illi t-Tribunal eżamina dak li ġie sottomess fir-rigward ta' din il-kwistjoni mill-imsemmija żewġ intimati fin-nota tagħhom u ma jistax jikkondividi dak li jintqal hemm għaliex fil-fehma konsiderata tiegħu, l-interpretazzjoni legalment korretta ingħatat fil-paragrafu preċedenti. Għaldaqstant, peress li hawn si tratta minn azzjoni għar-riżoluzzjoni ta' ftehim u mhux minn azzjoni għar-rexxissjoni ta' ftehim, evidentement il-preskrizzjoni eċċepita mill-initimati Naudi u l-ATB mhijiex applikabbli għall-każ odjern u konsegwentement mhix sostenibbli hemm lok li tinċaħad.*

*10. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent ressaq żewġ argumenti oħra biex jikkumbatti l-preskrizzjoni eċċepita mill-istess intimati u ċioe li din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi eċċepita kontra l-Gvern ta' Malta* ai termini *tal-Artikolu 2115(2) tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll li l-azzjoni mhux preskritta għax fil-fatt l-azzjoni intavolata b'dan l-arbitraġġ saret tempestivament. La darba dan it-Tribunal diġà wasal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1224 tal-istess Kodiċi Ċivili ma hijiex*

*applikabbli għall-każ odjern, evidentement ma hemm l-ebda ħtieġa li t-Tribunal jissokta jindaga fuq dawn iż-żewġ argumenti ulterjuri tar-rikorrent.*

***D L-eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni sollevata mill-Intimat Vincent Cortis et***

*11. Dawn l-intimati kollha wkoll eċċipew il-preskrizzjoni tal-ħames snin, iżda huma naqsu milli jindikaw l-artikolu li fuqu qed jibbażaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan huwa nuqqas serju ħafna għaliex meta jiġri hekk, din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi akkolta. F'dan ir-rigward it-Tribunal jagħmel riferenza għas-sentenza ċitata mir-rikorrent, Henry P. Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Lulju, 2003 fejn il-Qorti qalet illi "*l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tista' qatt tiġi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu huwa qed jibbaża din l-istess eċċezzjoni tiegħu.*" (fn. 6 Ara wkoll: Alfred Stivala vs Oliver Agius: Appell Ċivili Numru 270/2006/1 deċiż fit-30 ta' Novembru, 2012). Dan hu l-insenjament kostanti tal-Qrati tagħna li irritenew li min jeċepixxi l-preskrizzjoni irid jindika l-artikolu tal-liġi li fuqu jkun qed jibbaża dik l-eċċezzjoni.*

"Illi f'dan il-kuntest jingħad li huwa prinċipju llum stabbilit li jekk l-eċċipjent ma jispeċifikax liema preskrizzjoni qed jinvoka l-Qorti ma tistax tikkonsidraha u dan għaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva" (fn. 7 A.C.R Cali vs Perit Galea – 11 ta' Mejju, 1956 – Vol. XL p. 1 p. 166; Air Maltapls vs Via Holidays and Travel Limited P.A. (GV) – 29 ta' Jannar, 2002.

*L-istess insenjament jinstab fis-sentenza Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd. (P.A. – 3 ta' Ottubru 2003) fejn jingħad li: -* "Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza illi l-Qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata f'forma speċifika. Ara deċiżjonijiet a Vol.XXXIII P1 p.481 u Vol. XLI P1 p.178. Effettivament is-soċjetà konvenuta ma speċifikat l-ebda artikolu tal-liġi li jgħodd għall-każ, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili*". Isegwi li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni eċċepita mill-intimat Vincent Cortis et mhix sotenibbli u hemm lok li tinċaħad.*

***E L-eċċezzjoni tal-improponibbilità tal-azzjoni tar-Rikorrent sollevata mill-ATB u mill-intimat Naudi***

*12. Din l-eċċezzjoni, elenkata bin-numru 2 fir-Risposta li sservi bħala Statement of Defence ta' dawn l-intimati, tgħid hekk: ...* "it-talbiet kif ġew impostati huma improponibbli u dan stante li kienu diġa ġew intavolati proċeduri sabiex ir-rikorrent jottjeni refużjoni ta' flus bis-saħħa ta' dan l-istess kuntratt u fil-fatt l-istess rikorrent ottjena titolu eżekuttiv għal dak li jirrigwardja din ir-refużjoni".

*Irriżulta li r-Rikorrent kien intavola proċeduri sabiex jirkupra l-ammont ta' erbat'elef u ħames mitt Ewro (€4,500) li kienu dovuti lilu ai termini tal-klawsola 7 tal-ftehim. Dawn il-proċeduri kienu jinvolvu ittra uffiċjali (fn. 8 ara Dok MSDEC6 ippreżentat fis-seduta tal-5 t'Awwissu, 2006) li ġiet intavolata fil-5 t'Awwissu, 2016 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġi osservat li din l-ittra ntbagħtet unikament lil ATB u mhux ukoll lill-intimati l-oħra li jissemmew fl-azzjoni odjerna. Din l-ittra ġiet debitament notifikata iżda ma kinitx ġiet imwieġba u lanqas ikkontestata min-naħa ta' ATB, bil-konsegwenza li r-rikorrent akkwista titolu eżekuttiv fil-konfront ta' ATB għall-imsemmi ammont ta' erbat'elef u ħames mitt Ewro (€4,500). Ma ġiex ikkontestat li r-rikorrent ħareġ mandat ta' sekwestru kontra ATB, izda bis-saħħa tal-istess mandat huwa ma rnexxilux jirkupra l-ammont kollu dovut lilu mingħand ATB peress li din ma kelliex fondi biżżejjed fil-kontijiet tal-bank tagħha biex ikopru l-ammont kollu dovut. Infatti, rriżulta li r-rikorrent irnexxielu jirkupra biss is-somma ta' elfejn, mija u erbgħa u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€2,184.60) u għalhekk baqalu l-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħmistax -il Ewro u erbgħin ċenteżmi (€2,315.40) x'jirkupra.*

*13. Illi minn dak li intqal s'issa jirriżulta illi t-titolu eżekuttiv li għandu r-rikorrent huwa fil-konfront ta' ATB biss u mhux fil-konfront tal-intimat Naudi u l-intimati kollha l-oħra. Għalhekk jidher ċar li ma kien hemm xejn li jista' jwaqqfu milli jintavola proċeduri oħra, kif qiegħed jagħmel bl-azzjoni odjerna, sabiex jipprova jottjeni titolu eżekuttiv fil-konfront tal-intimat Louie Naudi u l-intimati l-oħrajn għall-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħmistax -il Ewro u erbgħin ċenteżmi (€2,315.40) li jippretendi li għandu dritt jirkupra bl-azzjoni odjerna minn għandhom jew min minnhom. Pretensjoni din, li l-istess intimati qegħdin jikkontestaw bi sħiħ fil-kuntest tal-proċeduri odjerni. Isegwi għalhekk li l-eċċezzjoni in kwistjoni ma tistax tintlaqa'.*

***F L-eċċezzjoni sollevata mill-ATB li l-ammont ta' €4,500 ma kellux jiġi inkluż fit-talba tar-Rikorrent***

*14. Din l-eċċezzjoni hija elenkata bin-numru 7 fir-Risposta li sservi ta' Statement of Defence f'dawn il-proċeduri, u ġiet artikolata hekk: "*Illi f'dak li jirrigwardja l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, preliminarjament diġà hemm titolu eżekuttiv f'dak li jirrigwardja l-ammont ta' €4,500 u għaldaqstant *dato ma non concesso* li r-rikorrent għandu raġun, dan l-ammont għandu jiġi kkunsidrat u mnaqqas mill-ammont li qed jiġi mitlub*". Evidentement, din l-eċċezzjoni hija konnessa ħafna mal-eċċezzjoni li għadha kemm ġiet ikkunsidrata fiż-żewġ paragrafi preċedenti. Mingħajr bżonn ta' ripetizzjonijiet inutili, dan it-Tribunal jidhirlu li l-ATB għandha raġun tilmenta li jekk l-azzjoni odjerna tirnexxi għal dik il-parti li tikkonċerna l-klawsola 7 tal-kuntratt, u b'hekk hija tkun ikkundannata tħallas lir-rikorrent l-bilanċ rimanenti ta' €2,315.40,*

*dan ikun ifisser li r-Rikorrent jkun akkwista titolu eżekuttiv doppju fil-konfront tal-ATB għall-istess ammont ta' €2,315.40 (u cioe l-ammont li r-rikorrent għadu ma rnexxilux jirkupra bil-mandat li sar wara l-ittra uffiċjali). L-ATB għandha raġun tilmenta li hija ma tistax tiġi doppjament ikkundannata sabiex tħallas l-istess ammont. Isegwi għaldaqstant li hemm lok li t-Tribunal jilqa' in parti din l-eccezzjoni billi jiċħad it-talba għall-kundanna tal-ATB biex din tħallas l-ammont imsemmi ta' €2,315.40 (fn. 9 Dan l-ammont ġie inkluż mir-rikorrent fis-somma komplessiva ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħmistax-il Ewro u erbgħin Ewro ċenteżmu (Eur 27,815.40) mitluba minnu fit-tielet (3) domanda tiegħu) u dan stante li r-rikorrent diġà ottjena titolu eżekuttiv li jkopri dan l-istess ammont.*

***G L-eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi li mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ***

*15. Din l-eċċezzjoni (fn. 10 Din l-eċċezzjoni taqra hekk:* 'Illi f'dak li jirrigwardja l-intimat Louie R Naudi, l-intimat mhux membru tal-Assoċjazzjoni iżda huwa s-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni u meta ffirma l-kuntratt huwa ffirma biss taħt din il-mansjoni u mhux f'ismu proprju. Għalhekk huwa ma huwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ.') *hija elenkata bin-numru 4 fir-Risposta (fn. 11 Din ir-Risposta ġiet intavolata fl-20 ta' Novembru, 2015 u għandha tiġi konsidrata bħala Statement of Defence). Effettivament, l-intimat Naudi qiegħed jeċċepixxi u jispjega kif, fil-fehma tiegħu, dan it-Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni li jisma' dan l-arbitraġġ in kwantu dan huwa dirett kontra tiegħu personalment għaliex il-klawsola arbitrali li fih il-kuntratt torbot lill-ATB u lir-rikorrent, iżda mhux ukoll lilu. L-intimat Naudi spjega din l-**eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni** hekk:*

"1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti Louie R. Naudi jagħmel referenza għall-klawsola 11 tal-ftehim datat 30 ta' Ġunju, 2009, fejn il-partijiet – u ċioe l-ATB u l-MRRA – qablu li kwalunkwe disputa bejniethom rigwardanti dak il-ftehim għandha tiġi riżolta permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ;
2. Illi l-esponenti Louie R. Naudi ffirma dan il-ftehim fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali u għan-nom tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, u mhux f'ismu personali, u dan kif tixhed ukoll il-board resolution annessa bħala Dok. A mal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, fejn l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa għamlet referenza għall-kontenut tal-ftehim u awtorizzat lill-intimat Louie R. Naudi biex jiffirma l-istess ftehim f'isimha;

3. Illi għaldaqstant l-intimat Louie Naudi proprja fl-ebda ħin ma ffirma ftehim fejn volontarjament issottometta ruħhu għall-ġurisdizzjoni ta' tribunal arbitrali, u għaldaqstant kwalunkwe proċeduri kontrih kellhom in ogni każ jinġabu quddiem il-Qrati Maltin li għandhom ġurisdizzjoni f'din il-materja."

*16. It-Tribunal jinnota li fl-eċċezzjoni li hija elenkata fir-Risposta bin-numru 4, imkien ma tissemma il-kelma* "ġurisdizzjoni" *jew xi kelma oħra li tista' tagħti imqar ħjiel tal-istess kunċett legali. Konsegwentement, ftit wieħed jista' jifhem x'ġustifikazzjoni legali jista' jkun hemm li eċċezzjoni preliminari mogħtija debitament fil-bidu tal-arbitraġġ li biha jiġi eċċepit li l-eċċipjenti ma hux leġittimu kontradittur għar-raġunijiet hemm indikati, inaspettatament, fl-aħħar nett tal-iter proċedurali, u cioé fil-kuntest ta' nota ta' osservazzjonijiet, prattikament tinbidel billi issir eċċezzjoni li tallega nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal fil-konfront tal-istess eċċipjent. Hu risaput li l-eċċezzjonijiet, bħala regola, jingħataw fil-bidu nett tal-proċediment. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ċertament mhiex xi eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proċediment, inkluż fil-kors ta' appell. Lanqas hija eċċezzjoni li inqalgħet waqt il-kors tal-arbitraġġ. Hu risaput li l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' tribunal, għandha tingħata* **in limine litis**, *għax diversament min jeċċepiha tardivament,* nolens volens, *ikun konsidrat li ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-istess tribunal. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-eċċezzjoni imsemmija tal-allegat nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ma hemmx lok li tintlaqa'.*

***H. It-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimat Vincent Cortis et***

*17. It-tieni eċċcezzjoni tal-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra tasserixxi li huma m'għandhomx jinstabu responsabbli għaliex meta ġie ffirmat il-ftehim huma ma kienux involuti fl-assoċjazzjoni, u jekk kienu, huma ma tawx il-kunsens tagħhom sabiex l-intimat Naudi jidher fuq il-ftehim. Jidher ċar li l-kwistjoni involuta f'din l-eċċezzjoni hija waħda ta' fatt u għalhekk hemm bżonn li ssir analiżi tal-provi rilevanti u relattivi li inġabru matul il-kors tal-arbitraġġ.*

*18. Waqt li r-rikorrent kien qiegħed jissottometti l-provi tiegħu, huwa ressaq* ***l-intimat Naudi*** *biex jixhed. Mitlub jispjega t-trattativi li saru qabel ġie iffirmat il-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, ix-xhud Louie Naudi qal li fi Frar tas-sena 2009, ikkontattjawh tliet aġenti tal-patata u qalulu li hemm kriżi sħiħa fis-settur għall-esportazzjoni tal-patata u li xtaqu li x-xhud jidħol jara jsibx soluzzjoni. Qalulu li l-Ministeru, bħala Ministeru ma wasalx. Ix-xhud qal li beda jinvestiga u sab li għas-sena 2005 u 2006, ma kien sar xejn fir-rigward tal-GlobalGAP, jiġifieri ma kienx hemm kontinwazzjoni ta'* records *minn sena għall-oħra. Ix-xhud qal li t-tliet aġenti, li kellhom il-bdiewa reġistrati magħhom, tawh il-lista tal-istess bdiewa <u>u hu, f'isem l-istess aġenti u bdiewa esportaturi tal-patata sejjaħ laqgħa għal dawn l-aġenti u għal dawn il-bdiewa</u>* ***<u>mingħajr ma daħħal l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa</u>****. Żied jgħid li din l-Assoċjazzjoni ġiet involuta żmien wara.*

*Mistoqsi kif allura daħlet l-Assoċjazzjoni fil-kwistjoni, ix-xhud qal li l-Ministeru talab lill-Avukat Ġenerali biex jeżamina l-kuntratt minħabba li kien sejjer ikun hemm għajnuna mill-Istat. U l-parir li ngħata kien li l-esportaturi tal-patata huma* business-oriented *u dawn ma jistgħux jagħmlu applikazzjoni ta' State Aid u ġie suġġerit li tidħol l-ATB. Ix-xhud żied jgħid li mar quddiem il-Bord tal-ATB u qalilhom:*

"Isma' għandna kriżi, x'se nagħmlu. **Qaluli aħna x'għandna x'naqsmu**. **U jiena f'dik il-laqgħa dħalt responsabbli, quddiem il-kumitat tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa** *(fn. 13 ara x-xhieda tiegħu li ta fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2016, eżattament f'paġna 12)" (enfasi tat-Tribunal).*

*Ix-xhud tahom il-kelma tiegħu u sussegwentement ġie ffirmat il-kuntratt. Ix-xhud stqarr li dan il-ftehim innegozzjah* "sentenza b'sentenza, paragrafu b'paragrafu" *u kien importanti biex salva sitwazzjoni urġenti u perikoluża fejn il-patata ta' dik is-sena ma kienetx sejra tiġi esportata.*

*19. L-intimat Naudi kompla jixhed illi fid-data tal-kuntratt u cioé fit-30 ta' Ġunju, 2009, l-ATB kienet irreġistrata bħala employers' organization iżda xi żmien wara ġiet* "deregistered". *Xehed ukoll li minkejja dan u għalkemm ma ġiet reġistrata taħt ebda forma oħra, l-assoċjazzjoni baqgħet topera abbażi tal-istatut tagħha. Qal li sal-31 ta' Lulju, 2015 hu kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-ATB u li f'din l-istess data saret l-aħħar laqgħa ġenerali annwali. Żied jgħid illi għalkemm l-ATB m'għadhiex tiffunzjona, għadha ma ġietx xolta peress illi għadha trid issir laqgħa ġenerali annwali għal dan l-iskop. L-intimat Naudi ġie mistoqsi jidentifika l-membri tal-Assocjazzjoni li kien qed jgħid li kien u għadu Segretarju tagħhom u huwa wieġeb hekk:*

"Jiena, minn jeddi, wara li nqala' dal-każ erġajt assumejt ir-role biex ikun hemm xi ħadd li jkun responsabbli u jiena ħa nieħu r-responsabbilità kollha ta' dak li ġara" *(enfasi tat-Tribunal).*

*Fix-xhieda tiegħu l-intimat Naudi ġie mitlub biex jippreżenta dokumenti relevanti u cioé l-istatut kif kien fit-30 ta' Ġunju, 2009, min kienu l-membri tal-Bord tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa fit-30 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll il-minuti tal-laqgħa li saret fit-12 ta' Mejju, 2009 fejn Louie Naudi allegatament ingħata l-awtorizzazzjoni biex jidher għan-nom tal-assoċjazzjoni fuq il-ftehim mertu tal-arbitraġġ. Però għalkemm l-intimat Naudi obbliga ruħu li jippreżenta dawn id-dokumenti, ġie fis-seduta ta' wara u cioé dik tal-5 t'Awwissu, 2016 qal illi kien fittixhom ma kienx irnexxielu jirrintraċċahom.*

*20.* ***L-intimati Eucharistico Zahra, Vincent Cortis u Louis Sant*** *u* ***Raymond Grima*** *(fn. 15 Ara x-xhieda tagħhom mogħtija fit-2 ta' Mejju, 2016, f'paġna 17 sa 20. Sfortunatament ix-xhieda ta' Raymond Grima ma tidhirx li ġiet traskritta/reġistrata)*

*tressqu biex jixhdu mir-rikorrent meta dan tal-aħħar kien qiegħed iressaq il-provi tiegħu. Huma qalu li kienu membri tal-Assoċjazzjoni meta din twaqqfet fis-sena 2006 u li sussegwentement ma kinux baqgħu membri tal-Assoċjazzjoni peress illi ma baqgħux iħallsu l-miżata tas-sħubija. Kienu mdejqin bl-affarijiet kif kienu mixjin. Il-miżata tas-sħubija ħallsuha biss fis-sena 2006.*

*21. Fis-seduta tal-5 t'Awissu, 2016 ġew preżentati l-affidavits (fn. 16 ara dawn is-sitt affidavits esebiti bħala Dok. EG1 sa Dok. EG6) tal-intimati* ***George Busuttil, Twanny Galea, Jesmond Abela, Brian Camilleri, George Mifsud u Philip Micallef*** *li lkoll qalu li m'għadhomx membri tal-Assoċjazzjoni u li qatt ma staqsew lil Louie Naudi x'kien ġara mill-Assoċjazzjoni intimata. Dawn l-intimati ħallsu il-miżata ta' sħubija fl-ATB uħud minnhom għall-ewwel sena biss, cioé għas-sena 2006, u uħud minnhom ħallsu wkoll il-miżata għas-sena 2007, iżda wara ftit xhur informaw lill-intimat Naudi li ma ridux jibqgħu membri tal-istess ATB. Qalu li kienu qed jaraw ħafna disgwid u ma kinux qegħdin jiġu informati x'kien qiegħed jiġri fl-ATB. Iddikjaraw ukoll li huma ma kienu jafu xejn dwar x'għamel l-intimat Naudi peress li huwa qatt ma kien jagħmel kuntatt magħhom u meta raw li ma seħħ xejn, qatt ma staqsw x'kien ġara mill-ATB.*

*22. Fis-seduta miżmuma fit-12 t'Ottubru, 2016 reġa' xehed* ***l-intimat Eucharistico Zahra. Zahra*** *spjega li kien ilu ħafna involut fl-Assoċjazzjoni sa minn meta din kienet immexxijja minn Peter Axisa. Qal li x-xogħol taċ-ċertifikazzjoni tal-patata għall-esportazzjoni fil-bidu kien isir mill-Gvern. Imbagħad il-Gvern iddeċieda li jitfa' dan ix-xogħol fuq l-Assoċjazzjoni* ***u din irrifjutat għax ma kellhiex ir-riżorsi neċessarji biex tagħmilha****. Kompla jgħid:* "X'ħin ġiet fuqna, ma ridnihiex aħna ... Imbagħad il-patata ma setgħetx tesporta ruħha jekk ma jsirx u Louie baqa' sejjer waħdu*". (fn. 17 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2016, f'paġna 6). Kompla jgħid: "*Louie kif stajt nifhem wara ... beda jaħdem hu mal-importaturi. Qabbad lil xi ħadd minn ġewwa, minn tal-gvern ma nafx min, xi ħadd moħbi u beda jiddilja miegħu biex jagħmlu din il-whatever*" (sic). (fn. 18 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 2016, f'paġna 7). Hawnhekk ix-xhud qed jirreferi għall-kuntratt li bis-saħħa tiegħu l-intimat Naudi irnexxielu jġib fondi mingħand il-Gvern. Żied jgħid:* "Jien ma naf b'xejn, ma nafu b'xejn għax aħna irrifjutajna. U x'ħin ġie biex jiffirma, ġie bl-ATB miegħu. Dik il-problema li ġieb lilna, iffirma l-ATB*". (fn. 19 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Ottubru, f'paġna 7). Kompla jgħid ix-xhud li la hu u lanqas il-bdiewa sħabu intimati fl-arbitraġġ ma ħadu l-ebda benefiċċju mill-kuntratt. Meta rċevew l-inkartament ta' dan l-arbitraġġ, hu u sħabu marru jkellmu lill-intimat Naudi u dan irrilaxxjalhom żewġ dikjarazzjonijiet li esebixxa bħala Dok X1 u X2 li jaqraw rispettivament hekk, iżda bl-enfasi miżjud mit-Tribunal:*

"LIL MIN HU IKKONĊERNAT

Illum l-20 t'Awwissu, 2015 Jiena Louis Naudi li għadni nokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Association tal-Bdiewa (ATB) nirreferi għall-ittra li rċevejna miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta b'Ref: ARB 4468/2015 bid-data tad-19 ta' Awwissu, 2015;

Niddikjara li dawn il-persuni segwenti kienu fuq il-kumitat oriġinali tal-2006 iżda ma ħarġux għall-elezzjonijiet segwenti. **B'hekk fiż-żmien illi ġie innegozzjat u attwat il-ftehim tal-GlobalGAP dawn ma kienux involuti assolutament**:

Jesmond Abela
Louis Sant
Twanny Galea
Raymond Grima
George Busuttil
Eucharistico Zahra

Louie Naudi (iffirmat)
ID 515455M
153/155 Triq Birbal Balzan"
---------------------------------

"LIL MIN HU IKKONĊERNAT

Illum l-20 t'Awwissu, 2015 Jiena Louis Naudi li għadni nokkupa l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Association tal-Bdiewa (ATB) nirreferi għall-ittra li rċevejna miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta b'Ref: ARB 4468/2015 bid-data tad-19 ta' Awwissu, 2015;

Niddikjara li dawn il-persuni segwenti li jissemmew fuq l-ittra b'Ref: ARB 4468/2015 **ma kienux responsabbli għal kwistjoni tal-GlobalGAP**.

Mr. Vincent Cortis ID 890854M
Mr. George Mifsud ID 520580M
Mr. Jesmond Abela ID 336272M
Mr. Charlie Gauci ID 255474M
Mr. Philip Micallef ID 460178M
Mr. Brian Camilleri ID 193979M
Mr. Twanny Galea ID 0273771M
10. Raymond Grima ID 328260M
11. Louis Sant ID 548358M
12. George Busuttil ID 543163M
13. Eucharistico Zahra ID 378250

Louie Naudi (iffirmat)

ID 515455M
153/155 Triq Birbal Balzan"

*23. Ir-rikorrent ressaq biex jixhed lil* **Anthony Azzopardi**, *Assistent Direttur fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi dwar l-istatus tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa (fn. 20 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2016). Huwa spjega li din ġiet reġistrata bħala Assoċjazzjoni ta' Prinċipali skont l-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta) fis-6 ta' Settembru, 2006. Żied jgħid li fis-26 ta' Jannar, 2012 din l-Assoċjazzjoni ġiet ikkanċellata u l-kanċellazzjoni ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Frar, 2012. Is-Sur Azzopardi xehed li l-assoċjazzjonijiet tal-prinċipali huma obbligati li kull sena jibagħtu* annual returns *li jinkludu rendikont ta' min qiegħed fil-kunsill amministrattiv tagħhom, l-*audited accounts*, kemm għandhom membri bħala total u anke rendikont dwar l-attivitajiet ta' kull sena. Fir-rigward tal-ATB, ix-xhud spjega illi din naqset milli tagħmel dan ripetutament u dan minkejja id-diversi avviżi li intbagħtu mid-Dipartiment tiegħu biex l-ATB tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha mal-istess rekwiżiti. Minħabba f'hekk, id-Dipartiment kien kostrett li jikkanċella r-registrazzjoni ta' din l-Assoċjazzjoni, liema deċiżjoni qatt ma ġiet ikkontestata. Meta ġie mistoqsi dwar il-membri tal-kumitat u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita meta jkun hemm xi tibdil, Azzopardi qal illi kull sena l-assoċjazzjoni hija obbligata li tibgħat lir-Reġistratur il-kompożizzjoni tal-kumitat. Fir-rigward tal-ATB, Azzopardi qal li fl-ewwel sena, u cioé meta ġiet reġistrata l-assoċjazzjoni, skont l-informazzjoni li kienet provdiet l-assoċjazzjoni, il-President kien l-intimat Vincent Cortis, il-Viċi-President kien l-intimat George Mifsud u t-Teżorier kien l-intimat Raymond Grima. Bħala membri tal-assoċjazzjoni is-Sur Azzopardi indika lill-intimati Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Louis Sant, Raymond Grima, George Busuttil u Eucharistico Zahra. Fis-snin sussegwenti l-assoċjazzjoni ma baqgħetx tonora l-imsemmija obbligi għaliex ma baqgħetx tipprovdi l-informazzjoni rikjesta lid-Dipartment. Is-Sur Azzopardi ppreżenta l-istatut tal-Assoċjazzjoni kif ukoll e-mail datata 20 ta' Ottubru, 2009 (fn. 21 Ara Dok. AA1 u Dok. AA2 ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2016) mibgħuta lil Martin A Buttigieg, Uffiċjal fl-istess Dipartiment, mis-Sur Louie Naudi fejn ammetta illi ma kienx bagħat l-informazzjoni rikjesta mil-liġi u fejn wara li ta xi informazzjoni dwar l-operat tal-ATB, talab lill-imsemmi uffiċjal li jgħarrfu "*if you are in a position to stall proceedings till next March" (2010).

*24. Irriżulta li l-kuntratt li ta lok għal dan l-arbitraġġ ġie ffirmat fit-30 ta' Ġunju, 2009 bejn il-Ministeru rikorrent u l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa. L-ATB ġiet reġistrata fis-6 ta' Settembru, 2006 bħala* "Assoċjazzjoni ta' Prinċipali" *skont l-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi. Il-karatteristiċi ewlenin tal-istatus legali ta' assoċjazzjoni*

*bħal din, joħorġu mill-artikolu 49 (1) tal-istess Att. (fn. 22 49(1)* A trade union and an employers' association shall, for all purposes of law, be treated as an association of persons and not as a body corporate but (a) it shall be capable of making contracts; (b) all property belonging to the union or association shall vest in the union or association, but all powers, whether of disposal, administration or otherwise, in relation to such property shall be exercisable by or by the authority of the body of persons, by whatever name called, entrusted by the rules of the union or assocation with the conduct and management of its business; (c) it shall be capable of suing and, subjuect to the provisions of this Act, of being sued, whether in proceedings relating to property or founded on contract, tort or quasi-tort, or any other cause of action whatsoe*ver" (enfasi tat-Tribunal). Normalment, azzjoni legali kontra assoċjazzjoni simili ssir direttament kontra tagħha biss u mhux ukoll kontra l-membri tal-kumitat tat-tmexxija jew kontra l-membri tagħha personalment. Fil-fatt fil-bidu, r-rikorrent segwa din ir-regola, għaliex sal-perijodu qabel ma ġew intavolati l-odjerni proċeduri arbitrali, huwa aġixxa unikament u direttament kontra l-ATB biss meta intavola l-ittri uffiċjali tat-18 ta' Frar, 2013 (fn. 23 ara dok. MSDEC 6 esebit fis-seduta li nżammet fil-5 t'Awwissu, 2016) u tal-5 ta' Novembru, 2014 (fn. 24 ara Dok. PS2 esebit fis-seduta li nżammet fis-7 ta' April, 2016). Madanakollu, meta intavola l-arbitraġġ odjern, ir-rikorrent dehrlu (x'aktarx għar-raġuni imsemmija fil-paragrafu 12 supra) li kellu jindirizza l-azzjoni tiegħu mhux biss kontra l-ATB, iżda wkoll kontra l-intimat Naudi f'ismu propriju u kontra il-ħdax l-intimati l-oħra, wkoll f'isimhom proprju. Biex jiġġustika dan l-operat tiegħu, fil-konfront tal-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra, r-rikorrent ressaq ħames argumenti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu u ċjoé:*

*a. Illi l-ftehim mertu tal-każ odjern sar bil-barka tal-Bord Eżekuttiv ta' ATB u dan kif jirriżulta mir-riżoluzzjoni annessa mal-ftehim mmarkata bħala Dok A illi permezz tagħha ATB jidher illi awtorizzat lil Louie Naudi jidħol għal ftehim f'isimha.*
*b. Illi ġaladarba jirriżulta illi ATB kienet reġistrata bħala assoċjazzjoni ai termini tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u ġaladarba ai termini tal-artikolu 49(1) jirriżulta illi għall-finijiet kollha tal-liġi assoċjazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala enti morali iżda għandhom jitqiesu bħala assoċjazzjoni ta' persuni u u peress illi ma nġabet ebda prova illi l-assoċjazzjoni tgawdi mod ieħor minn personalità ġuridika separata u distinta minn dik tal-membri tagħha, jsegwi għalhekk illi l-membri u dawk li kienu qed jamministraw f'isimha kienu u għadhom responsabbli personalment għall-obbligazzjonijiet assunti minnha.*
*c. Illi r-rikonoxximent tagħha bħala assoċjazzjoni tneħħa, u għalhekk din l-assoċjazzjoni illum il-ġurnata tista' tiqis biss bħala* 'organizzazzjoni mhux reġistrata'

*ai termini tal-artikolu 13 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali organizzazzjoni, għalkemm għandha l-kapaċità li tiġi mħarrka f'isimha, ma tistax titqies bħala persuna ġuridika u dan skont dak li jistipula ir-regolament 14 tat-Tieni Skeda hawn fuq imsemmija. Isegwi għalhekk illi jekk tinstab responsabbli għall-ksur ta' obbligi kuntrattwali jkun ifisser illi hi flimkien mal-membri tagħha jridu jagħmlu tajjeb.*

*d. Illi l-intimati Vincent Cortis et jirribattu billi jgħidu illi huma ma kinux jiffurmaw parti mill-assoċjazzjoni fiż-żmien li sar il-ftehim u li huma ma kinux jafu x'inhu jiġri. F'dan ir-rigward ir-rikorrent ssottometta li mill-provi kien irriżulta illi l-ATB kienet ġiet reġistrata bħala Assoċjazzjoni ta' Prinċipali skont l-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi fis-6 ta' Settembru, 2006 u ġiet ikkanċellata fis-26 ta' Jannar, 2012. Bħala membri fiż-żmien li l-assoċjazzjoni ġiet reġistrata kienu ġew reġistrati l-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra. Dawn baqgħu jidhru hekk reġistrati sal-2012 u cioé sakemm l-assoċjazzjoni kienet ikkanċellata. Illi r-rikorrent żied jissottometti li kien l-obbligu tagħhom illi jekk ma baqgħux membri tal-ATB jaraw illi isimhom ikun ġie kkanċellat u dan sabiex ikun hemm traċċabilità sħiħa ta' kif ikunu mexjin l-affarijiet u sabiex ma jkunx jidher li huma għadhom jiffurmaw parti mill-assoċjazzjoni jekk dan ma jkunx minnu. Il-fatt li uffiċjalment huma qatt ma tneħħew minn membri tal-assoċjazzjoni ifisser illi huma wkoll baqgħu responsabbli għall-obbligazzjonijiet assunti minnha;*

*e. Illi inoltre l-esponent isostni wkoll illi l-intimati imsemmija Vincent Cortis et ma jistgħux jaħarbu mir-responsabbilità billi jgħidu li ma kinux jafu x'kienet is-sitwazzjoni u dan peress illi l-fatt illi kienu membri u uħud minnhom saħansitra membri tal-Bord Eżekuttiv tal-ATB ifisser illi huma kellhom l-obbligu li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom taħt l-istatut u jaraw illi l-obbligi assunti mill-ATB jiġi sodisfatti. F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza <u>Dottor Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit</u> et deċiża fl-14 ta' Mejju, 2010 fejn, għalkemm din tittratta każ ta' diretturi ta' kumpannija, wieħed jista' jiġbed analoġija għal każ odjern. Fil-każ imsemmi il-Qorti fil-fatt kienet qalet hekk:*

"Id-diretturi ma jistgħux jaħarbu mir-responsabiltà tagħhom billi jgħidu li huma ma kinux jafu x'kienet il-vera sitwazzjoni tal-kumpanija li ma jifhmux jew li huma joqogħdu fuq dak li jgħidulhom il-konsulenti imqabbda minnhom. .... Direttur anke jekk non-executive jew minoritarju għandu l-istess responsabilità bħad-diretturi l-oħra u għandu l-obbligu li jkun jaf u jimpenja ruħu li jwettaq id-doveri imposti fuqu mil-liġi."

*25. Sfortunatament, l-imsemmija intimati ma ressqu ebda nota ta' osservazjonijiet biex jirribattu l-imsemmija argumenti legali tar-rikorrent, iżda dan it-Tribunal xorta waħda jħoss li għandu dmir jindaga dwar il-validità o meno tal-istess argumenti fid-dawl tal-provi rilevanti fil-proċess u b'hekk jonora d-dmir tiegħu li jagħmel ġustizzja mal-kontendenti kollha.*

*26. Fil-fehma tat-Tribunal, dak li verament iħoll jew jorbot biex tiġi riżolta l-kwistjoni li qiegħda tiġi investigata f'din il-parti ta' dan il-lodo arbitrali huwa jekk teżistix prova sodisfaċenti li l-imsemmi intimat Cortis u sħabu l-bdiewa l-oħra intimati kienu effettivament membri tal-Eżekuttiv tal-ATB jew membri ordinarji tal-istess ATB <u>fid-data tat-12 ta' Mejju. 2009</u>, data li tidher fuq ir-riżoluzzjoni mmarkata bħala Dok A annessa mal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. "On the face of it" jidher li din hija Board Resolution li ġiet ivvotata unanimament mill-Executive Committee (Board) tal-ATB f'laqgħa li saret apposta fit-12 ta' Mejju, 2009 u bis-saħħa tagħha Louie R. Naudi jidher li ġie awtorizzat jiffirma għan-nom tal-ATB il-kuntratt mertu tal-arbitraġġ odjern. Bit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-istess intimati qegħdin jikkontestaw il-validità tal-istess dokument <u>fil-konfront tagħhom</u> minħabba li meta ġie ffirmat il-ftehim, huma ma kinux involuti fl-assoċjazzjoni, u jekk kienu, huma ma tawx il-kunsens tagħhom sabiex l-intimat Naudi jidher fuq il-ftehim.*

*27. Irriżulta mill-evidenza li sar aċċenn għaliha fil-paragrafi preċedenti u senjatament ix-xhieda ta' Anthony Azzopardi, Assistent Direttur fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi, li fis-6 ta' Settembru, 2006, u cioé meta ġiet reġistrata l-assoċjazzjoni, skont l-informazzjoni li kienet provdiet l-Assoċjazzjoni, il-President kien l-intimat Vincent Cortis, il-Viċi-President kien l-intimat George Mifsud u t-Teżorier kien l-intimat Raymond Grima. Bħala membri tal-assoċjazzjoni l-istess Anthony Azzopardi indika lill-intimati Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Louis Sant, Raymond Grima, George Busuttil u Eucharistico Zahra. L-intimat Louie Naudi ġie indikat bhala Segretarju Onorarju tal-ATB. L-istatut tal-ATB jipprovdi li* "L-ATB tkun immexxija minn Eżekuttiv li jkun magħmul minn President, Viċi-President, Teżorier, li huma l-Ufficjali tal-ATB, u minn tmien (8) membri li jiġu eletti fis-seduta Ġenerali Annwali għal sentejn". (fn. 25 ara klawsola 4.1 fid-dok. AA1 esibit minn Anthony Azzopardi fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2016).

*28. Irriżulta mill-evidenza li nġabret, li l-intimat Vincent Cortis u sħabu l-intimati bdiewa fuq imsemmija, ħallsu debitament il-miżata ta' sħubija fl-ATB uħud minnhom għall-ewwel sena biss u uħud minnhom ħallsu wkoll il-miżata għas-sena wara 2007, iżda huma nformaw wara ftit xhur lill-intimat Naudi li ma ridux jibqgħu membri tal-istess ATB għar-raġunijiet li taw fosthom li kienu jitħallew fil-għama u ma kinux sodisfatti bil-mod kif kienet qed titmexxa. Din ix-xhieda ta' dawn l-intimati ma ġiet bl-*

*ebda mod kontradetta mill-intimat Naudi, li anke irrilaxxjalhom id-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija. (fn. 26 ara paragrafu 22 supra).*

*29. Jirriżulta li waħda mill-klawsoli tal-imsemmi statut (fn. 27 ara klawsola 3.12 fid-dok. AA1 esebit minn Anthony Azzopardi fis-seduta tat-2 ta' Ġunju, 2016. Din l-istess klawsola tidher bħala klawsola 3.8 ukoll fl-istatut emendat Dok. LRN1 esibit mill-intimat Naudi fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2016) oriġinali tal-ATB, li ġie preżentat lir-Reġistraur meta l-ATB kient irreġistrata, taqra hekk:*

"Kull bidwi li jibqa' moruż fil-ħlas tas-sħubija għal żmien sentejn, jiddekadi mid-dritt ta' sħubija u biex jerġa' jiġi ammess apparti li għandu jgħaddi mill-istess proċedura ta' membru ġdid, għandu jiġi mitlub iħallas l-arretrati".

*It-Tribunal jifhem li din il-klawsola awtomatikament skattat bid-dekors taż-żmien fil-konfront tal-intimat Vincent Cortis u sħabu l-intimati bdiewa meta dawn ma baqgħux iħallsu l-imsemmija miżata ta' sħubija li kien jesiġi l-istatut tal-ATB biex huma jkunu membri tagħha. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-intimat Naudi, li kien is-Segretarju Ġenerali tal-ATB, kien konsapevoli tal-fatt li skont l-istatut tagħha, dawk il-persuni li kienu jidhru fl-atti tar-Reġistratur tat-Trade Unions bħala uffiċjali u membri tal-ATB, kienu effettivament iddekadew mid-dritt ta' sħubija fl-ATB.*

*30. Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal Ii, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, l-intimat Vincent Cortis u sħabu l-intimati bdiewa l-oħra, ma kinux baqgħu imsiħbin bħala membri tal-ATB meta saret l-imsemmija riżoluzzjoni mmarkata bħala Dok A annessa mal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009 u meta ġie ffirmat mill-intimat Naudi l-kuntratt tat-30 ta' Ġunju, 2009 u ċertament ma kinux membri tal-ATB meta r-reġistrazzjoni tal-ATB ġiet ikkanċellata mir-Reġistratur tat-Trade Unions fis-26 ta' Jannar, 2012 kif ukoll ma kinux membri meta ġie intavolat dan l-arbitraġġ fis-6 t' Awissu, 2015. Din il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija msaħħa mhux biss mix-xhieda tal-istess intimati, iża wkoll mix-xhieda li tal-intimat Naudi (fn. 28 ara paragrafi 18 u 19 supra, partikolarment il-partijiet li huma sottolinejati) kif ukoll mid-dikjarazzjonijiet tal-istess intimat, li ġew esibiti mill-intimat Eucharistico Zahra (fn. 29 ara paragrafu 22 supra).*

*31. Skont l-artikolu 58 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ATB kellha obbligu li <u>kull sena</u> tipprovdi lir-Registrar of Trade Unions ċerta informazzjoni bażika (fn. 30 l-artikolu 58 jgħid hekk: "*On or after the second day of June and before the first day of July in every year, the Registrar shall by notice in the Gazette, call upon and require all registered trade unions and employers' associations to transmit to him, such form or format as he may require (a) <u>a list of the names of the officers of the union or assocation, showing also the office held by each of them; (b) a declaration that the</u>

names of the members and other particulars shown in the record required to be kept by article 57 have been brought up-to-date and that the necessary alterations have been made to the said record for that purpose; (c) a statement of the receipts, funds and expenditure of the union or association in respect of the preceding year; (d) a copy of the annual report showing the activities of the union or association during the preceding year or, if no such report has been made, a statement signed by the secretary of the union or association showing the said activities during that year, and every trade union and every employers' association shall comply with such requirement, within fifteen days from the publication of the notice in the Gazette as aforementioned" (Enfasi tat-Tribunal), *dwar l-uffiċjali u l-membri tagħha. Irriżulta mix-xhieda tal-imsemmi Anthony Azzopardi li wara s-sena 2006 l-Assoċjazzjoni ma baqgħetx tonora l-imsemmija l-obbligi tagħha billi ma baqgħetx tipprovdi l-informazzjoni rikjesta fl-imsemmi artikolu tal-Kap 452. Jidher li kien ukoll minħabba din l-inadempjenza inoltrata (fn. 31 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2016, f'paġna 7: "*Fil-fatt waħda mir-raġunijiet għalfejn eventwalment ġiet ikkanċellata. Dawn qatt ma bagħtu min hu l-president, segretarju, eċċ. Minkejja l-ħafna reminders, b'dawk li aħna ngħidulhom il-pink cards, li nafu li waslet, tipo ittra reġistrata") *li l-ATB ġiet ikkanċellata mir-Reġistratur. It-Tribunal huwa tal-fehma li kien kompitu preċiż tal-intimat Naudi, bħala s-Segretarju Ġenerali tal-ATB, li jibgħat l-*annual returns *obbligatorji lill-imsemmi Reġistratur.*

*32. Kif intqal aktar 'il fuq, is-Sur Azzopardi ppreżenta e-mail datata 20 ta' Ottubru, 2009 mibgħuta lil Martin A Buttigieg, Uffiċjal fl-istess Dipartiment tiegħu, mill-intimat Naudi fejn dan jammetti illi ma kienx bagħat lid-Dipartiment l-informazzjoni rikjesta mil-liġi u fejn wara li ta xi informazzjoni dwar l-operat tal-ATB matul is-snin 2006, 2007 u 2008, talab lill-imsemmi uffiċjal li jgħarrfu "*if you are in a position to stall proceedings till next March *(fn. 32 ara Dok. AA2 ippreżentat waqt ix-xhieda mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2016)" (2010). F'din l-email, l-intimat Naudi jikteb hekk (għan-nom tal-ATB):*

"Dear Mr Buttigieg
Please accept our sincere apologies for not replying to your Department's several reminders. It may sound as an excuse, however, we only have one audit report (financial year 2006). Unfortunately the 2007 and 2008 financial statements (which were vetted and agreed at a purposely conveyed ATB Board Meeting and the ATB AGM) are pending at our auditor and quite rightly he refuses to release them and sign them until he receives the payments that are due to him. Just to put you in the picture ATB was awarded a government contract to the tune of €30,000 (services in connection with GlobalGAP, which were finalized to the satisfaction of client – MRRA

- but payment is still due) and we have successfully negotiated two projects under the Malta Rural Development plan (2007-2013) and funding will start pouring in the first quarter of next year. Bil-Malti qegħdin imsallbin and <u>we cannot effect any further payments until we are paid.</u> We are stuck.

As agreed I am sending a brief overview of our operations and membership and <u>promise to comply with the remainder (audited accounts and full for administrative reports) by March 2010</u> (Enfasi tat-Tribunal).

...

While hoping that this information would be useful, please let us know if you are in a position to stall proceedings till next March.

Kindly send a copy to Dr. Vella, the Registrar of Trade Unions and the Director of the Industrial and Employee Relations.

Sincerely

Louie R. Naudi"

*33. Meta l-intimat bagħat din l-email, kienu għaddew kważi ħames xhur mid-data tat-12 ta' Mejju, 2009 li tinsab fuq ir-riżoluzzjoni mmarkata bħala Dok A annessa mal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. Ir-rikorrent esebixxa ż-żewġ* payment vouchers *kull wieħed ta' €15,000, li huwa bagħat lill-ATB rispettivament fit-30 ta' Ottubru, 2009 (fn. 33 ara Dok. MSDEC3 esibit fis-seduta li nżammet fil-5 t'Awwissu, 2016) u fid-19 ta' Frar, 2010 (fn. 34 ara Do. MSCED5 esebit fis-seduta li nżammet fil-5 t'Awwissu, 2016). Dan ifisser li l-intimat Naudi, <u>xahar wara biss</u> li bagħat l-imsemmija email lis-Sur Buttigieg, kien jidher li kellu aktar minn biżżejjed flus f'idejh biex iħallas l-awditur li semma fl-istess email u allura kien f'pożizzjoni li jirregola ruħu mal-liġi billi jħallas l-awditur u jibgħat l-*audited accounts and full administrative reports *li kien wiegħed li jibgħat lis-Sur Buttigieg, wegħda din li evidentement ma nżammitx.*

*34. Fil-fehma tat-Tribunal huwa wkoll pjuttost inspjegabbli kif l-intimat Naudi naqas li jippreżenta d-dokumenti mitluba minnu mir-Rikorrent, partikolarment id-dokument li juri min kienu l-membri tal-Bord tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa fit-30 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll il-minuti tal-laqgħa li saret fit-12 ta' Mejju, 2009, fejn Louie Naudi allegatament ingħata l-awtorizzazzjoni biex jidher għan-nom tal-assoċjazzjoni fuq il-ftehim mertu tal-arbitraġġ. Pero', għalkemm l-intimat Naudi obbliga ruħu li jippreżenta dawn id-dokumenti, fis-seduta li nżammet fil-5 t'Awwissu, 2016 xehed li ma kien irnexxielu jirrintraċċahom. Fil-fehma tat-Tribunal, dawn kienu dokumenti importanti u bħala Segretarju Ġenerali indubbjament kien dmir tiegħu li jkunu dejjem disponibbli, stante li kienu jifformaw parti integrali mill-kuntratt, li bis-saħħa tiegħu, l-Istat kien għadda lill-ATB is-somma ta' flus in kwistjoni. Fil-fehma konsiderata tat-*

*Tribunal, anke l-istess rikorrent seta' aġixxa b'akbar prudenza u seta' esiġa li jkollu l-imsemmija dokumenti f'idejh ukoll sabiex jaċċerta ruħu mill-bażi legali tad-delega li l-intimat Naudi kien jidher li irċieva mingħand l-ATB.*

*35. Mill-assjem ta' dak li ntqal sa issa jirriżulta li ma saritx prova sodisfaċenti mir-rikorrent li l-ftehim mertu tal-każ odjern sar verament bil-barka tal-intimat Vincent Cortis u sħabu l-intimati bdiewa fuq imsemmija. Fi kliem ieħor, ma jistax jintlaqa' l-ewwel argument tar-rikorrent indikat fil-paragrafu 24 supra, billi ġie pprovat li l-kontenut tar-riżoluzzjoni (fn. 35 din ir-riżoluzzjoni ġiet immarkata bħala Dok. A u ġiet annessa mal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. Inkiteb f'din ir-riżoluzzjoni li Louie Naudi huwa awtorizzat li jiffirma l-istess ftehim f'isem l-ATB) ma jagħmelx prova sufficjenti kontra l-istess intimati, billi irriżulta li huma kienu laħqu ħarġu mis-sħubija tal-ATB fid-data tal-imsemmija riżoluzzjoni. Wara kollox, irid jingħad ukoll, li kien kompitu tar-rikorrent <u>li qabel ma iffirma l-kuntratt</u> u qabel ma irrilaxxja l-fondi in kwistjoni, mhux biss jaċċerta ruħu li l-intimat Naudi kellu mandat validu biex jidher fuq l-istess kuntratt f'isem u għan-nom tal-ATB, iżda wkoll ir-rikorrent kellu kompitu li jivverifika l-pożizzjoni legali tal-istess ATB biex jaċċerta ruħu li din kienet qiegħda tadempixxi l-obbligi li kellha skont l-imsemmi Kap 452. L-istess riżoluzzjoni tidher li kellha tiġi ffirmata minn Anthony Cefai, li ġie identifikat bħala* "Acting Board Secretary Assoċjazzjoni tal-Bdiewa". *Fuq id-dokument hemm firma illeġibbli. Ir-rikorrent xtaq itella' lil Cefai biex jixhed, iżda l-intimat Naudi, meta kien qed jixhed, stqarr li dan ma setax isir għax Cefai kien safa nieqes (miet) fil-frattemp.*

*36. Ladarba dan it-Tribunal wasal għall-konklużjoni imsemmija fil-paragrafu preċedenti, l-aħħar erba' argumenti kollha tar-rikorrent elenkati fil-paragrafu 24 supra, wkoll ma jistgħux jintlaqgħu, għar-raġuni li ssemmiet aktar qabel u ċjoé billi rriżulta sodisfaċentement li l-imsemmija intimati kienu laħqu ħarġu mis-sħubija tal-ATB fid-data tal-imsemmija riżoluzzjoni u tal-kuntratt. Konsegwentement hemm lok li tiġi akkolta t-tieni eċċezzjoni tal-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra.*

***I It-tielet eċċezzjoni sollevata mill-intimat Vincent Cortis et***

*37. It-tielet eċċezzjoni tal-istess intimati Vincent Cortis et issostni li huma, personalment ma ħadu l-ebda benefiċċju ta' xejn mill-iffirmar tal-istess ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009 u konsegwentement il-pretensjonijiet (tar-rikorrent) għar-rifużjoni kellha tkun indirizzata kontra l-individwi li bbenefikaw mis-sistema. Ladarba dan it-Tribunal wasal għall-konklużjoni imsemmija fil-paragrafu preċedenti, dan it-Tribunal evidentement ma jara l-ebda ħtieġa li jindaga oltre dwar ir-responsabbilità o meno*

*tal-istess intimati u allura hemm lok li t-Tribunal ma jiħux aktar konjizzjoni tal-istess tielet eċċezzjoni tal-istess intimati Vincent Cortis et.*

***J. Il-ħames eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi li ma huwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ***

*38. Din l-eċċezzjoni ssostni li l-intimat Louie Naudi dejjem aġixxa f'isem l-assoċjazzjoni u qatt ma aġixxa f'ismu proprju u għalhekk ukoll ma hux il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri. Ħafna mill-provi u diversi konsiderazzjonijiet li saru fil-parti preċedenti ta' dan il-lodo arbitrali huma rilevanti wkoll f'din il-parti tal-lodo u għalhekk it-Tribunal jista' jippermetti lilu nnifsu li jkun ferm aktar konċiż. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li min jaqra il-kuntratt li sar fit-30 ta' Ġunju, 2009 jintebaħ li l-intimat Naudi ma deherx fuqu f'ismu proprju, iżda deher f'isem u għan-nom tal-ATB. Issa din l-ATB kellha l-istatus ta'* Employers' Association*, li skont l-artikolu 49. (1) tal-Kap. 452 jiddefinixxi dan l-istatus hekk: "*an employers' association shall, for all purposes of law, be treated as an association of persons and not as a body corporate, but (a) it shall be capable of making contracts; (b) all property belonging to the union or association shall vest in the union or association, but all powers, whether of disposal, administration or otherwise, in relation to such property shall be exercisable by or by the authority of the body of persons, by whatever name called, entrusted by the rules of the union or association with the conduct and management of its business; (c) it shall be capable of suing and, subject to the provisions of this Act, of being sued, whether in proceedings relating to property or founded on contract, tort or quasi-tort, or any other cause of action whatsoever*".*

*39. Il-liġi tqis assoċjazzjoni bħal din bħala assoċjazzjoni ta' persuni. Ma titqiesx bħala enti morali b'personalità distinta u separata mill-membri tagħha, iżda l-liġi tagħtiha numru ta' drittijiet bħal li tidħol f'kuntratti u d-drittijiet l-oħra li jissemmew fid-disposizzjoni appena ċitata. Il-liġi dan tagħmlu biex taġevola il-prinċipali li jingħaqdu flimkien biex isostnu u jippromovu n-negozji tagħhom.*

*40. Fil-każ odjern, dan it-Tribunal diġà kkonkluda li ġie sodifaċentement ipprovat li l-kontenut tar-riżoluzzjoni imsemmija (fn. 37 Din ir-riżoluzzjoni ġiet immarkata bħala Dokument A u ġiet annessa mal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni Louie Naudi ġie awtorizzat li jidħol għal ftehim f'isem l-ATB), ma tagħmilx prova sufficjenti kontra l-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra, billi rriżulta li huma kienu laħqu ħarġu mis-sħubija tal-ATB fid-data tal-imsemmija riżoluzzjoni. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Anthony Azzopardi li meta ġiet reġistrata l-ATB, l-<u>imsemmija persuni **biss u ħadd**</u>*

***ieħor*** *ma kienu elenkati bħala Uffiċjali jew membri tal-istess ATB. (fn. 38 – Ara paragrafu 23 supra fejn Anthony Azzopardi xehed li meta ġiet reġistrata l-assoċjazzjoni, skont l-informazzjoni li kienet provdiet l-assoċjazzjoni, il-President kien l-intimat Victor Cortis, il-Viċi-President kien l-intimat George Mifsud u t-Teżorier kien l-intimat Raymond Grima. Bħala membri tal-assoċjazzjoni s-Sur Azzopardi indika lill-intimati Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Louis Sant, Raymond Grima, George Busuttil u Eucharistico Zahra. Fis-snin sussegwenti l-assoċjazzjoni qatt ma bagħtet l-*annual returns *rikjesti mil-liġi u eventwalment ġiet ikkanċellata fis-sena 2012). Fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni tal-intimati Vincent Cortis et u l-provi li nġabru biex isostnuha, kien allura jinkombi fuq l-intimat Naudi li jressaq bħala xhieda l-persuni oħra uffiċjali u/jew membri tal-ATB, jekk kien hemm, li kienu awtorizzaw l-imsemmija riżoluzzjoni li bis-saħħa tagħha seta' jaġixxa f'isem l-assoċjazzjoni u jiffirma l-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. Din il-prova l-intimat Naudi ma għamilhiex u konsegwentement fil-proċess ma hemmx prova sodisfaċenti li huwa kien debitament awtorizzat mill-ATB li jiffirma l-imsemmi ftehim għan-nom tagħha. Żvestit minn dan l-ispeċi ta'* corporate veil*, l-intimat Naudi jsib ruħu personalment responsabbli għall-obbligazzjonijiet assunti minnu fl-imsemmi ftehim. Din il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija wkoll korroborata mix-xhieda li ta l-intimat Naudi stess (fn. 39 ara paragrafi 18 u 19 supra, partikolarment il-partijiet li huma sottolinejati) kif ukoll mid-dikjarazzjonijiet tal-istess intimat, li ġew esebiti mill-intimat Eucharistico Zahra (fn. 40 ara paragrafu 22 supra). Għaldaqstant, il-ħames eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi li hu mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ hemm lok li tinċaħad.*

***K Jekk għandhiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent kontenuta fir-rikors tiegħu ppreżentat fit-28 t'Awwissu, 2017.***

*41. B'rikors ippreżentat fit-28 t'Awissu, 2017 ir-rikorrent talab li tiġi ammessa bħala parti mill-provi tiegħu s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Ġunju, 2017, fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Louis sive Louie R. Naudi</u>. Ir-Rikorrent ssottometta li din is-sentenza kienet ammissibbli bħala prova li l-intimat Naudi "għandu ġeneralment fama li ma jgħidx is-sewwa" u sar riferiment għall-artikolu 585 u 627 (e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jiġġustifika t-talba.*

*42. Din it-talba tar-rikorrent ġiet opposta b'risposta tal-intimat Naudi ppreżentata fit-12 ta' Settembru, 2017. Mal-istess risposta ġiet annessa kopja ta' appell interpost mill-istess sentenza, liema appell ġie ppreżentat fit-28 ta' Ġunju, 2017. L-intimat Naudi għalhekk qiegħed joppponi t-talba tar-rikorrent billi jenfasizza li l-istess sentenza għadha sub judice u qiegħda tiġi fermement ikkontestata.*

*43. B’digriet mogħti fis-seduta tat-18 ta’ Settembru, 2017, dan it-Tribunal irriserva li jagħti d-deċiżjoni tiegħu fuq din il-kwistjoni aktar ’il quddiem jew in camera jew fil-lodo arbitrali. Effettivament dan it-Tribunal, wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jidhirlu li ma huwa xejn prudenti li f’dana l-istadju, meta l-imsemmija sentenza għad ma hiex waħda definittiva, tiġi ammessa bħala parti mill-provi tar-rikorrent u għalhekk qiegħed jiċħad it-talba tal-istess rikorrent kontenuta fl-imsemmi rikors.*

***L Konsiderazzjonijiet dwar il-mertu effettiv tal-każ odjern***

*44. L-azzjoni tar-rikorrent hija bażata fuq il-pretensjoni li fl-implimentazzjoni tal-ftehim datat 30 ta’ Ġunju, 2009 kien hemm nuqqas ta’ tħaris ta’ obbligi kuntrattwali mill-intimati. F’dawn il-proċeduri r-Rikorrent qiegħed jitlob għal dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligi tagħhom naxxenti mill-istess ftehim, qiegħed jitlob għal riżoluzzjoni tal-imsemmi ftehim kif ukoll għal dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom għandhom jirrifondu lura lir-rikorrent l-ammont kollu ta’ flus u cioé l-ammont ta’ sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u ħmistax -il Ewro u erbgħin Ewro ċenteżmu (EUR 27,815.40), bl-imgħax u dan fi żmien qasir u perentorju.*

*45. Mid-diversi konklużjonijiet diġà raġġunti mit-Tribunal fil-kors tal-indaġini li għamel dwar id-diversi eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati, jirriżulta li l-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra, kif ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, ma għandhom xejn xi jwieġbu fil-konfront tal-imsemmija pretensjonijiet fil-mertu tar-Rikorrent. L-uniku intimat li għandu jwieġeb għall-istess pretensjonijiet huwa l-intimat Naudi, li nstab li kellu jirrispondi personalment għall-obbligazzjonijiet assunti fl-imsemmi ftehim tat-30 ta’ Ġunju, 2009.*

*46. L-intimat Naudi kkontesta t-talbiet tar-rikorrent fil-mertu fil-bidu ta’ dawn il-proċeduri t’arbitraġġ b’żewġ eċċezzjonijiet, u ċjoé fl-ewwel lok, kwantu għall-Intimat Naudi, kif imħarrek personalment, bl-eċċezzjoni li hija elenkata bin-numru 6 fir-Risposta (li sservi bħala Statement of Defence) li biha eċċepixxa li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li huwa dejjem mexa mal-obbligi kuntrattwali kif assunti u dan kif ser jiġi spjegat u ppruvat fil-mori ta’ dan l-arbitraġġ. Fit-tieni lok, kwantu għall-intimat Naudi, kif imħarrek għan-nom tal-ATB, bl-eċċezzjoni elenkata bin-numru 8 fl-istess Risposta. Din l-eċċezzjoni, li tista’ titqies li qiegħda tamplifika u tiċċara d-difiża li għamel bl-eċċezzjoni l-oħra imsemmija, tgħid hekk:*

a) Il-flus li ġew mogħtija permezz tal-kuntratt intużaw kollha fis-setting up, l-amministrazzjoni u pagament ta' registration fees kif ukoll fl-operat sabiex ikun possibli li jiġi ottjenut ċertifikat mingħand il-GlobalGAP;
b) Id-dokumentazzjoni meħtieġa kollha ġiet mogħtija lill-Ministeru sa Settembru 2010;
c) Effettivament is-sistema sabiex jiġi ottjenut iċ-ċertifikat mingħand il-GlobalGAP ġiet magħmula u fil-fatt għadha taħdem sal-ġurnata tallum;
d) Tant l-Assoċjazzjoni kienet konformi mal-kuntratt u l-obbligi kuntrattwali tagħha li meta ġew intavolati proċeduri kontra l-Assoċjazzjoni dawn ġew intavolati biss sabiex jingħataw lura refużjoni skont kif kien miftiehem minn dan l-istess kuntratt;
e) Qabel tħallsu l-ammont mitlub lura mir-rikorrent, il-Ministeru kien bagħat numru ta' uffiċjali mill-Ministeru sabiex jivverifikaw il-proċeduri addotti minn l-assoċjazzjoni kif ukoll dawk id-dokumenti li huma ħassew li kienu rilevanti sabiex l-assoċjazzjoni tiġi mogħtija l-fondi;
f) L-assoċjazzjoni ma għamlet l-ebda benefiċċju minn din is-somma stante li kienu s-sensara u l-aġenti li għamlu l-qliegħ.
*47. Hawnkekk se jissemmew, fl-ewwel lok, il-provi dwar il-mertu li r-rikorrent ressaq 'il quddiem biex isostni l-pretensjonijiet tiegħu. Il-prova prinċipali tinsab fil-ftehim datat 30 ta' Ġunju, 2009, fejn il-Ministeru għadda lill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa (fn. 41 Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-intimat Naudi kien il-lunga manus tal-ATB, u fil-fatt dan it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li huwa u huwa biss għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet tar-Rikorrent dwar il-mertu) s-somma ta' tletin elf Ewro (EUR 30,000) (fn. 42 mhuwiex kontestat li dawn il-fondi ġew debitament irċevuti) bl-intiża illi din tal-aħħar taħdem sabiex tiffaċilita l-proċess għall-aġenti u s-sensara sabiex jiġi ottjenut iċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGap għas-sena 2009. Skont dan il-ftehim, l-ATB kellha wkoll tissottometti d-dokumentazzjoni rilevanti u l-*audited financial statements *bħala evidenza ta' x'infiq sar biex seta' jiġi attwat l-*operations plan *li kien jikkonsisti fil-ħidma li kellha ssir u li kien maqbul bejn il-partijiet. Dawn l-istatements ai termini tal-klawsola 4 tal-ftehim kellhom jiġu sottomessi sal-aħħar ta' Settembru 2010.*

*48. **Noel Azzopardi**, id-Direttur tad-Diversifikazzjoni u Kompetittività fil-biedja fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, spjega f'hiex tikkonsisti ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP u qal illi dan huwa ċertifikat li jgħin lill-prodott (il-patata f'dan il-każ) biex ikun jista' jsib suq aħjar barra minn Malta. Qal ukoll illi dan huwa ċertifikat ta' standards u jiġi ottjenut kemm il-darba jirriżulta illi jkun ġie segwit il-protokoll neċessarju li jikkonsisti f'katina sħiħa minn meta tinżera l-patata sakemm eventwalment tiġi mwassla fis-suq. Is-Sur Azzopardi ta eżempji fix-xhieda tiegħu ta' fhiex jikkonsistu l-istandards li jridu jintlaħqu u fost l-oħrajn semma*

*li hemm standards stabbiliti dwar kif għandha tinżera l-patata, minn fejn għandu jixtri ż-żerriegħa, x'*records *irid iżomm, x'fertilizzant u pestiċidi jista' juża, kif titwassal għand is-sensar u oħrajn. Is-Sur Azzopardi spjega wkoll illi eventwalment wara li jkun sar ix-xogħol kollu tiġi kumpannija estera sabiex tagħmel l-audits neċessarji u jekk issib illi kollox huwa konformi mal-protokoll jinħareġ iċ-ċertifikat. Is-Sur Azzopardi spjega wkoll illi l-iskop tal-ftehim ma kienx intlaħaq u li kien hemm ksur tal-klawsoli tnejn, erbgħa, sebgħa u disgħa tal-ftehim. Fir-rigward tal-klawsola 2 spjega illi ATB kellha tissettja l-iskema tal-GlobalGap fit-2009 u ta' dan il-Ministeru m'għandux evidenza. Żied jgħid li ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP tal-patata għas-sena 2009 ma kienitx ħarġet u li l-kumpannija barranija qatt ma ġiet tagħmel l-audit neċessarju għas-sena 2009 iżda kienet ġiet tagħmel biss* pre-audit*. Fir-rigward tal-klawsola numru 4 qal illi l-flus li ingħataw lil ATB kellhom jiġu użati esklussivament għal skema tal-GlobalGap 2009 skont il-pjan sottomess minn ATB stess, liema pjan huwa anness mal-ftehim mertu tal-proċeduri odjerni. Qal ukoll illi ATB kienet marbuta li sa Settembru 2010 tissottometti* audited financial statements *tal-infiq tagħha skont il-pjan, liema* audited financial statements *ma ġewx sottomessi. Spjega kif l-intimat Louie Naudi kien allega li ppreżentahom iżda li hu qatt ma ra xejn minn dan. Spjega wkoll illi meta jiġi sottomess dokument lill-Ministeru, il-proċedura hija li Ministeru jagħtik* acknowledgment *lura. Fir-rigward tal-klawsola 7 qal li l-ATB kellha tirrifondi lura lill-Ministeru 15% tal-ammont li kienet ingħatat, jigifieri s-somma ta' €4,500. Minnhom, il-Minsteru irnexxielu jiġbor biss l-ammont ta' €2,148.60 mingħand l-ATB u dan permezz ta' mandat ta' sekwestru illi hu ħareġ fuq l-istess ATB. Fir-rigward tal-klawsola 9 spjega illi din il-klawsola tistipula illi jekk ATB ma tonorax l-obbligi tagħha ai termini tal-klawsola 4, din kellha tirrifondi l-flus illi ngħatat abbażi tal-ftehim.*

*49. L-Uffiċjal Xjentifiku Prinċipali* **Matthew Tabone** *spjega fl-affidavit tiegħu li GlobalGap hija ċertifikazzjoni internazzjonali li tissettja standards minimi fuq diversi tipi ta' ikel fosthom it-tkabbir ta' ħxejjex u frott u li biex wieħed jottjeni tali ċertifikazzjoni irid isegwi standards minimi li tissettja din iċ-ċertifikazzjoni, liema standards huma rigorużi. Matthew Tabone xehed illi malli ġie f'idejh il-file relatat mal-ftehim mertu tal-arbitraġġ irriżultalu illi skont il-ftehim senjatament il-klawsola 7 tal-ftehim, l-ATB kellhom jirrifondu lura l-ammont ta' erbat'elef u ħames mitt Ewro €4,500 sal-aħħar ta' Ġunju 2011, liema somma ma kienitx ġiet rifuża. Xehed ukoll illi aktar ma beda jinvestiga l-kwistjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGap fir-rigward tas-sena 2009, ħareġ biċ-ċar illi l-obbligi li l-ATB kellu mal-Gvern ma ġewx onorati. F'dan ir-rigward semma diversi punti fosthom li l-kumpannija estera CMi, li hija l-kumpannija Taljana taċ-Ċertifikazzjoni tal-GlobalGap, kienet għamlet eżerċizzju li kien biss* pre-audit*, liema eżerċizzju skont Tabone qatt ma seta' jwassal biex jinħareġ ċertifikat tal-GlobalGap. Ix-xhud għamel riferiment għall-email li l-ATB kienet bagħtet*

*lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (fn. 43 ara Dok. MT5 anness mal-affidavit ta' Matthew Tabone) li tikkonferma li x-xogħol li kellu jsir effettivament ma sarx u dan peress illi ma ġewx enforzati l-metodi u s-sistemi rikjesti. Tabone jgħid ukoll illi lanqas ma kienu ġew sottomessi lill-Ministeru d-dokumenti relattivi u l-*audited financial statements *kif indikat fil-klawsola 4 tal-ftehim, liema dokumenti kellhom jiġu sottomessi sal-aħħar ta' Settembru 2010. Tabone jispjega illi din id-dokumentazzjoni kienet importanti għall-Ministeru sabiex isir jaf kif intefqu l-flus u sabiex jara jekk ix-xogħol miftiehem kienx sar jew le. Waqt li kien qiegħed isirlu l-kontro-eżami, u cioé fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2017, Matthew Tabone spjega kif l-intimat Naudi kien avviċinah fis-Sajf tal-2009 biex talbu jagħmillu xi xogħol. Tabone qal li l-intimat Naudi talbu jiċċekkja jekk id-dokumenti kinux up to standard u li mill-eżerċizzju li għamel hu (li fi kliemu kien* "a desktop exercise"*) irriżultalu illi ma kien sar prattikament xejn u li kien hemm nuqqasijiet kbar. Qal li l-*external auditors *(CMi) ġew Malta u ħarġu rapport li kien vera negattiv tant li ma ħarġux iċ-ċertifikat, iżda iddiskrivew ir-rapport tagħhom bhala* pre-audit *exercise. (fn. 44 ara Dok. MT4 anness mal-affidavit ta' Matthew Tabone). Tabone spjega illi hu kien infurmah illi x-xogħol messu sar qabel ma ġiet esportata l-patata u mhux fis-Sajf meta l-patata tkun laħqet ġiet esportatata u nbiegħet. Qallu wkoll illi l-audits isiru meta l-patata tkun qiegħda tinħadem f'Malta biex jaraw li x-xogħol qiegħed isir. Tabone jkompli jispjega illi għas-sena 2010, peress illi kien laħaq mill-bidu, seta' jassisti biex ix-xogħol isir u fil-fatt iċ-ċertifikat għas-sena 2010 ħareġ. Meta ġie mistoqsi dwar jekk il-proċeduri odjerni inbdewx fuq direzzjoni tiegħu hu spjega kif kien innota nuqqasijiet fl-obbligi li kien hemm skont il-ftehim mertu tal-proċeduri odjerni u għaldaqstant ħass li kellu jinforma lis-superjuri tiegħu. Dawn eskalaw il-biċċa mhux biss internament fi ħdan il-Ministeru iżda wkoll mal-Internal Audit and Investigations Unit (IAID) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li wkoll ikkonfermat illi kien hemm nuqqasijiet ta' tħaris tal-obbligi kuntrattwali fir-rigward tal-ftehim mertu tal-każ odjern. In kontro-eżami, Matthew Tabone ippreżenta ittra mibgħuta minn NAK Agro lill-Prim Ministru ta' Malta ta' dak iż-żmien, fejn fost l-oħrajn tgħid illi fuq struzzjonijiet ta' Louie Naudi mill-assoċjazzjoni ATB, hija kienet wettqet xogħol fir-rigward tal-esportazzjoni tal-patata għas-sena 2010 u ta' dan ma kienitx tħallset. (fn. 45 ara Dok. MTXY). Matthew Tabone ukoll jgħid illi għax-xogħol li għamel fir-rigward tal-esportazzjoni tal-patata għas-sena 2010 hu ma tħallasx dak kollu li kien dovut lilu. Matthew Tabone jikkonferma wkoll illi fil-file relattiv la qatt ra financial statements u wisq anqas* audited financial statements. *Tabone ppreżenta wkoll ċertifikati tal-Global Gap għas-snin 2005 sa 2007. Fir-rigward taċ-ċertifikat għas-sena 2008, qal illi skont l-esportaturi tal-patata kien inħareġ imma li kopja tiegħu ma kellux.*

*50. Xehdu wkoll is-sensara tal-patata u cioé* ***Catherine Scerri, Raymond Abdilla u Emanuel Bezzina****. (fn. 46 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2016). Qalu li ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGap għas-sena 2009 ma kienx inħareġ u dwar it-talbiet għal flus li kienu jsiru mill-intimat Naudi, xehdu illi fuq talba tal-intimat Louie Naudi stess huma kienu għaddew diversi pagamenti kemm lil Louie Naudi personalment u kemm lill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa sabiex jaħdmilhom iċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGap iżda tali ċertifikat qatt ma wasal u f'dan ir-rigward preżentaw kopja taċ-ċekkijiet li għaddewlu. Is-sensara qalu wkoll illi għas-sena 2008 tali ċertifikat kien inħareġ u li l-Gvern kien ħadem mal-kumpannija Taljana CMi għal dik is-sena. Qalu wkoll illi fl-2010 ħareġ ukoll iżda għas-sena 2009 tali ċertifikat ma ħariġx, tant li l-patata kellha tiġi esportata abbażi taċ-ċertifikat tas-sena ta' qabel u cioé dak tal-2008.*

*51. Imiss issa li jissemmew, fit-tieni lok, il-provi l-aktar saljenti dwar il-mertu li l-intimat Naudi qiegħed jibbaża fuqhom biex jikkumbatti l-pretensjonijiet tar-rikorrent. Meta xehed fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016 l-intimat Naudi spjega kif taħdem iċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP. Il-proċess li jwassal għal din iċ-ċertifikazzjoni irid jibda minn qabel ma tiżra' ż-żerriegħa u hemm ħafna xogħol preparattiv xi jsir u hija proċess kontinwu sakemm taqla' l-prodott, tmur imbagħad bil-prodott biex jippakkjawh. Il-*packing houses *jittrasportawh lejn il-pajjiż jew internament lejn il-post fejn ħa jinbigħ. Hemm sistema ta' kontroll lokali fejn hemm il-persuni li huma* in charge *biex jaraw li l-proċeduri kollha relattivi jsiru. Jiġifieri għandek sistema ta'* inspections*, għandek sistemi ta'* internal auditors *u għandek sistemi li jassiguraw il-kwalitaà. Imbagħad għandek is-*certification body *li jiġi u jara. Spjega l-importanza li s-sistema tagħti lit-*training *li huwa maqsum fi tnejn. Inti obbligat li ġġib* trainer *li huwa aċċettabbli internazzjonalment. Jiġifieri meta se jiġu l-awdituri li se jiċċertifikawk, iridu jaraw li t-*trainers *li inti qabbadt għas-sistema, jiġifieri għall-*inspectors, internal audit u QMS *(fn. 47* QMS = Quality Management System*), ikunu kwalifikati minn x'imkien biex jagħmluha. Imbagħad hemm it-*training *li jrid jingħata lill-bdiewa u sta għall-*producer group *u min qed imexxi lokalment biex jagħmel dan it-*training*. Naudi xehed li l-GlobalGAP ġiet iffundata fis-sena 1997 taħt l-isem EuropeGAP li mbagħad fis-sena 2007 żviluppat u saret GlobalGAP. F'Malta bdewha fis-sena 2000 u l-ewwel ċertifikazzjoni ħareġ l-istaġun 2003/2004. Jiġifieri damu aktar minn tliet snin biex jibnu s-sistemi. Investew ħafna flus, xi mitejn elf lira Maltin, izda ma nefqux flus fuq il-bdiewa li kellhom bżonn* training *biex jitgħallmu xi jridu jagħmlu minħabba li dħalna fl-Unjoni Ewropea dak iż-żmien. Żied jgħid li t-*training *huwa importanti ħafna, u* "wara dil-biċċa xogħol tajba li għamlu, nefqu l-flus u x'naf jien, tawha l-ġenb. Jiġifieri, meta jiena dħalt għal dil-biċċa xogħol, sibt rebus*". (fn. 48 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016 paġna 7).*

*52. Naudi saħaq fuq il-fatt li l-GlobalGAP tistrieħ fuq il-kontinwità (fn. 49 L-aspett tal-importanza li jkun hemm kontinwità fis-sistema tal-GlobalGAP issemma wkoll mix-xhieda Noel Azzopardi, Matthew Tabone u mill-aġent/sensar Raymond Aquilina): "*Mela jekk inti taqbad u per eżempju bdew 2003-2004 u tgħid jien ħa nagħmel sentejn ma nagħmilx, no. Jew ħa tagħmilha kontinwament jew inkella għandna l-problemi. U problemi kbar. Il-kontinwità hawnhekk hija kruċjali... Staġun jibda f'Ottubru ta' sena u jispiċċa f'Mejju / Ġunju ta' sena ta' wara. Mela hemm overlap ta' snin. Dik l-ewwel waħda tas-snin. Kontinwità, ċ-ċertifikat joħroġ meta jiġi jagħmillek l-inspection, ovvjament ... jagħmel l-assessment u within a month joħroġ iċ-ċertifikat minn dik id-data valida għal sena. Din x'fiha? Jekk għal sena, il-makakki kienu jgħidu sa Ottubru. Mela nagħmlu staġun nesportaw on the back li għandi dan is-certification. Allura tilfu sena, imma mbagħad min se jiġi wara, jibla' kanna u jkollu jieħu l-briga biex itaffi għal dik is-sena li ġiet mitlufa*". (fn. 50 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016, paġna 13) Ix-xhud spjega li meta l-gvern għadda r-responsabbilita' taċ-ċertifikazzjoni fuq l-aġenti, kien hemm sistema fejn dawn kienu jinkarigaw xi uffiċjali li kienu jagħmlu x-xogħol, u "*bil-permess tal-gvern, ħadmuhom magħom. Jiġifieri wara l-ħin tax-xogħol... U ħolqu sistema għal Malta tal-GlobalGAP. X'kienu jagħmlu dawn? Is-self assessment li għandek hawn kienu jimlewha, jlestu kollox, bla, bla, bla, mela pre-season. U dawk ix-xahar, xahrejn meta se jiġi l-inspector, tipprepara l-karti kollha, taqbad tagħżel tletin bidwi – minn erba' mija.... U tgħidlu għamilli pjaċir għamel GlobalGAP. Imma se tagħtini xi ħaġa żejda? U xi ntik xi ħaġa żejda, ħa nsalvaw il-patata, bla, bla, bla u hekk isir. U it is just a paper work system din. Hekk sibt. Dawn kienu qed jagħmlu eżerċizzju pwerili, hekk ta' karti, jiġi l-awditur minn barra jara l-karti, imma jmur għand erba' bdiewa, suppost dawn ikunu jafu minn qabel, jaraw li kollox sew... Jiġifieri ara kif kienet, ara x'sistema sibt jien... U kulħadd jagħlaq għajnejh ... Biss forsi l-uffiċjali ppruvaw jagħmlu xi ħaġa u jsibu l-bibien magħluqin. Ma naħsibx li se jirriżenjaw, iridu l-paga, jibqgħu għaddejjin hux*?". *(fn. 51 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016 paġna 15, 16 u 17)*

*53. Kompla jixhed hekk:* "Meta ġew l-aġenti u spjegawli s-sitwazzjoni, ma qalulix il-verità, dik il-problema. Għax kieku qaluli l-verità kont nibgħathom jixxejru. Però, is-soltu jwaħħlu fil-Gvern, qaluli l-Gvern mhu qed jagħmel xejn, il-Gvern kien qed jagħmel kollox. U fil-fatt wara sibt li l-Gvern ma kienx responabbli. Għax sal-2004 kien responsabbli. Huma kienu responsabbli. Imma nsomma blajtha... <u>Però l-verità hija ma daħħaltx lill-assoċjazzjoni</u>. Jiena tlabthom biex ituni lista tal-bdiewa. U bdejna nagħmlu laqgħat u ġibna nies, nittrenjaw lil dawn in-nies, marru għand il-bdiewa. Jiġifieri sa Marzu konna morna għand il-bdiewa kollha, rajna x'inhi s-sitwazzj meta ġejna għall-QMS, jiġifieri trid tara l-follow ups tas-snin ta' qabel, ħalli inti tippreżenta. Hemmhekk [sibt] diżastru". *(fn. 52 ara x-xhieda tal-intimat Naudi mogħtija fis-seduta*

*tat-2 ta' Novembru, 2016, f'paġni 18 u 19) Żied jgħid:* "Il-Gvern dam ma rrealizza l-gravità tas-sitwazzjoni. Ħasbu li b'daqsxejn *paperwork*, għax hekk kienu jagħmlu l-uffiċjali li kkonsultaw magħhom, le nagħmlu ftit *paperwork* u naslu, għax hekk konna nagħmlu. Mhux bħala Gvern issa – individwi jaħdmu mal-Gvern. Però dehret ċara li dik il-logħba ma setgħetx titkompla. Għaliex kien hemm żewġ kambjamenti ta' versions u meta ... ġibt ... ic-*certification body* mill-ewwel qalu isma' ... ġibna l-istorja tagħkom. Hawn għandkom dawn il-problemi. Jiġifieri s-*certification body* li ġie se mai mhux mill-ewwel qalilna isma' hawn għandkom miljun problemi, jew se tagħmlu l-affarijiet sew, jew inkella tidħlux għaliha din. Ieqfu hemm. U allura waħda mill-pożizzjonijiet li għamilt, huwa isma' all right, għandna dawn il-problemi kollha, ħa nsolvuhom. Però starting season 2010, jiġifieri mhux l-export li għamilna f'June tat-2009, ta' dak il-kuntratt li għamilna, però ħa nużaw dak ix-xogħol kollu li għamilna, għamilnih f'January imma covering October sa June, tridu twegħduna li se nimxu issa kompletament differenti. U ħloqna diversi strutturi ... x'inhu dawn l-istrutturi li ħloqna, biex kulħadd ikun marbut issa. Mhux jibdew jilagħbu. L-isfortuna hija li kif ħadha over Matthew Tabone minn għandi in 2010, reġgħu marru għall-paperwork. Dik hi l-isfortuna. Dak li ħloqna biex il-bdiewa kollha jkunu trained, reġgħet xejn. Għax malli ssolvilhom problema, dik hi s-sabiħa, l-aġenti li huma jaraw qligħ biss, kif issolvilhom problema, daqshekk, issa nerġgħu ngħaffġu l-affarijiet. *(fn. 53 ara x-xhieda tal-intimat Naudi fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016, f'paġni 20 u 21) Aktar qabel (fn. 54 ara x-xhieda tal-intimat Naudi mogħtija fis-seduta tal-5 t'Awwissu, 2016, f'paġna 2), l-intimat Naudi kien semma illi wara li kiteb rapport fejn kien hemm partijiet li kienu jitkellmu kontra l-prattiċi tal-aġenti tal-patata, ma rieduhx ikompli illi jibqa' joffri dan is-servizz u taw kollox lil Matthew Tabone u l-Gvern talbu jgħaddi kollox lis-Sur Matthew Tabone u hu hekk għamel.*

*54. Jista' jingħad hawn li meta Naudi ttella' jixhed mir-rikorrent fuq dan l-aspett tal-kwistjoni, eżattament fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2016, id-difensur tar-rikorrent saqsietu: "*Jiġifieri għat-2009 ħareġ iċ-ċertifikat tal-Global G.A.P., qed tgħidilna?" *u Naudi wieġeb hekk: "*You are misinterpreting GlobalGAP. GlobalGAP is a year. It starts in Malta in October and ends in June. L-aġenti ħadu vantaġġ u qed jippruvaw jgħidu li toħroġ f'sena, jiġifieri f'June, biex jirbħu s-sena ta' wara. Jiena dik il-prattika ma ridthiex. Jien għamilt l-affarijiet kif suppost. Meta jien ma bqajtx, hekk sar, u hekk se jsir din is-sena wkoll". *(fn. 55 ara x-xhieda tal-intimat Naudi mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2016, f'paġna 21)*

*55. Naudi spjega li meta beda jagħmel ix-xogħol sab mhux biss l-iżvantaġġ li ingħata l-inkariku tard wisq fl-istaġun iżda li sab ma' wiċċu il-problemi kollha li xehed fuqhom. (fn. 56 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016, paġna 3) Semma*

*wkoll il-problema li, fil-fehma tiegħu, ir-rikorrent kien qiegħed jinterpreta il-kuntratt b'mod skorret. Fuq dan l-aspett tal-arbitraġġ, l-intimat Naudi xehed hekk:* "Il-problema hija ... li hemm daqsxejn bone of contention. U qed jippruvaw jinterpretaw, ħalli ma ngħidhiex malizjożament, jinterpretaw xi ħaġa li it was settled darba għal dejjem din. Jiġifieri reġgħu qajmu xi ħaġa, it was settled għax qegħdin jinterpretaw ċertu klawsoli differenti milli intrepretajnihom aħna. U li l-ministeru dak iż-żmien interpretawhom. U l-kas għalquh. Jiġifieri dawn reġgħu fetħu kas li kien ... Għax dawn ġa kien hemm xi akkużi u x'naf jien internament u ġie riżolt kollox". *(fn. 57 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016 paġna 24)*

*56. Fil-kors tal-Arbitraġġ l-intimat Naudi xehed fit-tul fi tmien seduti u ppreżenta żewġ affidavits li ġew markati AFF LN1 u AFF LN2 rispettivament preżentati fis-seduti li nżammu fit-3 ta' Lulju, 2017 u fis-26 ta' Frar, 2018. Ma' din ix-xhieda kollha iridu jiżdiedu numru kbir ta' dokumenti li huwa esibixxa biex isostni id-difiża tiegħu u ċjoé li huwa wettaq l-obbligi assunti mill-ATB fil-kuntratt tat-30 ta' Ġunju, 2009. It-Tribunal jagħmel riferiment għal dawn il-provi kollha, li ġew debitament eżaminati minnu, iżda li ma jħossx li jkun utili li jkompli jirriproduċihom fil-qosor f'din il-parti tad-deċiżjoni. Għalhekk it-Tribunal sejjer issa jgħaddi biex jeżamina l-punti saljenti li joħorġu mill-provi dwar il-mertu li l-kontendenti ressqu għall-iskrutinju tiegħu biex imbagħad jgħaddi għall-konklużjonijiet relattivi.*

*57.* ***Fl-ewwel lok****, ir-rikorrent jallega li kien hemm nuqqas ta' implimentazzjoni tal-klawsola 7 tal-kuntratt. Bis-saħħa tagħha kellha tiġi rifuża lill-Ministeru 15% tal-ammont li kienet ingħatat fuq il-kuntratt, liema ammont jammonta għal €4,500. Jirriżulta li minn dawn il-flus il-Minsteru irnexxielu jiġbor biss l-ammont ta' €2,148.60 mingħand l-ATB u dan permezz ta' mandat ta' sekwestru illi hu ħareġ fuq l-istess ATB. B'hekk ir-rikorrent jippretendi li għad fadallu jiġbor is-somma ta' €2,315.40. Fix-xhieda li l-intimat Naudi ta, huwa qiegħed jippretendi li billi l-ATB kienet għamlet telf finanzjarju, il-Ministeru kien wiegħed li ma kienx sejjer jinsisti fuq l-implimentazzjoni tal-imsemmija klawsola 7. It-Tribunal jidhirlu li ma saritx prova suffiċjenti ta' dak asserit mill-intimat, tant li t-talba tar-rikorrent ma ġietx ikkontestata tant li l-Ministeru akkwista titolu esekuttiv kontra l-ATB għall-imsemmi ammont u inoltre ġabar parti sostanzjali mill-istess ammont. Fid-dawl tal-konklużjonijiet raġġunti qabel f'din id-deċiżjoni, din is-somma għandha titħallas lir-Rikorrent mill-intimat Naudi personalment, flimkien mal-interessi legali dekorribbli mis-6 ta' Awissu, 2015.*

*58.* ***Fit-tieni lok****, ir-rikorrent jagħmel riferiment għall-klawsoli 2 u 4 tal-ftehim mertu tal-proċeduri odjerni u jirrileva li l-iskop tal-kuntratt kien li jiffinanzja parzjalment it-twaqqif u l-ġestjoni tal-iskema tal-GlobalGAP għas-sena 2009 fir-rigward tal-patata, u dan sabiex jinħareġ iċ-ċertifikat tal-GlobalGAP. Ir-rikorrent jsostni li kien hemm*

*nuqqas ta' implimentazzjoni tal-klawsola 4 tal-kuntratt għaliex minn naħa l-waħda l-Ministeru qiegħed jikkontendi li ma sarx ix-xogħol necessarju biex titwaqqaf l-iskema tal-GlobalGAP fit-2009 u minn naħa l-oħra l-Ministeru sab li ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP tal-patata għas-sena 2009 ma ġietx miksuba. Ir-rikorrent jsostni li li l-kumpannija barranija li inġabet biex tagħmel l-audit neċessarju għas-sena 2009 irriżulta li għamlet biss* pre-audit*.*

*60. Iż-żewġ pretensjonijiet tar-rikorrent li għadhom kemm issemmew, it-tnejn jiddependu fuq l-allegazzjoni li t-tnejn kellhom jigu implimentati fis-sena kalendarja 2009. Mill-provi voluminużi li tressqu, jidher ċar li l-kontendenti ma jaqblu xejn bejniethom kif għandha tiġi interpetata l-frażi* 'the year 2009'*, li tissemma fil-kuntratt tat-30 ta' Ġunju, 2009. Fi kliem pjuttost sempliċi, kif seta' jifhem it-Tribunal, ir-rikorrent qiegħed jinterpreta din il-frażi litteralment bħala li tfisser* "is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar, 2009 u tispiċċa fl-aħħar ġurnata ta' Diċembru 2009"*, mentri l-intimat Naudi jinterpretha bħala li għandha tfisser data speċifika fis-sena 2009 sa data oħra speċifika fis-sena 2010, marbutin dawn l-aħħar imsemmija dati mal-istaġun tal-produzzjoni, bejgħ u esportazzjoni tal-patata.*

*61. Naudi spjega, bl-akbar dettal, l-iskopijiet u l-istandards rigorużi li riedu jintlaħqu biex tiġi akkwistata l-akkreditatazzjoni taħt is-sistema tal-EurepGAP u aktar tard tas-sistema tal-GlobalGap. Spjega li fil-bidu, ix-xogħol neċessarju biex tintlaħaq din l-akkreditatazzjoni kien isir mill-Gvern. Jgħid li dan ix-xogħol kien verament siewi u li kien ħa tliet snin biex din l-akkreditatazzjoni inkisbet. Jgħid ukoll li meta l-Gvern waqaf li jkompli jagħmel dan ix-xogħol tal-akkreditatazzjoni, kienu daħlu għal dan ix-xogħol l-aġenti (sensara) li jesportaw il-patata. L-intimat Naudi xehed li it-tħaddim tas-sistema ddeterjora u b'hekk, ix-xogħol siewi li kien għamel il-Gvern oriġinarjament bi spejjeż kbar, naqra naqra intilef. Spjega kif is-sistema kienet tiġi kultant sfruttata biex anke l-akkreditatazzjoni akkwistata dwar sena waħda, tintuża bħala akkreditatazzjoni għas-sena ta' wara. Dan ikun użu skorrett tas-sistema, għax tintilef il-kontinwità, li hija partikolarità essenzjali biex din is-sistema ta' akkreditatazzjoni titħaddem sewwa, u jkun hemm bżonn li meta tintilef xi sena waħda, il-proċess ikollu jerġa' jibda mill-bidu.*

*62. L-istess Matthew Tabone, ix-xhud tar-rikorrent, ikkonferma dan il-punt meta kien qiegħed jixhed fis-seduta tal-18 ta' Settembru, 2017. F'din is-seduta huwa esebixxa tliet dokumenti, li ġew markati Dok MTX, MTXX u MTXXX. Dawn huma ċertifikati li juru li ntlaħqu l-istandard tal-EUREPGAP (Version 2.1- Oct 04) maħruġa lil Catherine Scerri, waħda mill-aġenti involuta fl-esportazzjoni tal-patata. Id-Dok MTXX maħruġ mis-CMi, ikopri l-perijodu minn meta nħareġ fit-28/09/2005 u kellu* expiry date *fil-15/05/2006. Id-Dok MTXXX maħruġ mis-soċjetà CMi, ikopri l-perijodu minn meta*

*nħareġ fit-18/12/2006 u kellu* expiry date *21/05/2007. Id-Dok MTX li ġie maħruġ mis-soċjetà FoodCert B.V. lil Catherine Scerri Farmers Group, ikopri l-perijodu minn meta nħareġ fit-03/07/2007 u kellu* expiry date *02/07/2008. Interessanti li jiġi notat li fuq l-aħħar imsemmi ċertifikat hemm reġistrata wkoll dik li tidher li hi prova tal-kontinwità li tesiġi din is-sistema ta' akkreditatazzjoni, u ċjoé li l-Catherine Scerri Farmers Group* "has a sub-licence and certification contract with FoodCert B.V. for EUREPGAP during the period: **July 2007 – June 2010**". *Matthew Tabone xehed hekk (in kontroeżami): (fn. 58 ara x-xhieda tiegħu a fol. 9 sa 11 tat-traskrizzjoni)*

***Arbitru:*** Sekonda waħda. Għax hawnhekk qed nara f'dawn iċ-ċertifikati li esebixxa x-xhud, MTX. This certificate is valid for one year from 10th July 2007 to 2nd July 2008.

**Matthew Tabone**: Ħa nispjegalek x'inhi...Mela, jekk aħna qed nitkellmu fuq l-export tal-patata 2006, jiġifieri l-patata titlaq f'April per eżempju, April 2006. Tajjeb? Mela inti dawn joħorġu ċertifikat li jkun validu għas-sena ta' wara. Għalhekk għandek date of issue u date of expiry. Imma dan huwa xogħol li [jsir] sena wara sena. It's a continuous thing. Sakemm ma jkunx hemm breakage. Is-sena ta' wara jinħareġ jerġa' ċ-ċertifikat. Fil-fatt huwa s-sena kienet 2007, li jibqa' validu sas-sena ta' wara. Eżatt. Imma teoretikament tkun tista' tesporta l-patata bl-istess ċertifikat... Sa Lulju 2008... Jiġifieri teoretikament dan jista' jibqa' validu għal 2008.....Teoretikament. Imma l-prassi, skont il-Global Gap protocol, jitlob li inti...

**Arbitru:** Imma għaliex teoretikament allura?

**Matthew Tabone:** Teoretikament għax dan jibqa' validu. Imma, kif qed ngħidlek. Jiġifieri dan huwa proċess kontinwu. Sena wara sena....Imma mbagħad is-sena ta' wara...trid terġa' tibda l-proċess mill-bidu... Ma jkunx kontinwu...

**Dr John Gauci**: Fuq dan l-aħħar punt ħa nsaqsik. Ħa nkomplu daqsxejn bil-kontinwità. Inti qed tispjega tajjeb ħafna, li skont il-Europe Gap u skont il-Global Gap, jekk tinqabeż xi żmien ta' ċertifikazzjoni, trid terġa' tibda l-proċess mill-bidu. F'dan il-kaz partikolari, kien hemm sena partikolari għidtilna biċ-ċertezza li ma kienx hemm ċertifikat, tispjega daqsxejn imbagħad x'ġara f'dik is-sena fir-rigward ta' ċertifikazzjoni. Fis-sens kellu jerġa' jibda l-proċess mill-bidu? Jew fil-veritá ma reġax beda?

*63. L-istess Matthew Tabone xehed hekk ukoll:*

Ħa ngħidlek. Ix-xogħol, ħa nispjega naqra x-xogħol. U din l-aħħar darba li ħa nispjegaha. Ix-xogħol jibda pressa poco Ottubru, Novembru tas-sena ta' qabel. Jispiċċa meta l-patata tkun qed tinħatt biex titlaq barra. (fn. 59 ara x-xhieda tiegħu a fol. 16 u 17 tat-traskrizzjoni)

Dax-xogħol qabel ried isir, xhur qabel. Jiena ma kellix l-ebda say fuqha. Jekk sarux inspections għand il-bdiewa? Jekk il-bdiewa żammewx iż-żamma tar-records minn tax-xhur ta' qabel? Minn Settembru ta' qabel. Issa qabel ma ġiet esportata l-patata, ma nafx. (fn. 60 ara xhieda tiegħu a fol. 20 tat-traskrizzjoni)

*64. Fil-fehma tat-Tribunal, meħuda in konsiderazzjoni tal-provi kollha li nġabru, inklużi dawk li ġew riprodotti jew kummentati hawn, jinklina li jaċċetta li l-interpretazzjoni tal-intimat Naudi għall-frażi* "the year 2009" *tidher aktar kredibbli. Din il-konklużjoni tfisser li l-obbligu tal-intimat Naudi/ATB, assunt bil-kuntratt in kwisjoni, ma kienx li jiġi ottjenut iċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għall-patata li kellha tiġi esportata fis-sena kalendarja 2009, jigifieri l-patata li ġiet esportata f'April / Mejju / Ġunju tas-sena 2009, kif isostni r-rikorrent, iżda kien jirrigwardja il-patata li nżergħet fis-sena 2009 u li ġiet esportata fis-sena ta' wara, cjoé l-2010 (jew aħjar il-*potato crop *2009-2010). It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni b'applikazzjoni tar-regoli tal-ermenawtika legali li jinsabu reġistrati fl-artikoli 1003, 1004, 1005, 1006 u 1007 tal-Kodiċi Ċivili (fn. 61 L-imsemmija artikoli tal-Kodiċi Ċivili jaqraw hekk: 1003.* Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-partijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet; *1004.* Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tinftiehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett; *1005.* Il-kliem li jista' jfisser ħaġa u oħra għandu jinftiehem fis-sens li l-iżjed jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt; *1006.* Dak li mhux ċar jitfisser minn dak li soltu jsir fil-lok fejn ikun sar il-kuntratt; *1007.* Fil-kuntratti għandu jitqies li hemm il-klawsoli ta' użu, ukoll jekk ma jkunux ġew espressi.)*, kif ukoll għas-segwenti raġunijiet:*

- *Għaliex iċ-ċertifikati li ġew esibiti (fn. 62 ara paragrafu 62 supra) jagħtu indikazzjoni tajba ta' kif is-sistema tal-akkreditatazzjoni tħaddmet f'Malta. Infatti dawn iċ-ċertifikati ma jkoprux perijodu bażat fuq sena kalendarja waħda, ċjoé li jkopru perijodu li jibda fl-1 ta' Jannar u li jispiċċa fl-aħħar ġurnata ta' Diċembru. Invece, l-istess ċertifikati jkopru perijodu li jibda f'data ta' sena partikolari u jispiċċa f'data tas-sena sussegwenti. Kif rajna diġà, d-Dok MTX ikopri l-perijodu mit-03/07/2007 sal-02/07/2008.*
- *Għaliex il-provi juru li fis-settur tal-esportazzjoni tal-patata, l-istaġun jibda meta jibdew il-preparamenti biex tinżara l-patata (madwar Settembru - Ottubru ta' sena partikolari), u jispiċċa f'April / Mejju / Ġunju tas-sena ta' wara, meta dik il-patata tinqala' mill-għalqa biex tinbiegħ u tiġi esportata. Għaldaqstant, meta wieħed jitkellem fuq* potato crop *ta' sena partikolari, wieħed irid jifhem li l-proċess tal-kummerċ tal-patata ma jsegwix sena kalendarja waħda. Il-proċess ta' dik il-patata ser jibda f'sena kalendarja partikolari, imbagħad jispiċċa fis-sena kalendarja ta' wara. Iċ-*

*ċertifikati li ġew esibiti, jirriflettu dan ix-xogħol ta' natura staġjonali. Infatti, jistabilixxu data tal-bidu tal-perijodu li jkopri f'sena waħda u data meta il-kopertura tiegħu tispiċċa fis-sena ta' wara.*

- *Għaliex it-tielet premessa tal-kuntratt tistipula b'mod ċar hekk*: "Whereas ATB should be in a position to complete the inspection and audit phase by the end of September 2010, inclusive of the Certification Body audit procedures necessary to issue the official GlobalGAP Certificates". *Din il-premessa tindika ċar u tond x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta iffirmaw il-kuntratt, jiġifieri li l-fażi ta' spezzjoni u awditjar kellha titlesta sa l-aħħar ta' Settembru 2010. Isegwi li l-intenzjoni tal-partijiet ma kinitx, kif qed jallega r-rikorrent, u ċjoé li tiġi akkwistata ċ-ċertifikazzjoni fis-sena kalendarja 2009, għaliex tali ċertifikazzjoni ma tistax tinkiseb mingħajr ma jkun tlesta l-awditjar. Dan il-fatt ġie anke kkonfermat minn Matthew Tabone fl-affidavit tiegħu maħluf fl-4 t'Awwissu, 2015, u mmarkat bħala Dok MSDEC 1, fejn jgħid li:* "bil-PRE-AUDIT exercise biss qatt ma jista' u qatt ma seta' jinħareġ ċertifikat tal-GlobalGAP ... Dan jinħareġ biss ovvjament wara li jsir l-audit exercise u jiġi assigurat min-naħa tal-kumpannija akkreditata li jagħtu servizz lill-GlobalGAP li l-istandards intlaħqu."
- *Għaliex fil-mument meta ġie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni, u cioé fl-aħħar ta' Ġunju 2009, l-istaġun ta' esportazzjoni tal-patata li kienet inżergħat fis-sena 2008 kien diġà għalaq, u għalhekk ftit li xejn jagħmel sens li l-ATB tobbliga ruħha fil-kuntratt li tottjeni ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għal patata li diġà kienet ġiet esportata. Naudi beda jaħdem fuq dan il-proġett fi Frar 2009 u xehed li sab sistema imħaddma verament ħażin u li hu għamel ħiltu biex jipprova jirranġaha. Ċertament, dawn id-diffikultajiet kienu magħrufa mal-i*stakeholders *relattivi. L-intimat Naudi xehed hekk:*

"Mela f'Jannar tat-2009, beda l-perkors biex nagħmlu stocktaking u naraw x'kienet is-sitwazzjoni u x-xogħol kien fih biex naslu nerġgħu biex niġu in line fiċ-ċertifikazzjoni tal-patata li tiġi esportata lejn l-Olanda. Mela l-ewwel li sibna li ma kienx hemm migration mill-EurepGAP għall-GlobalGAP. Mela il-EurepGAP spiċċat tikkoverja sa Lulju tat-2007. Jiġifieri jekk qed tgħidu li kien hemm ċertifikazzjoni tal-patata tat-2008, irid ikun bilfors GlobalGAP. Dan ma jeżistix. Rajna fix-xhieda tal-aġenti, ikkwotajtha inti stess l-aħħar darba, li dawn qalu li kien hemm. Però ħadd ma talabhom, allajbierek, biex iġibu kopja ta' din iċ-ċertifikazzjoni. Mela allura ma kienx hemm. Imma ħaġa aktar gravi minn hekk ħa niġu għaliha. Issa biex wieħed jagħmel il-migration from Europe GAP to GlobalGAP, trid iġġib up to date dawn is-snin ta' ċertifikazzjoni li inti fallejt. Dak għamilnih ukoll, tajjeb? Issa però, meta ġie appuntat *accreditation body*, jew *auditing firm*, *call it what you may*, dawn li joditjaw ix-xogħol li tkun għamilt biex joħorġu ċ-ċertifikazzjoni, tajjeb? U kellhom laqgħa miegħi u mal-ministeru u mal-aġenti, mhux miegħi biss, qalu isma' x-xogħol li qed isir għall-esportazzjoni tas-sena 2008-2009, għas-sena jiġifieri April sa Ġunju jew Lulju, li qed

issemmi inti, dan ħa jkun dummy audit biex turu li għamiltu x-xogħol li qed ngħid hawnhekk li sar. Diment li jsir, allura aħna ċ-ċertifikazzjoni nistgħu nagħmluh għax se ġġibu x-xogħol up to date. U hekk kien hemm fil-kuntratt. Irid jinħareġ sat-2010 fil-kuntratt. Kienet fil-kuntratt ukoll li għas-sena 2009-2010 iridu jħallsu l-aġenti. Għat-2010-2011 iridu jħallsu l-aġenti, għax il-Gvern kopra 2008-2009". (*fn. 63 ara x-xhieda in kontro-eżami li ta fis-seduta tal-4 ta' Settembru, 2017)*

- *Għaliex iż-żewġ pagamenti, kull wieħed ta' €15,000, li għamel ir-rikorrent (fn. 64 ara Dok.) għamilhom wieħed fit-30 t'Ottubru, 2009 u l-ieħor fid-19 ta' Frar, 2010. Dan l-aħħar pagament sar meta s-sena kalendarja 2009 kienet ilha li għalqet. Dan il-fatt ma jħalli l-ebda dubbju li ma kinetx l-intenzjoni tal-partijiet li Naudi kellu jottjeni l-akkreditazzjoni għall-patata esportata fis-sena kalendarja 2009. Diversament, ma jagħmel l-ebda sens li l-Ministeru jagħmel ħlas għal xogħol li kellu jsir fis-sena kalendarja 2009 u li dan ma sarx.*

*65. Kif intqal fil-paragrafu 58 supra, il-Ministeru jippretendi li ma sarx ix-xogħol neċessarju biex titwaqqaf l-iskema tal-GlobalGAP fit-2009. Mill-kontenut tal-paragrafu preċedenti jirriżulta li dan it-Tribunal huwa sodisfatt li l-intimat Naudi ta interpretazzjoni korretta tal-frażi* "the year 2009" *imsemmija fil-kuntratt. Jirriżulta li a bażi tal-istess interpretazzjoni, l-akkreditazzjoni li kellha tigi akkwistata, ġiet fil-fatt ottenuta tempestivament u għalhekk l-iskop prinċipali tal-kuntratt jirriżulta li ntlaħaq. Il-provi kollha li ressaq l-intimat Naudi jissostanzjaw ix-xogħol li huwa għamel biex dan l-iskop seta' jintlaħaq. Dan ix-xogħol ġie wkoll spjegat fiż-żewġ affidavits tiegħu u kollox ġie korroborat minn ammont konsiderevoli ta' dokumenti li esibixxa fil-mori tal-arbitraġġ. Is-segwenti huma ftit mill-provi prodotti li kkonvinċew lit-Tribunal li l-intimat Naudi effettivament wettaq ix-xogħol impenjattiv li daħal għalih bil-kuntratt in kwistjoni:*

- ✓ *Parti sostanzjali tax-xogħol li sar, tinsab rikonoxxuta fit-tieni preambolu formanti parti mill-kuntratt tat-30 ta' Ġunju, 2009, li taqra hekk: "*Whereas ATB has followed a period of animation and facilitator advice, and is now in the inspection phase of the GlobalGAP certification procedures, and it has introduced all the forms, record keeping, hygiene and control points, quality management and good agriculture practices required to ensure that the GlobalGAP protocol is being observed, and the necessary training can be conducted".

- ✓ *Mal-affidavit ta' Matthew Tabone, ppreżentat fis-7 ta' Marzu, 2016, ġiet esibita email, markata Dok MT 5, mibgħuta mill-intimat Naudi lis-Segretarju Permanenti Chris Ciantar fis-6 t'Ottubru, 2009, hemm informazzjoni x-xogħol li kien sar sa dik id-data:*

- Sejjaħna l-bdiewa li jkabbru l-patata Frar/ Marzu 2009 – il-lista tal-bdiewa ġew ppreżentati mill-packhouses (Abdilla, Scerri, Bezzina, u Mafimex);
- Organizzajna t-training neċessarju biex nissodisfaw il-kriterji tal-GlobalGAP;
- Bdejna noħolqu file għal kull bidwi;
- Bdejna induru kull bidwi biex intuh pariri dwar il-kundizzjonijiet (storage fertilizzant, locker tal-bexx, iġene, traċċibilità, u haccp);
- April 2009 beda l-istaġun tal-esportazzjoni;
- Affaċjajna problemi serji eż. Bdiewa li ma żammewx mal-packhhouses tagħhom (biddlu l-packhouse jew marru għand iktar minn wieħed), il-pjanti ma indikawx bil-preċiż fejn inżergħet il-patata, ma saritx spezzjoni taż-żerriegħa tal-patata importata mill-packhouses, ma kinitx teżisti sistema ta' Quality Management (ISO 9000 u ISO 9001), ma saritx 'hand-over' tal-files tal-EurepGAP (essenzjali biex nuru lill-awdituri esterni illi kien hemm kontinwità fis-sistema), sibna li fis-sena 2005, 2006, 2007 u 2008 kien hemm nuqqasijiet kbar, eċċ ... (too long to mention all);

✓ *L-intimat Naudi spjega l-importanza tat-training li sar biex tinkiseb l-akkreditazzjoni:*

"**Persuna 1**: Issa, dan it-training sar?

**Mr Louie Naudi**: Iva. Nispjega li meta jsir il-conversion mill-Europe Gap għall-GlobalGAP, il-bdiewa bil-fors kellhom jiġu ttrenjati għal suġġetti speċifiċi. Per eżempju, fil-GlobalGAP il-minimum residue tal-pestiċidi mal-patata ġie iktar oneruż. Allura l-prattiċi li kienu qed jagħmlu għall-esportazzjoni kellhom jinbidlu biex nidħlu f'din is-sistema. Imma apparti minn hekk, kien hemm ħafna wkoll record keeping, qed tifhem? L-obbligi tal-cross compliance meta tieħu l-għajnuna mill-Unjoni EwropeGAP, u tal-GlobalGAP kienu differenti.

**Persuna 1**: Iktar stringenti

**Mr Louie Naudi**: Sar il-programm. Konna mmorru għand il-bdiewa; il-kumplikazzjoni hija li aħna we started from scratch, ma ngħatajna xejn min-naħa tal-Gvern biex nistgħu nibbildjaw. Ma kellna xejn fuq xiex nistgħu nibbildjaw". (fn. 65 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2016)

*Il-fatt li sar dan it-training huwa koroborat minn Matthew Tabone:*

**"Dr John Gauci:** Taqbel miegħi li s-Sur Naudi għamel dan it-training? Kellu premises partikolari li lestih apposta biex isir dat-training? Fuq numru ta' snin. Kellu l-lecturers, eċċ, eċċ. Taqbel li sar dan ix-xogħol?

**Matthew Tabone:** Saru fis-sena ... liema waħda qed nitkellmu issa?

**Dr Abigail Caruana:** Sena ta' wara, liema sena?

**Matthew Tabone:** Għall-export tal-patata 2010 issa qed nitkellmu. Iva sar" (fn. 66 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2017 f'paġna 22) (enfasi tat-Tribunal).

- ✓ *Silta oħra li tagħti indikazzjoni tax-xogħol li twettaq hija din:*

"Malajr malajr għandi lista żgħira hawnhekk tal-affarijiet li kellna nagħmlu biex nevalutaw jekk nistgħux nibdew. Jiġifieri legislation that must be observed, training on all aspects and standards, power point presentations, sourcing lecturers, course notes and handouts, on-farm training, creating the quality system, quality manual, self-assessment, shadow audit, certification body and audit, jiġi certified if farmers assess and packhouses conform to the GG protocol.

This includes traceability, tracking system along the whole chain, MRL minimum residual limits fuq iil-prodott li jkun verifikat minn a credited laboratory barra minn Malta għax m'għandniex, soil and water sampling at a lab, soil analysis. Mis-soil analysis trid toħroġ a fertilizer plan u tara li l-bdiewa qed jimxu ma' dak il-fertilizer plan. Għandek min-naħa tal-packhhouses tara l-grading system li ġo fiha, l-bdiewa ħa jieħdu l-kaxxa tal-patata biex l-ewwel jigradjaw imbgħad jippakjawhom, li jkun hemm a numbering system li tibqa' mill-għalqa sal-grading fil-jumbo bag biex l-awditur li ħa jiġi jiċċertifikak jiċċekja ma' min qed jirċievi l-patata dak in-numru baqa' intatt biex jekk jinqala' xi ħaġa, we can trace the potatoes to the source. (fn. 67 ara x-xhieda tal-intimat Naudi mogħtija fid-19 ta' Jannar, 2017)

- ✓ *Meta Naudi kien qieghed jikkonkludi l-affidavit tiegħu Dok AFFLN, li ġie ppreżentat fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2017, fejn huwa spjega fid-dettal ix-xogħol li għamel, huwa qal hekk:*

"Dan qiegħed ngħidu sabiex wieħed japprezza l-proġett kbir li daħlet għalih l-ATB li kien jinvolvi ħafna xogħol li ried isir f'qasir żmien immens. Grazzi għax-xogħol li għamilna, il-patata li kienet tissodisfa l-istandards neċessarji ġiet fil-fatt esportata bejn April u Lulju tas-sena 2009, u l-prezz li tħallas lill-bdiewa kien wieħed record". (fn. 68 ara paragrafu 25 tal-imsemmi affidavit)

*66.* ***Fit-tielet lok*** *ir-rikorrent jsostni li l-*audited financial statements*, ma ġewx sottomessi sal-aħħar ta' Settembru 2010 u dan bi ksur tal-klawsola 4 tal-kuntratt. Ir-rikorrent jsostni wkoll li din hija kwistjoni sempliċi u ferm oġġettiva għaliex jidher ċar li l-klawsola 4 imponiet li d-dokumentazzjoni rilevanti kollha u l-audited financial statements, li juru l-infiq li sar tas-somma li ingħatat bl-imsemmi kuntratt, skont l-operations plan Doc C anness miegħu, kellhom jingħataw lill-Ministeru sal-aħħar ta' Settembru tas-sena 2010. Ir-rikorrent ssottometta li kienet ħaġa raġunata illi dawn id-dokumenti jintalbu u dan peress li l-Gvern irid ikun f'pożizzjoni illi jiġġustifika f'hiex*

*intefqu t-tletin elf Ewro (€30,000) li hu kien ħallas fuq il-kuntratt. Skont ir-rikorrent dawn id-dokumenti qatt ma nstabu fil-file relattiv u li kieku intbagħtu, kif allega l-intimat Naudi, huwa kien jingħata riċevuta jew* acknowledgment *għaliex din hija l-proċedura tal-Ministeru. Ir-rikorrent jsostni li ġie preżentat biss rendikont magħmul mill-intimat Naudi stess tal-allegat infiq li għamel, liema rendikont la huwa datat u lanqas ma jipprovdi informazzjoni dwar effettivament x'sar sabiex jitwettaq l-Operations Plan. Kull ma hemm f'dan id-dokument huwa riproduzzjoni ta' dak li jinsab fl-Operations Plan u figura ta' flus ħdejn kull punt li kellu jitwettaq. Però ma hemm ebda rendikont ta' x'sar eżatt biex jintlaħqu dawk il-punti u lanqas lil min tħallsu l-flus. Ir-rikorrent jissottometti wkoll illi l-intimat Naudi fl-ebda mument ma xehed illi kien dan ir-rendikont illi kien ppreżenta lill-Ministeru saż-żmien indikat fil-ftehim u aktar minn hekk dan ċertament illi ma jikkostitwixxix* audited financial statements *li jissemmew fil-ftehim.*

*67. Illi l-intimat Naudi irribatta il-kontenut tal-paragrafu precedenti billi xehed diversi drabi dwar din il-kwistjoni li qiegħda tiġi investigata hawn u t-Tribunal sejjer jelenka hawnhekk xi partijiet ewlenin minn din l-evidenza:*

- "Madwar Frar 2010, meta ġiet konkluża l-ewwel fażi tal-proġett, aħna filfatt tajna żewġ rendikonti lill-Ministeru, u ċioé:

  - rendikont tax-xogħol li kien sar, li kien jinkludi fost l-oħrajn training, il-preparazzjoni tal-QMS, u esperti barranin li nġabu Malta sabiex isiru l-audits neċessarji biex jiġu approvati l-proċeduri;
  - Rendikont ta' kif intnefqu l-flus li tawna l-Ministeru. Biex nagħmlu dan ir-rendikont, aħna konna mxejna fuq Dokument D li kien ġie anness mal-kuntratt tat-30 ta' Ġunju 2009, l-hekk imsejjaħ 'Prospect of Expenditure', fejn kien hemm diversi headings u kien hemm ammont massimu ta' flus li kellhom jintefqu għal kull heading. Dan ir-rendikont jien kont tajtu personalment lil Dr Christopher Ciantar". (fn. 69 ara paragrafu 27 tal-affidavit tal-intimat Naudi Dok. AFLN ippreżentat fit-3 ta' Lulju, 2017)
  "Id-dokumenti WWW 32 u WWW 33, ippreżentati minni fis-16 ta' Novembru 2016, juru li wara li konna preżentajna r-rapporti lil Dr Chris Ciantar fl-aħħar ta' Phase 1, Dr Ciantar kien inkariga lis-sur Noel Azzopardi u s-sur Karm Abela sabiex dawn jivverifikaw id-dokumenti, kif fil-fatt sar. Irrid nenfasizza li kieku ma kienx hekk, l-ATB żgur ma kinitx tingħata l-fondi". (fn. 70 ara paragrafu 30 tal-affidavit tal-intimat Naudi Dok. AFLN ippreżentat fit-3 ta' Lulju, 2017)

- *Parti mit-traskrizzjoni waqt il-kontroezami li sar lil Naudi fis-seduta tad 19 ta' Mejju 2016 taqra hekk:*

"**Mr Louie Naudi:** Aħna għażilna dak li kien essenzjali biex inkunu nistgħu nġibu certification tal-Global.

**Dr Abigail Caruana:** X'għażiltu mela? X'għażiltu?

**Mr Louie Naudi:** Għażilna dak li hemm fir-rapport li għandkom quddiemkom.

**Dr Abigail Caruana:** Liema rapport?

**Mr Louie Naudi:** Ir-rapport li ssottomettejna biex nitħallsu.

**Dr Abigail Caruana:** Għandek kopja tiegħu dan ir-rapport?

**Mr Louie Naudi:** Mela m'għandix.

**Dr Abigail Caruana:** Tista' tissottomettih? Lil min issottomettejtu dak ir-rapport?

**Mr Louie Naudi:** Lill-Permanent Secretary.

**Dr Abigail Caruana:** U meta?

**Mr Louie Naudi:** Ma niftakarx.

**Dr Abigail Caruana:** Ingħatajt irċevuta tiegħu?

**Mr Louie Naudi:** Kien hemm mir-rapport fit-2009 u parti fit-2010, mingħalija kien maqsum fi tnejn.

**Dr Abigail Caruana:** Ingħatajt irċevuta meta ssottomettejt ir-rapport? Mill-Ministeru?

**Mr Louie Naudi:** F'liema sens?

**Dr Abigail Caruana:** Irċevuta illi int ssottomettejt rapport. Jiġifieri prova li inti veru tajtulu lill-Ministeru.

**Mr Louie Naudi:** Jien ma niftakarx f'dil-okkażjoni. Però meta kien hemm il-laqgħa, meta kien hemm l-aġenti, f'din il-laqgħa l-file kien kbir. Il-Permanent Secretary ħareġ id-dokumenti kollha, u min kellu jistaqsi l-mistoqsijiet saqsa l-mistoqsijiet, meta kien hemm id-dubbji jekk saru ma sarux u dawn l-affarijiet.

**Dr Abigail Caruana:** Kien hemm xi ħadd miegħek meta ssottomettejtu r-rapport? Jew kont waħdek?

**Mr Louie Naudi:** F'dil-laqgħa li qed insemmi.

**Dr Abigail Caruana:** Liema laqgħa?

**Mr Louie Naudi:** <u>Il-laqgħa biex nagħlqu kollox, għax il-Ministeru sejħu laqgħa biex jingħalaq il-file darba għal dejjem.</u>

**Mr Louie Naudi:** Din il-laqgħa saret fil-... Fit-2010 għamilna l-aħħar verifika tax-xogħol li għamilna. Imbagħad ħareġ is-certification.

**Dr Abigail Caruana:** Ħareġ is-certification, qed tgħid?

**Mr Louie Naudi:** Iva.

**Dr Abigail Caruana:** Ta' xhix?

**Mr Louie Naudi:** Tal-GlobalGAP.

**Dr Abigail Caruana:** Għal liema sena?

**Mr Louie Naudi:** 2009 – 2010.

**Dr Abigail Caruana:** Jiġifieri għat-2009 ħareġ iċċertifikat tal-GlobalGAP, qed tgħidilna?

**Mr Louie Naudi**: You are misinterpreting GlobalGAP. GlobalGAP is a year. It starts in Malta in October and ends in June. L-aġenti ħadu vantaġġ u qed jippruvaw jgħidu li toħroġ f'sena, jiġifieri fi June, biex jirbħu s-sena ta' wara. Jiena dik il-prattika ma ridthiex. Jien għamilt l-affarijiet kif suppost. Meta jien ma bqajtx hekk sar, u hekk se jsir din is-sena wkoll. Qed jigdbu u s-sinjur jaf x'jien ngħid. Dan huwa kontra r-regoli tal-Global. Jien dawn l-affarijiet ma nagħmilhomx.

**Dr Abigail Caruana:** Il-Global.

**Mr Louie Naudi**: You are misinterpreting. It goes from one year to another. Għax ix-xogħol isir global, trid tlesti l-għalqa, imbagħad niċċertifikaw u nixtru ż-żerriegħa, u dak jiġu jħawwluhom dak iż-żmien. Dak hija l-global year – hija l-perjodu kollu.

**Dr Abigail Caruana**: Issa konna qed nitkellmu fuq ir-rapport, Sur Naudi. Ir-rapport li inti għidt li ssottomettejt lill-ministeru.

**Mr Louie Naudi:** Niftakar f'biċċtejn kienet, biċċa 2009, biċċa 2010.

**Dr Abigail Caruana**: Biċċtejn ġie rapport wieħed, biċċa fuq it-2009 u biċċa fuq it-2010? Però naqblu li dan il-kuntratt kien fuq it-2009, allura jiena għat-2009 qed nistaqsik. Sewwa?

**Mr Louie Naudi:** It-2010 kien jinkludi wkoll il-parti 2009.

**Dr Abigail Caruana**: Dan ir-rapport, terġa' tgħidilna meta ssottomettejtu? Jekk għandekx forsi riċevuta mill-Ministeru li inti...

**Persuna 1**: Sekonda waħda. Inti mort bih personalment u tajtulhom?

**Mr Louie Naudi:** Iva, Iva. Kien hemm laqgħa organizzata mill-Ministeru.

**Persuna 1**: Lil min tajtu, allura?

**Mr Louie Naudi:** Tajtha lill-Permanent Secretary. Il-Permanent Secretary għaddieha lil ...

**Persuna 1:** X'kien jismu l-Permanent Secretary?

**Mr Louie Naudi**: <u>Chris Ciantar. Chris Ciantar għaddieha lil accounts department, mingħalija Psaila kien jismu; I stand to be corrected; biex jawtorizza il-pagament.</u>

**Persuna 1:** U dan għandek kopja tiegħu inti?

**Dr Abigail Caruana**: Kopja ta' dawn ir-rapporti għandi imma iżjed minn hekk ma nafx x'għandi.

**Mr Louie Naudi**: Naf li mbagħad kelli żewġ laqgħat mal-accounts department.

**Dr Abigail Caruana**: U r-rapport dwar x'kien sar jiġifieri?

**Mr Louie Naudi**: Ir-rapport kien x'ħadna minn dawn il x'jisimhom.
**Dr Abigail Caruana:** X'ħadtu minn dawn. Intgħażiltu...
**Mr Louie Naudi:** How we performed and...
**Persuna 1:** Jiġifieri dar-rapport fih bażikament ix-xogħol kollu li sar daparti tal-assoċjazzjoni biex hija titħallas, biex tiġġustifika l-flus li ħadet mingħand il-Gvern. Hux hekk?
**Mr Louie Naudi**: Hekk hu" (fn. 71 ara x-xhieda tal-intimat Naudi mogħtija fid-19 ta' Mejju, 2016 a fol. 19 sa 23 tat-traskrizzjoni) (Enfasi tat-Tribunal).

*68. L-intimat Naudi argumenta li r-rikorrent qiegħed jistrieħ unikament fuq dak li fih il-file li jinsab fil-Ministeru, li qatt ma ġie esebit fl-arbitraġġ odjern, u li l-persuni inkarigati minnu fil-perijodu in kwistjoni qatt ma ttellgħu jixhdu f'dawn il-proċeduri. Fuq dan l-aħħar punt, it-Tribunal jagħmel riferenza għax-xhieda ta' Naudi mogħtija fl-4 ta' Settembru, 2017, eżattament a fol 16 tat-traskrizzjoni fejn semma l-ismijiet tal-istess persuni li kienu Uffiċjali għolja fil-Ministeru fil-perijodu in kwistjoni u li setgħu jitħarrku biex jixhdu. Fl-istess seduta, Naudi qal li l-*audited financial statements *jeżistu għax kien ippreżentahom. Qal li fittixhom u li minkejja li fittxewhom ħafna, dawn kienu għadhom ma nstabux. Ix-xhud spjega li huma sfaw effettivament imkeċċija mill-fond li kienu joperaw minnu, u għal din ir-raġuni kellhom ħafna konfużjoni fid-dokumenti li kienu miżmuma f'dawk il-premises, b'riżultat li ammont sostanzjali ta' dokumenti baqgħu ma nstabux. Minkejja dan kollu l-jntimat Naudi qal li għamel l-almu tiegħu sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha rilevanti li kienu fil-pussess tiegħu sabiex ikun jista' jissostanzja d-difiża tiegħu. Rigward dan l-aħħar imsemmi aspett tal-kwistjoni, it-Tribunal jagħmel riferenza għax-xhieda ta' Naudi li mogħtija fl-4 ta' Settembru 2017, eżattament a fol 12 tat-traskrizzjoni fejn qal hekk:*

"Ġa kont saqsejtni meta kont fil-kontro-eżami qabel ma ppreżentajt id-dokumenti jiena. Fil-fatt spjegajt, isma' jiena meta nbdew il-proċeduri u mort biex insib il-karti, sibt rebus. <u>Xi ħadd għamel azzjoni ħażina</u> għax jien kont naf li kienu ffaljati sew u sibnihom f'kaxex kbar mitluqin 'l hawn u 'l hemm. And it took us a whole year to put them together. Dawn l-irċevuti partikolari huma fost l-affarijiet – ma sibnix kollox – fost l-affarijiet li ma sibnix. Imma għamilna sena sħiħa xogħol to put together dawn l-affarijiet. Kienu sparpaljati ma' kullimkien"*(Enfasi tat-Tribunal).*

*69. Dan it-Tribunal ma jeskludix li ma ingħatawx l-*audited financial statements *li jissemmew fil-kuntratt. Iżda mill-banda l-oħra dan it-Tribunal huwa aktar minn konvint li hemm provi biżżejjed fil-proċess li jindikaw li l-intimat Naudi verament ta rendikont sħiħ lil Permanent Secretary li kien fil-kariga f'dak il-perijodu (fn. 72 l-Inġinier Dr Chris Ciantar), tax-xogħol kollu li sar biex jitwettqu l-għanijiet tal-kuntratt, kif ukoll ta rendikont sħiħ tal-infiq tal-flejjes li irċieva mingħand il-Ministeru biex*

*jintlaħqu l-istess għanijiet. (fn. 73 apparti provi oħra, ara l-kontenut tal-paragrafu 67 supra, partikolarment il-partijiet sottolineati u l-kontenut tad-dokumenti WWW32 u WWW33, li ġew ippreżentati minn Naudi fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2016) Dat-Tribunal huwa wkoll aktar minn konvint li l-imsemmi Uffiċjal ma kienx sejjer jawtorizza l-ħlas tat-tieni pagament ta' €15,000 fi Frar 2010 li kieku l-intimat Naudi ma fornilux provi konvinċenti tax-xogħol u tal-infiq relattiv li sar mil-istess Naudi. Infatti, rriżulta li l-istess Uffiċjal ma talaqx minn idu dan l-aħħar imsemmi pagament qabel ma l-intimat Naudi tah sodisfazzjon sħiħ dwar kif nefaq il-flus li irċieva mill-Ministeru. Din hija deduzzjoni li t-Tribunal raġonevolment jista' jiġbed mill-fatt li l-istess Uffiċjal jirriżulta li <u>ma żammx strettament mal-mod kif kien stipulat fil-kuntratt li jsir il-ħlas mill-Ministeru lill-ATB tas-somma ta' €30,000</u>. Dan it-Tribunal ma jaħsibx li dan l-Uffiċjal ikkommetta dan in-nuqqas kapriċċożament (f'liema każ ikun hemm lok li jiskatta l-prinċipju <u>inademplenti non est adimplendum</u>), iżda invece x'aktarx li huwa għamel hekk biex proprju jassigura ruħu li dak kollu imwiegħed mill-ATB fil-fatt kien fil-fatt twettaq. Dan qiegħed jingħad għaliex l-istess kuntratt kien espressament jistipula li l-*financial consideration *li tissemma fil-kuntratt <u>ma kellhiex tinqasam f'żewġ pagamenti,</u> iżda kellha titħallas b'pagament wieħed ta' €30,000. Barra minn hekk, din is-somma kellha <u>titħallas ferm qabel ma effettivament tħallset</u> (fn. 74 skont ix-xhieda ta' Noel Azzopardi joħroġ li din is-somma kollha kellha titħallas mal-iffirmar tal-kuntratt: ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-7 ta' April, 2016 a fol. 6 tat-traskrizzjoni: "*Il-kuntratt as such ma kienx jgħid li riedu jinqasmu l-pagamenti però għal xi raġuni kienu nqasmu. Li nista' ngħid li meta tħallas it-tieni parti dak tħallas fuq premessa li ma nistgħux ... ma nħallsux għax il-pjan li kienu qalu li ser jissottomettu l-ATB fuq xiex kellhom jaħdmu dak kien ġie ppreżentat għaliex il-kuntratt kien jgħid li l-ATB kellu jippreżenta pjan ta' kif kellu jaħdem fit-2009. Dak kien ġie ppreżentat mal-firma tal-kuntratt stess jidhirli") *skont it-tielet klawsola tal-kuntratt (fn. 75 "*The payment of the financial consideration from MRRA to ATB shall be effected **<u>in full</u>** upon submission and acceptance of an operations plan (vide attached Doc. "C") by the ATB to the MRRA" *(Enfasi tat-Tribunal).*

*70. **Fir-raba' lok** ir-rikorrent jagħmel riferiment għall-klawsola 9 tal-kuntratt li tistipula illi jekk l-obbligi msemmija fil-klawsola 4 ma jiġux onorati, il-flus li ingħataw abbażi tal-ftehim, kellhom jiġu rifużi immedjatament flimkien mal-imgħax legali. Eżattament din il-klawsola 9 tistipula hekk: "*In the event of default by ATB of its obligations present in Clause 4 of this agreement ATB shall be immediately obliged to repay the entire net balance on the financial consideration provided by ATB to MRRA by virtue of this agreement, following which legal interest on the said balance shall also be charged.*" Ir-rikorrent jsostni li ladarba l-audited financial statements li jissemmew fil-klawsola 4 qatt ma ġew ppreżentati sal-aħħar ta' Settembru 2010, fil-*

*pront skattat il-klawsola 9. Ir-rikorrent jsostni li din hija klawsola ċara u ma tagħti lok għal ebda interpretazzjoni jew diskrezzjoni. Konsegwentement il-flus li ingħataw fuq il-kuntratt għandhom jiġu rifużi lir-rikorrent għax huwa prinċipju assodat kemm fil-liġi kif ukoll fil-ġurisprudenza illi* pacta sunt servanda *u ċjoé illi ftehim jew kuntratt jikkostitwixxi liġi bejn il-partijiet u li wieħed għandu jonora l-obbligi illi jkun daħal għalihom. A bażi ta' din il-klawsola 4, ir-Rikorrent qiegħed jippretendi r-rifużjoni tas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (EUR 25,500.00) bl-imgħax u dan fi żmien qasir u perentorju.*

*71. Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal li dawn il-proċeduri setgħu twieldu minħabba sforz ġenwin magħmul minn Uffiċjali tal-Ministeru li kienu ħerqana li jiġbru lura fondi mogħtija mill-Ministeru li kien jidhrilhom li ma intużawx ai termini stretti tal-kuntratt. Mill-banda l-oħra, mhux għal kollox eskluż li l-istess proċeduri setgħu ġew instigati ukoll minn ċerti differenzi li jidher li eżistew bejn l-intimat Naudi u l-istess uffiċjali, l-aktar Matthew Tabone. Mix-xhieda ta' Tabone jirriżulta infatti li kien f'April 2014 li dan tal-aħħar talab għall-file AGRIC 129/2009 u wara li sab hemm il-kuntratt in kwistjoni, sab li kien hemm kont pendenti ta' €4,500 skont ll-klawsola 7. Meta kompla jaqra l-file sab li ma kienx hemm prova taċ-ċertifikazzjoni għas-sena 2009 kif ukoll li ma kienx hemm l-*audited financial statements *li kien jesiġi l-kuntratt (fn. 77 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Settembru, 2017 a fol, 38 tat-traskrizzjoni) u wasal għall-konklużjoni li* "kien jidher ċar illi l-obbligi li kellha l-ATB ma ġewx onorati inkluż dawk fi klawsola 4". (*fn. 78 ara l-paragrafu 8 tal-affidavit ta' Tabone markat MSDEC 1. Għal aktar dettalji dwar ix-xhieda ta' Matthew Tabone, ara paragrafu 49 supra). Huwa ħass li kellu jallertja l-ġerarkija tiegħu (fn. 79 ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-18 ta' Settembru, 2017 a fol, 29 tat-traskrizzjoni) u din wasslet biex eventwalment inbdew il-proċeduri odjerni. Sejjer isir riferiment hawn għal siltiet mill-kontroeżami ta' Matthew Tabone, liema siltiet jistgħu jitfgħu dawl fuq kif saret l-investigazzjoni minnu, kif ukoll jekk setax kellu xi interess personali fil-kwistjoni jew kif jingħad bl-idjoma Ingliża,* whether he had an axe to grind (fn. 80 ara x-xhieda ta' Matthew Tabone mogħtija fit-18 ta' Settembru, 2017 a fol. 33 sa 38 tat-traskrizzjoni)*:*

**"Dr John Gauci:** Waqt li kont għadek tevalwa int, għax parti kbira mill-affidavit tiegħek kien dwar l-eżerċizzju li għamilt int una volta għaddewlek il-files biex imbagħad jittieħdu dawn il-proċeduri. F'dan l-eżerċizzju li għamilt int, ivverifikajt jew, mhux se nistaqsik jekk ivverifikajtx għax kont taf, għax kont taf il-proċedura kif kienet għaddejja. <u>Ħadt inkonsiderazzjoni l-flus li kienu ntefqu mill-ATB biex isir dak ix-xogħol kollu tat-training, il-flus li tħallsu lill-esperti, il-flus li tħallast int personalment biex tagħmel dak l-eżerċizzju tal-audit?</u> Jew sempliċiment ikkonkludejtu isma' jidhrilna li

hemm ksur ta' kuntratt, dawn m'għamlu xejn mela l-flus kollha lura. X'għandek xi twieġeb? ...

**Matthew Tabone:** ... Mill-file kien qed jidher li xi ħadd, jew xi nies, xi ħadd induna biha dil-ħaġa. (fn. 81 hawnhekk ix-xhud qiegħed jirreferi għall-proċeduri li kienu ttieħdu mill-Ministeru biex jiġu rifużi flus a bażi tal-klawsola 7 tal-kuntratt) U rajt xi ħaġa, jiġifieri mill-finanzi. Kienet erbat elef u ħames mitt ewro. Imma mbagħad il-file bdejt narah jiena. U kien hemm ukoll il-kuntratt. U bdejt naqra l-kuntratt x'kien qed jgħid. Għall-ewwel darba kont qed naqrah il-kuntratt. U l-kuntratt kien jgħid l-affarijiet kollha. Kif taf inti, li jridu jintbagħtu audited financial statements ...

**Dr John Gauci:** Issa niġu għaliha tibżax. Però, meta ħadtu d-deċiżjoni li titolbu lura l-ammont sħiħ ili kien ingħata, ma vverifikajtux effettivament, forsi anki min-naħa tas-Sur Naudi jew tal-ATB, illi fil-verità dak l-ammont kien effettivament intefaq u ma mar fil-but ta' ħadd?

**Matthew Tabone:** Jiena ...

**Dr John Gauci:** Jew ma sarx dan l-eżerċizzju?

**Matthew Tabone:** Jiena l-affarijiet li kelli fil-file, dawn l-affarijiet, il-financial audit statement u dawn, ma kinux fil-file.

**Dr John Gauci:** Però ma sarux verifiki dawk il-flus effettivament x'għamlet bihom l-ATB? Hux hekk?

**Matthew Tabone:** Ħa ngħidlek, forsi inti m'intix akkorrenti li mhux jiena, imma kumpanija barranija, in-Nak Agro, hawnhekk għandi kopja; in-Nak Agro għax-xogħol li għamlu, dan għandek kopja hawnhekk li dawn qed jistennew il-flus ta' ħmistax-il elf li għamlu huma, per eżempju.

**Dr John Gauci:** Imma dik se mai jgħidulna huma. Inti tal-flus li għamilt int personali tal-ATB, tħallast?...

**Matthew Tabone:** Tal-2009-2010?

**Dr John Gauci:** Iva.

**Matthew Tabone:** Iva tħallast.

**Dr John Gauci:** Tħallast. Jiġifieri parti minn dawk it-tletin elf illi qed titolbu l-flus tagħhom, hemm il-ħlas tiegħek. Hux hekk?

**Matthew Tabone:** ... Issa fit-2010, għax-xogħol tas-sena ta' wara, is-Sur Naudi qabbadni biex nagħmel ix-xogħol mill-bidu sal-aħħar tal-ko-ordinatur u l-internal auditor. <u>U x-xogħol għamiltu. Ħallasni somma parzjali, fejn qalli li ħa jagħtini l-parti l-oħra. U baqa' ma tajilhix</u>. U għandi kopja tagħha din....

**Dr John Gauci:** Inti minn meta ġew il-files f'idejk sakemm ħadt id-deċiżjoni ta' dawn il-proċeduri, tista' tgħidilna ma' min iddiskutejt? U x'dokumentazzjoni tlabt qabel ma tieħu din id-deċiżjoni?

**Matthew Tabone:** Jiena kif qed ngħidlek tlabt il-file. Il-file rajtu. Rajt dawk l-erbat elef u ħames mija. Tkellimt ma' tal-finanzi mingħalija, qal li kienu bagħtuhom – naħseb fuq affarijiet amministrattivi bagħtu.

**Arbitru:** Talbu, hux hekk?

**Matthew Tabone:** Talbu. Għal xhix ma baqgħux ikompluha, ma nistax nitkellem għal ħaddieħor. Rajt li kienet għadha pendenti u fflegjajtha, bħala uffiċjal tal-Gvern. Issa kif kien hemm ukoll, rajt il-kuntratt fejn il-kuntratt qed jesiġi li kellu jkun hemm sa ċerta data, sa Settembru 2010 mingħalija, audited financial statements, dik ifflegjajtha. Dawk l-affarijiet ma kinux fil-file tal-Gvern u jien ifflegjajtha. Dak xogħli għamilt.

**Dr John Gauci:** Qed tagħmel emfasi fuq il-kelma audited financial statements u qed tgħidilna li ma sibthomx fil-file. Financial statements mod ieħor jew kontijiet jew rendikonti, taqbel miegħi li kien hemm fil-file?

**Matthew Tabone:** Jien ma rajtx. Ma rajtx. Fil-file ma jidhirlix li rajt... (Enfasi tat-Tribunal).

*72. Mill-banda l-ohra l-intimat Naudi, f'diversi partijiet mix-xhieda li ta, jaċċenna għall-Matthew Tabone b'mod kritiku ħafna. Silta mill-evidenza ta' din in-natura tinsab hija din:*

"Il-problema hija ... li hemm daqsxejn bone of contention. U qed jippruvaw jinterpretaw, ħalli ma ngħidhix malizjożament, jinterpretaw xi ħaġa li it was settled darba għal dejjem din. Jiġifieri reġgħu qajmu xi ħaġa, it was settled għax qegħdin jinterpretaw ċertu klawsoli differenti milli intrepretajnihom aħna. U li l-Ministeru dak iż-żmien interpretawhom. U l-kas għalquh. Jiġifieri dawn reġgħu fetħu kas li kien ... Għax dawn ġa kien hemm xi akkużi u x'naf jien internament u ġie riżolt kollox*". (fn. 82 ara x-xhieda mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2016 paġna 24) Jista' jsir ukoll aċċenn ukoll għall-paragrafu 20 tal-Affidavit ta' Naudi (Dok. AFFLN2) preżentat fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2018, għall-paragrafi 36 sa 38 tal-Affidavit tal-istess Naudi (Dok. AFFLN) preżentat fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2017, u għall-paġna 7 u 8 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-intimat Naudi mogħtija fl-4 ta' Settembru, 2017".*

*73. Il-prinċipju* pacta sunt servanda *aċċennat mir-rikorrent f'paragrafu 70 supra, ċertament huwa wieħed mill-effetti ewlenin tal-kuntratti. Iżda dan ma huwiex prinċipju assolut li rigorożament għandu dejjem u fi kwalunkwe każ ikun segwit fl-għama. Dan għaliex l-artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili wara li jistabbilixxi l-imsemmi prinċipju, u cjoe' "li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom", ikompli jiddisponi li "Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi" (Enfasi tat-Tribunal). Fost dawn ir-"raġunijiet magħrufin mil-liġi" wieħed jista'*

*jsemmi l-provvedimenti tal-istitut tal-arrikkament indebitu u wieħed jista' wkoll jagħmel riferiment anke għall-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li jesiġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi: Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi (Enfasi tat-Tribunal).*

*74. Mill-provi miġbura jirriżulta li s-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien kien approva l-ħlas tat-tieni pagament tas-somma ta' €15,000 lil ATB fid-19 ta' Frar, 2010 (fn. 83 ara Dok. MSDEC4 esebit mir-Rikorrent fis-seduta tal-5 t'Awwissu, 2016) u effettivament kien inħareġ* payment voucher *(fn. 84 ara Dok. MSDEC5 esebit mir-rikorrent fis-seduta tal-5 t'Awwissu, 2016) fl-istess data. Aktar minn sena wara li sar l-istess pagament, irriżulta li l-Ministeru kien ipprova jirkupra s-somma ta' €4,500 li kienu dovuti lilu ai termini tal-klawsola 7 tal-ftehim. Għal dan il-fini intbagħtu ħames ittri interpellatorji lill-ATB f'dawn id-dati: 8 ta' Ġunju, 2011, 8 ta' Awwissu, 2011, 23 ta' Frar, 2012, 19 ta' Lulju, 2012 u f'data oħra li ma ġietx speċifikata f'Awwissu 2012. Meta l-Ministeru ra li l-ATB baqgħet inadempjenti, id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tas-Support Services fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, intavola proċeduri ġudizzjarji sabiex jirkupra l-ammont imsemmi ta' erbat'elef u ħames mitt Ewro. Dawn il-proċeduri kienu jinvolvu ittra uffiċjali (fn. 85 ara Dok. MSDEC 6 esebita mir-rikorrent fis-seduta tal-5 t'Awwissu, 2016) li ġiet intavolata fit-18 ta' Frar, 2013, ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-ittra uffiċjali kienet akkumpanjata minn dikjarazzjoni ġuramentata tal-istess Direttur Ġenerali. Din l-ittra ġiet debitament notifikata, iżda ma kinitx ġiet imwieġba u lanqas ikkontestata minn naħa ta' ATB, bil-konsegwenza li r-rikorrent akkwista titolu eżekuttiv fil-konfront ta' ATB għall-imsemmi ammont ta' erbat'elef u ħames mitt Ewro (€4,500). Sussegwentement il-Ministeru ħareġ mandat ta' sekwestru kontra ATB, li bis-saħħa tiegħu r-Rikorrent irnexxielu jirkupra s-somma ta' elfejn, mija u erbgħa u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€2,184.60) u għalhekk kien baqalu jirkupra l-ammont ta' elfejn, tliet mija u ħmistax - il Ewro u erbgħin ċenteżmi (€2,315.40). Fit-30 ta' Jannar, 2014 il-Ministeru bagħat ittra oħra biex jirkupra dan l-aħħar imsemmi ammont.*

*75. Kif diġà intqal, f'April 2014 il-file ġie f'idejn Matthew Tabone u dan skopra li kien għad hemm pendenti l-imsemmi ammont ta' €2,315.40 u li fil-file ma kienx hemm l-* audited financial accounts*. Minn hawhekk 'il quddiem, il-Ministeru, dawwar ir-rotta kompletament u beda jitlob rifużjoni ta' €25,500 minħabba li l-ATB* "naqset milli twettaq l-obbligazzjonijiet li daħlet għalihom abbażi tal-ftehim surreferit fosthom li ma ġewx preżentati audited financial statements ai termini tal-klawsola 4 tal-istess ftehim"*. Din il-pretensjoni ġiet magħmula permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-5*

*<u>ta' Novembru, 2014</u>, u ġiet kontestata mill-ATB (għar-raġunijiet più o meno li issemmew fil-proċeduri arbitrali odjerni) permezz ta' ittra legali datata 13 ta' Novembru, 2014. Imbagħad fis-6 t'Awwissu, 2015 ġew intavolati dawn il-proċeduri arbitrali mhux biss kontra l-ATB, iżda wkoll kontra n-numru konsiderevoli ta' bdiewa intimati li kienu membri fl-ATB, kif ukoll kontra l-intimat Naudi, ilkoll personalment.*

*76. Fil-fehma tat-Tribunal dawn il-provi juru mingħajr ombra ta' dubbju li l-uffiċjali għoljin tal-Ministeru li kienu qegħdin jittrattaw mal-intimat Naudi fuq il-każ odjern <u>fil-perijodu relattiv tal-implimentazzjoni tal-kuntratt, u li allura kienu edotti mill-fatti kollha rilevanti li seħħew fl-istess perijodu, kienu sodisfatti li l-għanijiet li għalihom ġie iffirmat il-kuntratt kienu kollha effettivament intlaħqu</u>. Tant huwa hekk li huma mhux biss ħallsu dak kollu li kellu jitħallas lill-ATB skont il-kuntratt, iżda wkoll għamlu dan il-ħlas żmien wara li kellu jsir l-istess ħlas u dan wara li aċċertaw ruħhom li l-istess ħlas kien tassew dovut. Barra minn dan, l-operat ripetut tagħhom, kif joħroġ mill-imsemmija diversi ittri li bagħtu, juri biċ-ċar li l-pretensjoni tal-Ministeru kienet unikament diretta biex jottjenu rifużjoni a bażi tal-klawsola 7 iżda mhux ukoll a bażi tal-klawsola 9, kif qiegħed isir bil-proċeduri odjerni. Dawn l-aħħar imsemmija proċeduri jidhru li ġew instigati, diversi snin wara minn meta gie implimentat il-kuntratt. Dan sar minn Uffiċjali Governattivi oħra (inkluzi dawk tal-Internal Audit and Investigations Unit [IAID]) li kienu ferm anqas edotti mill-Uffiċjali preċedenti mill-fatti kollha rilevanti għall-każ u li dehrilhom li kienu ġustifikati li jinjoraw kompletament is-sens legali inkorporat fil-prinċipju* electa una via non datur recursus ad alteram.

*77. Fid-dawl tal-provi miġbura f'dan il-proċess verament voluminuż u fid-dawl tal-konklużjonijiet diġà raġġunti partikolarment fil-paragrafu preċedenti u l-paragrafi 64 u 65 ta' din id-deċiżjoni, ma hemm assolutament ebda ġustifikazzjoni li tintlaqa' t-talba tar-rikorrent kif bażata fuq il-klawsola 9 tal-kuntratt, sempliċement minħabba li fil-file dipartimentali ma nstabux l-imsemmija* audited financial statements.

***M Konkluzjonijiet tat-Tribunal***

*78. Għal dawn il-motivi, dan it-Tribunal:*

1. *Jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin ai termini tal-artikolu 1224 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa u mill-intimat Naudi;*
2. *Jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin eċċepita mill-Intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra;*

3. *Jiċħad l-eċċezzjoni tal-improponibbiltà tal-azzjoni tar-rikorrent sollevata mill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa u mill-Intimat Naudi;*
4. *Jilqa' in parti l-eċċezzjoni sollevata mill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa li l-ammont ta' €4500 ma kellux jiġi inkluż fit-talba tar-Rikorenti billi jiċħad it-talba għall-kundanna mill-ġdid tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa biex din tħallas l-ammont imsemmi ta' €2,315.40, u dan stante li r-rikorrent diġa' ottjena titolu eżekuttiv li jkopri dan l-istess ammont;*
5. *Jiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-Intimat Naudi li hu m'huwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ għaliex dan it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni fuqu personalment;*
6. *Jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra,*
7. *Jastjeni milli jkompli jieħu aktar konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-istess intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra u dan skont ma jingħad fil-paragrafu 37 supra;*
8. *Jiċħad il-ħames eċċezzjoni sollevata mill-Intimat Naudi li hu mhuwiex leġittimu kontradittur f'dan l-arbitraġġ.*
9. *Jiċħad l-ewwel domanda tar-rikorrent li biha talab li ssir dikjarazzjoni li l-intimati jew min minnhom kienu inadempjenti fl-obbligi tagħhom naxxenti mill-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, salv dak li sejjer jingħad aktar 'l isfel dwar it-tielet domanda tar-rikorrent;*
10. *Jiċħad it-tieni domanda tar-rikorrent li biha talab li ssir ordni għar-resoluzzjoni tal-istess ftehim;*
11. *Jilqa' t-tielet domanda tar-rikorrent limitatament billi jiddikjara li l-intimat Louie R. Naudi biss għandu jirrifondi lura lir-Rikorrent l-ammont ta' ta' elfejn, tliet mija u ħmistax -il Ewro u erbgħin ċenteżmi (€2,315.40) - flimkien mal-interessi legali dekorribbli mis-6 ta' Awwissu, 2015;*
12. *Jiċħad l-istess tielet talba in kwantu din hija diretta għall-bilanċ tas-somma mitluba hemm, ċjoé il-bilanċ ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€25,500) u dan fil-konfront tal-intimati kollha;*
13. *Jilqa' r-raba' domanda tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' elfejn, tlett mija u ħmistax -il Ewro u erbgħin ċenteżmi (€2,315.40) u dan biss fil-konfront tal-intimat Louie R. Naudi u għalhekk jikkundanna l-istess intimat Naudi sabiex immedjatament iħallas lir-rikorrent l-istess somma ta' €2,315.40, bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Awwissu, 2015 sal-effettiv pagament;*

14. *Jiċħad l-istess raba' domanda tar-rikorrent in kwantu din hija diretta għall-kundanna tal-intimati kollha biex iħallsuh il-kumplament tas-somma mitluba ċjoé dik ta' ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€25,500);*
15. *Fl-aħħar nett, qed jiġi ordnat li l-ispejjeż għandhom jitħallsu hekk:*

- *kwantu għal ħamsa fil-mija (5%) mill-intimata Assoċjazzjoni tal-Bdiewa,*
- *kwantu għal ħamsa fil-mija (5%) mill-intimati Vincent Cortis, George Mifsud, Jesmond Abela, Charlie Gauci, Philip Micallef, Brian Camilleri, Twanny Galea, Raymond Grima, Louis Sant, George Busuttil u Eucharistico Zahra, ilkoll flimkien u*
- *kwantu għal għoxrin fil-mija (20%) mill-intimat Louie R. Naudi,*
- *kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) mir-rikorrent, u dana skont taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ annessa hawn bħala Dok, A li għandha titqies li tifforma parti integrali minn din id-deċiżjoni.*

**L-Appell**

18. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu mil-lodo arbitrali fil-11 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni arbitrali appellata mogħtija mill-Onorabbli Tribunal tal-Arbitraġġ fit-28 ta' Ġunju, 2019 fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tħassarha u tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-talbiet tal-esponent appellant fil-konfront tal-intimat Louie Naudi, tikkonferma d-deċiżjoni arbitrali fil-kumplament tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

19. Ir-rikorrent spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bil-lodo arbitrali appellat għaliex fil-fehma tiegħu it-Tribunal għamel interpretazzjoni skorretta tal-ftehim mertu tal-arbitraġġ, liema ftehim kien jikkostitwixxi liġi bejn il-partijiet. Qal li minkejja li l-klawsola 4 tal-ftehim kienet tistipula b'mod ċar u espress li kellhom jiġu ppreżentati *audited financial statements* u minkejja li dawn ma ġewx ippreżentati mill-intimat Louie Naudi, it-Tribunal iddeċieda li ma kien hemm

ebda ksur tal-ftehim. Ir-rikorrent qal li r-raġunament tat-Tribunal huwa skorrett u qatt ma kellu jasal għal din il-konklużjoni. Il-klawsola 4 tal-imsemmi ftehim tistipula illi:

> *"The Financial consideration hereby provided to ATB shall be utilised by ATB exclusively for the purpose of setting up, administration, payment and registration fee, and operation of the GlobalGAP certification process specifically for the year 2009 to be provided by ATB to the Maltese industry with immediate effect, in terms of the prospect of expenditure."*

20. Ir-rikorrent qal li l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa min-naħa tagħha obbligat ruħha li sal-aħħar ta' Settembru tal-2010, kellha tippreżenta d-dokumentazzjoni u l-*istatements* finanzjarji relattivi kollha lill-MRRA. Qal li minkejja li Louie Naudi allega li huwa ppreżenta d-dokumenti u l-*audited financial statements,* mill-provi jirriżulta li dan ma kienx il-każ. F'dan ir-rigward ir-rikorrent għamel riferiment għax-xhieda ta' Noel Azzopardi u ta' Matthew Tabone, li qalu li fil-*file* relattiv ma kienx hemm dawn id-dokumenti u l-*audited financial statements,* u stqarr illi li jekk dawn ġew ippreżentati, kienu jkunu fil-*file* relattiv. Qal ukoll li meta Louie Naudi ġie mistoqsi dwar jekk għandux xi riċevuta li dawn id-dokumenti ġew ippreżentati, dan ma pprovda l-ebda irċevuta, u dan minkejja li Noel Azzopardi xehed li hija prassi tal-Ministeru li meta jiġi sottomess dokument, dejjem jingħata *acknowledgment* min-naħa tal-Ministeru. Qal ukoll li meta Naudi ntalab jippreżenta kopja tal-*audited financial statements* fil-proċeduri odjerni, dan naqas milli jottempera ruħhu, u meta dan ġie mistoqsi dwar l-isem tal-awditur li ħejja dawn l-*istatements,* dan naqas milli jagħti ismu. Ir-rikorrent qal li fil-kors tal-proċeduri, Naudi ġie mistoqsi ripetutament sabiex jipprovdi *acknowledgement* tad-dokumentazzjoni li qal li kien ippreżenta, imma

naqas milli jagħmel dan. Qal ukoll li minkejja li Naudi ppreżenta volum kbir ta' dokumenti, l-*audited financial statements* baqa' ma ppreżentahomx.

21. Ir-rikorrent kompla jgħid li għad li Naudi kien obbliga ruħhu li jippreżenta l-imsemmija *statements*, fis-seduta ta' wara huwa xehed li ma setax jintraċċahom. Qal li Naudi lanqas ma kien kapaċi jgħid lil min kien qabbad biex iħejji dawn l-*istatements.* Ir-rikorrent qal li Naudi ppreżenta biss rendikont tal-allegat infiq li qal li kien għamel, liema rendikont la fih data u lanqas ma jipprovdi informazzjoni dwar x'sar effettivament biex twettaq l-*operations plan* li kellu jitwettaq skont il-ftehim. Qal li kull ma kien hemm fid-dokument ippreżentat minn Naudi kien riproduzzjoni ta' dak li jinsab fl-*operations plan* u ċifra ta' flus ħdejn kull punt li kellu jitwettaq. Ir-rikorrent qal li ma ngħata l-ebda rendikont dwar x'sar biex twettqu dawn il-punti, u lanqas lil min tħallsu dawn il-flus. Ir-rikorrent issottometta wkoll li Naudi fl-ebda mument ma xehed li kien dan ir-rendikont illi kien ippreżenta lir-rikorrent saż-żmien indikat fil-ftehim, u ċertament li dawn kienux l-*audited financial statements* li l-ATB kienet obbligata li tippreżenta skont il-ftehim.

22. Ir-rikorrent qal li ladarba l-intimati naqsu milli josservaw dak stipulat fil-klawsola 4 tal-ftehim, skont it-termini tal-ftehim kellu jiskatta dak indikat fil-klawsola 9, li tistipula illi:

> *"In the event of default by ATB of its obligations present in Clause 4 of this agreement ATB shall be immediately obliged to repay the entire net balance on the financial consideration provided by ATB to MRRA by virtue of this agreement, following which legal interest on the said balance shall be charged."*

23. Ir-rikorrent kompla jgħid li din hija klawsola ċara u ma tagħti lok għal ebda interpretazzjoni jew diskrezzjoni, u għalhekk ladarba dak indikat fil-klawsola 4 ma sarx, Naudi kellu jiġi ordnat jirrifondi lura il-flus li ngħataw mir-rikorrent. Qal ukoll li t-Tribunal fl-ebda mument ma ddeċieda li l-*audited financial statements* ġew preżentati u li Naudi jew l-intimati l-oħrajn kienu onoraw il-klawsola 4 tal-kuntratt. Ir-rikorrent qal li t-Tribunal iddeċieda li kien hemm biżżejjed provi li juru li l-iskop tal-kuntratt kien intlaħaq għaliex iċ-ċertifikazzjoni tal-patata kienet inkisbet u Naudi kien ta rendikont tal-infiq lir-rikorrent, għalkemm mhux fil-forma ta' *audited financial statements.*

24. Ir-rikorrent qal li dan ir-raġunament tat-Tribunal huwa wieħed fallaċi, għaliex ladarba t-termini tal-ftehim kienu ċari u kien miftiehem espressament li kellhom jiġu ppreżentati *audited financial statements,* it-Tribunal ma kellux jibdel dak espressament miftiehem bejn il-partijiet bid-diskrezzjoni tiegħu, u jiddikjara li l-*audited financial statements* ma kienx hemm bżonnhom. Ir-rikorrent għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 li jistipula li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, huwa ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni. Qal li l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw konvenzjoni meta l-partijiet f'kuntratt ma jkunx spjegaw ruħhom, jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet prevista u li hemm bżonn li tiġi maqtugħa. Ir-rikorrent qal li dan mhux il-każ hawnhekk għaliex fil-ftehim il-partijiet esprimew ruħhom b'mod ċar u indikaw li kellhom jiġu ppreżentati l-*audited financial statements,* u għalhekk it-Tribunal ma kellux jibdel id-diskrezzjoni tiegħu ma' dak li kienu ftiehmu dwaru espressament il-partijiet.

25. Ir-rikorrent sostna li l-interpretazzjoni ħażina tat-Tribunal f'dan il-każ hija aktar lampanti għaliex meta wieħed jikkonsidra li mill-provi prodotti jirriżulta li qatt ma ngħata rendikont dwar kif intefqu l-flus anke jekk mhux fil-forma ta' *audited financial statements,* u apparti minn hekk dawk li kellhom sehem krucjali biex iċ-ċertifikazzjoni tal-patata tinħareġ, baqgħu ma tħallsux. Ir-rikorrent għamel riferiment għax-xhieda ta' Matthew Tabone li spjega l-involviment tiegħu sabiex setgħet tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni tal-patata, u qal li minkejja dan huwa baqa' ma tħallasx. Ir-rikorrent għamel riferiment ukoll għall-ittra tal-kumpannija NAK-AGRO li kienet il-kumpannija li pprovdiet it-taħriġ, l-ispezzjonijiet u s-servizzi ta' ċertifikazzjoni lill-prodotturi tal-patata Maltin, minn fejn jirriżulta li din il-kumpannija wkoll ma tħallsitx tax-xogħol li kienet għamlet.

26. Finalment ir-rikorrent għamel riferiment għal dak li qal it-Tribunal, li l-kuntratti jridu jiġu esegwiti in bona fede, u li wieħed ma jistax jinsa l-prinċipju tal-arrikiment indebitu. Qal illi li *audited financial statements* jintalbu, huwa obbligu ta' kontabbilità tal-Gvern sabiex fondi pubbliċi fejn qegħdin jintefqu u għalhekk it-Tribunal ma kellu jkollu l-ebda dubju mill-*bona fede* tar-rikorrent u mkien ma ntwera li r-rikorrent ma esegwiex il-ftehim *in bona fede.* Qal ukoll li ma jistax jingħad l-istess għall-intimat Naudi, għaliex minkejja d-disposizzjoni espressa sabiex dan jippreżenta *audited financial statements,* dan baqa' inadempjenti. Ir-rikorrent qal li għalhekk in-nuqqas ta' *bona fede* kellu jiġi attribwit lill-intimat Naudi, li ppretenda li kellu jieħu fondi pubbliċi mingħajr ma jagħti rendikont dwar kif nefaqhom. B'riferiment għall-kwistjoni tal-arrikiment indebitu, ir-rikorrent qal li l-Gvern ma jistax jagħti fondi pubbliċi lil xi persuna mingħajr ma jżomm lil dik il-persuna responsabbli u kontabbli għall-infiq li tkun

għamlet minn fondi pubbliċi, propju sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dik odjerna fejn min jaħdem u jagħti servizz, jibqa' ma jitħallasx. Qal li din mhijiex kwistjoni ta' arrikiment indebitu, iżda kwistjoni ta' persuna li naqset milli tonora l-obbligi tagħha skont il-ftehim mertu ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk għandu jinżamm responsabbli għal għemilu.

**Ir-Risposta tal-Appell**

27. Fir-risposta tal-appell tagħhom, l-ATB u Louie R. Naudi qalu li l-appell huwa bbażat fuq punti ta' fatt u apprezzament ta' provi fir-rigward ta' liema m'hemmx jedd ta' appell ġialadarba l-aggravji ma jikkwalifikawx bħala punti ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 70A tal-Kap. 387. L-intimati qalu li l-appell li sar ma jinvolvix sempliċi eżami u konsiderazzjoni ta' punt ta' liġi, iżda jirrikjedi li din il-Qorti tgħarbel il-provi miġjuba quddiem it-Tribunal sabiex tiddetermina jekk, fil-fehma tagħha, ir-rikorrent ippruvax l-allegazzjoni tiegħu li ma ġewx ippreżentati *audited financial statements.* Qalu li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi fl-affermattiv, il-Qorti trid tara jekk dan in-nuqqas għandux iwassal għall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent. L-intimati qalu li l-asserzjoni tar-rikorrent li t-Tribunal kien żbaljat fir-raġunament tiegħu li dawn l-*istatements* ma kienx hemm bżonnhom, meta t-termini tal-kuntratt kienu ċari, kienet waħda li saret biss sabiex dan l-appell jingħata xejra ta' appell dwar punt ta' dritt, meta mhuwiex. L-intimati qalu li t-Tribunal bl-ebda mod ma biddel dak espressament miftiehem bejn il-partijiet u fl-ebda ħin ma ddikjara li ma kienx hemm il-ħtieġa tal-*audited financial statements,* iżda li għamel it-Tribunal kien biss li ddeċieda li l-intimati ma kinux kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom, wara li qies il-provi voluminużi

miġjuba quddiemu. L-intimati qalu li f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet waħda ġusta u li timmerita konferma.

28. L-intimati qalu li skont ir-rikorrent, il-fatt li ma ġewx ippreżentati *audited financial statements* kellu jwassal għar-riżoluzzjoni tal-ftehim u għar-rifużjoni tal-ammont li kien tħallas mir-rikorrent sabiex l-ATB tkun tista' tiġi assista biex tikseb iċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP fir-rigward tal-patata ta' Malta. L-intimati qalu li r-rikorrent imkien ma allega li x-xogħol meħtieġ ma sarx, jew li ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP ma nkisbitx fis-sena 2009, iżda qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għal rifjużjoni unikament fuq is-sottomissjoni o meno tal-*audited financial statements* imsemmija fil-klawsola 4 tal-ftehim.

29. L-intimati qalu li l-oneru tal-prova ta' dan in-nuqqas kien jinkombi fuq il-persuna li għamlet din l-allegazzjoni, jiġifieri r-rikorrent, u kif jirriżulta mill-provi esebiti fil-proċeduri arbitrali, ir-rikorrent straħ fuq l-asserzjoni li fil-*file* tal-Ministeru ma nstabu ebda *audited financial statements.* Żiedu jgħidu li r-rikorrent ma ġabx l-aħjar prova li seta' jġib, għaliex fl-ewwel lok naqas milli jesebixxi l-*file* dipartimentali in kwistjoni, u fit-tieni lok, l-uniċi xhieda mressqa mir-rikorrent, fiż-żmien rilevanti bl-ebda mod ma kienu involuti fil-proġett u l-*file* tiegħu, għaliex l-involviment tagħhom beda ferm wara. L-intimati qalu wkoll li fir-rigward tal-asserzjoni tar-rikorrent li Naudi naqas milli jippreżenta l-*audited financial statements,* minkejja li ntalab jippreżentahom mit-Tribunal, huma kienu spjegaw li Naudi ma setax jintraċċa dawn id-dokumenti peress li huma kienu sfaw imkeċċija mill-*premises* li kienu joperaw minnhom, u għal din ir-raġuni kellhom ħafna konfużjoni fid-dokumenti li kienu miżmuma f'dawn il-*premises,* bir-riżultat li ammont sostanzjali ta' dokumenti baqgħu ma nstabux.

L-intimati qalu li minkejja dan, Naudi għamel l-almu tiegħu sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relattivi li kellu fil-pussess tiegħu, u anki esebixxa rendikont tax-xogħol li sar u ta' kif intefqu l-flus li kienu ngħataw. L-intimati qalu li wara li huma ppreżentaw id-dokumenti lill-Dr Chris Ciantar, li kien Segretarju Permanenti fiż-żmien rilevanti, dan kien ħatar żewġ uffiċjali sabiex jivverifikaw id-dokumenti u sabiex jaraw jekk abbażi tax-xogħol li sar, kellhomx jingħataw il-fondi. Qalu wkoll li kieku l-Ministeru ma kienx sodisfatt bid-dokumenti ppreżentati minnhom, il-pagament ċertament li ma kienx ser jinħareġ. L-intimati komplew jgħidu li kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, il-fatt li huma m'għandhomx imqar *acknowledgment letter* fil-pussess tagħhom, lanqas ma jikkostitwixxi prova tal-allegat nuqqas tagħhom li jissottomettu l-*audited financial statements,* għaliex l-*acknowlegement* hija biss prassi interna tal-Ministeru, li setgħet faċilment ma ġietx segwita f'dan il-każ.

30. L-intimati qalu wkoll li d-deċiżjonijiet iċċitati mir-rikorrent in sostenn tal-aggravju sollevat minnu, m'għandhom l-ebda rilevanza għal dan l-appell, għaliex id-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx ibbażata fuq interpretazzjoni differenti tal-kliem tal-kuntratt, iżda fuq apprezzament tal-provi, li wasslu lit-Tribunal jikkonkludi li l-intimati kienu wettqu l-obbligi tagħhom pattwiti.

31. L-intimati qalu li filwaqt li huma ma jaqblux ma' parti biss mid-deċiżjoni mogħtija, u fil-fatt interponew appell inċidentali fir-rigward tal-istess, huma qablu perfettament ma' din il-parti tad-deċiżjoni, li fil-fehma tagħhom għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti.

**L-Appell Inċidentali**

32. Permezz tal-appell inċidentali tiegħu, l-intimat Louie Naudi talab lill-Qorti tvarja u tibdel id-deċiżjoni appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, tħassarha u tirrevokaha kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intimat Louie Naudi li huwa mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, stante li huwa qatt m'aġixxa f'ismu personali, iżda dejjem aġixxa f'isem l-assoċjazzjoni; fejn laqgħet it-tielet talba tar-rikorrent u ddikjarat li Louie Naudi personalment għandu jirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' €2,315.40 flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta'Awwissu, 2015; fejn laqgħet ir-raba' talba tar-rikorrent u kkundannat lil Naudi personalment għall-ħlas tas-somma imsemmija lir-rikorrent; kif ukoll f'dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn Naudi ġie kkundannat iħallas ta' 20% tal-ispejjeż.

33. L-intimat Naudi sostna li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li huwa kien qiegħed jaġixxi f'ismu personali, u dan minkejja li ġie espressament iddikjarat li huwa kien qiegħed jidher fuq il-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri bħala rappreżentant tal-ATB, *ai termini* tar-riżoluzzjoni annessa mal-istess kuntratt. L-intimat spjega wkoll li għalkemm din l-eċċezzjoni tiegħu ġiet ikkonsidrata f'sezzjoni G tal-*lodo* arbitrali, din il-parti tal-motivazzjoni tat-Tribunal tirrelata biss dwar punt imqajjem mill-intimat Naudi dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal fil-konfront tiegħu personalment, għaliex huwa personalment ma ssottomettiex ruħhu għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Qal li huwa għalhekk li sejjer jagħmel riferiment għal partijiet oħra tal-lodo arbtirali fejn hemm spjegat ir-raġunament li wassal lit-Tribunal jiċħad l-eċċezzjoni tal-intimat Naudi li huwa mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. L-intimat

Naudi għamel riferiment għall-kuntratt tat-30 ta' Ġunju, 2009 fejn jirriżulta ċar li Naudi kien qiegħed jiffirma biss fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju tal-ATB, u mhux f'ismu personali. Qal li dan il-fatt jirriżulta wkoll mit-termini użati fil-kuntratt, speċifikament fil-parti fejn hemm indikat li Louie Naudi, kien qiegħed jidher fuq il-kuntratt fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju tal-Bord tal-ABT, kif debitament awtorizzat. Qal li mal-kuntratt ġiet annessa wkoll kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Bord tal-ATB, li permezz tagħha huwa ġie awtorizzat jidher fuq dan il-kuntratt. L-intimat Naudi għamel riferiment għall-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, fejn intqal li normalment persuna hija meqjusa li tkun qiegħda tikkontratta għaliha nnifisha, sakemm ma tindikax li tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk ma tindikax espressament lill-kontraent l-ieħor li tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor. L-intimat Naudi qal li f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li huwa ma kkontrattax f'ismu personali, iżda f'isem l-ATB, u r-rikorrent kien ferm konxju ta' dan.

34. L-intimat Naudi żied jgħid li f'parti mil-lodo arbitrali sar riferiment għax-xhieda tiegħu tad-19 ta' Mejju, 2016, fejn huwa spjega li fi Frar tal-2009 kienu kkuntattjawh tliet aġenti tal-patata, u f'dan l-istadju huwa ma kienx daħħal lill-ATB. L-intimat Naudi żied jgħid li l-fatt li f'dak l-istadju huwa ma kienx qiegħed jaġixxi f'isem l-Assoċjazzjoni, bl-ebda mod ma kellu jibdel il-fatt li fil-mument li ffirma l-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien qiegħed jaġixxi f'isem l-Assoċjazzjoni. Qal li fl-istess seduta huwa spjega li inizjalment huwa kien ġie avviċinat sabiex jaġixxi f'ismu personali u jidher f'isem it-tliet aġenti li kienu qegħdin jesportaw il-patata, iżda fi stadju avvanzat tan-negozjati kellha tidħol l-ATB għaliex irriżulta li l-aġenti u l-bdiewa ma kinux eliġibbli biex japplikaw għal *State Aid* f'dan il-każ. L-intimat Naudi qal li l-Ministeru kien konxju minn din it-

tibdil, li fil-fatt sar biss wara li l-Ministeru ħa l-parir legali tal-Avukat Ġenerali. Qal li huwa deher fuq dan il-ftehim għan-nom u in rappreżentanza tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, kienu min kienu l-membri u l-membri fil-kumitat tagħha, u huwa bl-ebda mod ma deher f'ismu personali. Kompla jgħid li kif jirriżulta mix-xhieda tal-Assistent Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi, l-ATB ġiet reġistrata bħala assoċjazzjoni ta' prinċipali skont il-Kap. 452 f'Settembru tal-2006, u ġiet ikkanċellata f'Jannar tal-2012, wara li din naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont il-liġi applikabbli.

35. L-intimat Naudi qal ukoll li dan ifisser li fid-data meta ġie ffirmat il-ftehim, l-Assoċjazzjoni kienet qiegħda topera b'mod validu bħala assoċjazzjoni ta' prinċipali, u għalhekk għalkemm ma kinitx meqjusa bħala entità morali, kellha s-setgħa li tikkuntratta, li tħarrek u li tiġi mħarrka. L-intimat Naudi għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 49 tal-Kap. 452, u spjega li assoċjazzjoni ta' prinċipali bħal ma kienet l-ATB għandha personalità ġuridika, liema personalità hija separata minn dik tal-membri li jiffurmawha. Qal ukoll li f'kull każ, huwa dak iż-żmien ma kienx membru tal-Assoċjazzjoni, iżda kien qiegħed jaġixxi biss bħala Segretarju Eżekuttiv tagħha. L-intimat Naudi qal li għalhekk huwa qatt ma seta' jiġi kkundannat f'ismu personali, stante li huwa ma kienx ikkuntratta u aġixxa f'dik il-kapaċità.

**<u>Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali</u>**

36. Fir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali, ir-rikorrent qal li l-aggravju ewlieni ta' Louie Naudi huwa li t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni tiegħu li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. Qal li in linea preliminari

jrid jingħad li dan l-appell inċidentali huwa tentattiv sabiex jerġa' jsir apprezzament mill-ġdid tal-fatti fil-konfront tal-intimat Naudi, u dan ma jaqax fil-parametri ta' punt ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 70A tal-Kap. 387. Ir-rikorrent qal ukoll li t-Tribunal spjega tajjeb ir-raġunijiet għalfejn din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat Naudi ma kellhiex tiġi milqugħa. Qal ukoll li t-Tribunal kien korrett meta fil-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li Naudi kellu jressaq bħala xhieda uffiċjali u/jew membri tal-Assoċjazzjoni jekk kien hemm, li kienu awtorizzaw din ir-riżoluzzjoni li bis-saħħa tagħha seta' jaġixxi f'isem l-Assoċjazzjoni u jiffirma l-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. Qal li din il-prova Naudi baqa' m'għamilhiex u konsegwentement fil-proċess ma hemmx prova sodisfaċenti li huwa kien awtorizzat mill-Assoċjazzjoni sabiex jiffirma dan il-ftehim għan-nom tagħha. Ir-rikorrent qal li t-Tribunal spjega tajjeb ir-raġunijiet għalfejn l-eċċezzjoni ta' Naudi ma kellhiex tiġi milqugħa u għalhekk il-ġudizzju tiegħu f'dan ir-rigward m'għandux jiġi ddisturbat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

37. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mir-rikorrent, ir-risposta tal-intimati, kif ukoll il-lanjanzi mqajma mill-intimat Naudi, li wkoll jgħid li ħassu aggravat minn partijiet mil-lodo arbitrali. Iżda qabel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji sollevati mill-partijiet, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tindirizza l-eċċezzjoni tal-intimati li l-appell ewlieni huwa bbażat fuq punti ta' fatt u fuq l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, u għalhekk *ai termini* tal-artikolu 70A tal-Kap. 387, dan l-appell għandu jitqies li huwa inammissibbli. L-intimati jinsistu li r-rikorrent ma qajjem l-ebda punt ta'

dritt fir-rikors tal-appell tiegħu, u sabiex tiġi determinata l-lanjanza mqajma mir-rikorrent, hemm il-ħtieġa li din il-Qorti tgħarbel il-provi u l-fatti mill-ġdid, xi ħaġa li qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel.

38. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva li r-rikors tal-appell ewlieni intavolat mir-rikorrent, huwa bbażat fuq il-kontenzjoni li f'dan il-każ l-Arbitru naqas milli jagħmel interpretazzjoni korretta tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, partikolarment fir-rigward tal-klawsola li timponi fuq l-intimati l-obbligu li jippreżentaw *audited financial statements,* għaliex fin-nuqqas kellha tiskatta penali li tesponihom għall-ħlas lura tal-għajnuna finanzjarja li kienu rċevew mingħand il-Gvern, jiġifieri ir-rifużjoni tas-somma ta' €30,000 mogħtija skont il-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009. Il-Qorti tqis li l-appell kif intavolat huwa bbażat fuq punti ta' liġi minħabba nuqqas ta' qbil mal-mod kif ġew interpretati aspetti tal-ftehim li jirregola r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, u għalhekk hemm punti ta' dritt li jimmeritaw li jiġu kkonsidrati mill-ġdid minn din il-qorti ta' reviżjoni. Huwa minnu li sabiex tiġi determinata din il-vertenza, biex tagħmel ġustizzja mal-partijiet, il-Qorti trid tgħarbel il-provi kollha miġjuba fil-kawża. Punt preliminari ieħor li l-Qorti trid tqajjem u li l-partijiet jagħmlu tajjeb iżommu quddiem għajnejhom, huwa l-fatt li l-proċeduri quddiem Tribunal ta' Arbitraġġ jiġu deċiżi skont l-ekwità, u għalhekk skont dak li t-Tribunal jidhirlu li jkun ġust u ekwu fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, u mhux neċessarjament fuq interpretazzjoni stretta ta' prinċipji ta' dritt.

*L-aggravju ewlieni:* *[interpretazzjoni skorretta tal-ftehim mit-Tribunal]*

39. Ir-rikorrent isostni li t-Tribunal m'għamilx interpretazzjoni korretta tal-ftehim bejn il-partijiet meta kkonkluda li ma kienx hemm ksur tal-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, u dan minkejja li mill-provi rriżulta li l-intimati naqsu milli jippreżentaw l-*audited financial statements* sal-aħħar tas-sena 2010 lill-MRRA, minkejja l-obbligu impost fuqhom biex jagħmlu dan permezz tal-klawsola 4 tal-ftehim. Ir-rikorrent żied jgħid li ma nġabet l-ebda prova li dawn id-dokumenti ġew ippreżentati, u l-intimat Louie Naudi, minkejja li xehed f'diversi seduti tat-Tribunal, baqa' ma pproduċiex dawn l-i*statements* u l-isem tal-awdituri li ħadmu fuqhom, minkejja li f'waħda mis-seduti kien obbliga ruħhu li jagħmel dan. Ir-rikorrent qal li ladarba dak li l-intimati obbligaw ruħhom li jagħmlu taħt il-klawsola 4 tal-ftehim baqa' ma sarx, dawn kellhom jirrifondu lura l-flus kollha mogħtija lilhom mir-rikorrent, jiġifieri t-total ta' €30,000. Il-klawsola 4 tal-ftehim kienet tgħid li l-għajnuna finanzjarja mogħtija mir-rikorrent kellha tintuża mill-ATB esklussivament għat-twaqqif, l-amministrazzjoni, il-ħlas u l-ispejjeż marbuta mar-reġistrazzjoni u l-operat tal-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP għas-sena 2009. Punt ewlieni ta' kontenzjoni bejn il-partijiet kien 'is-sena 2009' meta kellha titqies li bdiet u meta spiċċat, għaliex filwaqt li r-rikorrent insista li s-sena 2009 hija s-sena kalendarja li bdiet f'Jannar u spiċċat f'Diċembru tal-2009, l-intimati ħadu l-pożizzjoni li s-sena in kwistjoni bdiet fl-istaġun taż-żrigħ li nbeda fis-sena 2009, u spiċċat bl-esportazzjoni tal-prodott agrikolu lejn Ġunju tal-2010. Minn dak li rriżulta ampjament mill-provi, fis-sena 2009 l-esportazzjoni u l-bejgħ tal-prodott agrikolu, partikolarment tal-patata, sar mingħajr din iċ-ċertifikazzjoni, minkejja li din iċ-ċertifikazzjoni nkisbet kemm għas-sena 2008 kif ukoll għas-sena 2010, u għas-snin preċedenti u ta' wara. Mhuwiex ikkontestat li d-dokumentazzjoni in kwistjoni kellha tiġi ppreżentata

sal-aħħar ta' Settembru 2010, xi ħaġa li ma saritx. Il-Qorti tqis li minkejja li Louie Naudi, li fiż-żmien rilevanti kien Segretarju Ġenerali tal-ATB xehed li huwa kien ippreżenta din id-dokumentazzjoni kif mitlub minnu, kienu diversi x-xhieda li qalu li dan ma kienx minnu. Fil-proċeduri arbitrali, dawn l-*audited financial statements* ma ġewx ippreżentati, u l-intimat Naudi naqas ukoll milli jippreżenta kopja tal-*acknowledgment* li jingħata minn kull dipartiment u entità governattiva għal kull dokument li jintbagħat mill-pubbliku. Il-Qorti tosserva ukoll kif f'uħud mid-dokumenti li ġew esebiti quddiem it-Tribunal, senjatament l-*email* tal-20 ta' Ottubru, 2009 mibgħuta minn Louie Naudi lil ċertu Martin Buttigieg, uffiċjal fl-MRRA, l-istess Naudi ammetta li d-dokumenti li kellhom jiġu ppreżentati minnu baqgħu ma ġewx ippreżentati, tant hu hekk li pprova jinnegozja żmien itwal biex ikun jista' jagħmel dan. F'din l-*email* Naudi qal li l-ATB ma kellhiex il-finanzjament meħtieġ biex tkun tista' taqdi l-obbligi tagħha, inkluż dawk naxxenti mill-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, u għalhekk kien meħtieġ aktar żmien biex din tkun tista' tonora tali obbligi. Jirriżulta wkoll li l-ħlasijiet da parti tal-awtoritajiet governattivi saru permezz ta' żewġ *payment vouchers* separati fl-ammont ta' €15,000 kull wieħed, li tħallsu fit-30 ta' Ottubru, 2009 u fid-19 ta' Frar, 2010 rispettivament. Il-fatt li l-ħlas in kwistjoni sar wara li kien għalaq l-istaġun għall-esportazzjoni tal-prodott agrikolu f'Ġunju, 2009, jagħti kredibbilità akbar lit-teżi tal-intimati li l-ftehim iffirmat f'Ġunju tal-2009 kien maħsub biex ikopri s-sena li bdiet biż-żrigħ li sar fl-2009 u li spiċċat bl-esportazzjoni tal-prodott fl-2010. Dan ifisser ukoll li wara li ġew *flagged* diversi nuqqasijiet tal-intimati ma' uħud mill-awtoritajiet ikkonċernati, l-awtoritajiet governattivi xorta waħda effettwaw il-pagament miftiehem. Fi kwalunkwe każ jirriżulta li l-intimati kellhom sa Settembru tal-2010 biex jippreżentaw id-

dokumentazzjoni mitluba minnhom, partikolarment l-*audited financial statements* sabiex l-awtoritajiet governattivi jkollhom l-assikurazzjoni li l-flus allokati għal dan il-proġett verament intefqu bil-mod kif kellhom jintefqu. Il-Qorti qieset ukoll li Naudi ta xhieda dettaljata, anki jekk mhux akkumpanjata minn *audited financial statements*, dwar fhiex intefqu l-flus, fosthom fuq skemi ta' taħriġ għall-bdiewa, il-ħolqien ta' sistema li tippermetti li l-prodott agrikolu jiġi *graded,* u xogħol ta' sorveljanza u spezzjonijiet li saru kollha sabiex jiġu mħarsa l-protokolli imposti qabel tkun tista' tingħata ċ-ċertifikazzjoni tal-GlobalGAP. Fix-xhieda tiegħu Naudi spjega li wara l-2010, l-ATB kienet effettivament sfat imkeċċija mill-*premises* li kienet topera minnhom, u kien għalhekk li diversi dokumenti ma setgħux jiġu intraċċati, anki għaliex fi kliem Naudi stess xi ħadd kien għamel 'azzjoni ħażina' u dawn id-dokumenti sfaw sparpaljati ma' kullimkien.

40. It-Tribunal, wara li qies dawn il-provi kollha miġjuba, kien sodisfatt li minkejja li rriżulta li l-*audited financial statements* ma ġewx ippreżentati, xorta waħda l-intimati kienu taw rendikont sħiħ lis-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien Dr Chris Ciantar, dwar ix-xogħol kollu li sar sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-kuntratt, u taw ukoll rendikont sħiħ tal-flus li ntefqu minnhom. It-Tribunal irrimarka wkoll illi li kieku dan ir-rendikont ma kienx qiegħed jingħata b'mod kontinwu min-naħa tal-intimati, partikolarment da parti ta' Louie Naudi, aktarx li l-*payment voucher* ta' €15,000 li nħareġ fi Frar tal-2010 ma kienx jitħallas lill-intimati. Il-Qorti osservat kif ċerti persuni li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, partikolarment Matthew Tabone, daħlu fix-xena ferm wara li ġie nnegozjat u ffirmat il-kuntratt f'Ġunju tal-2009. L-istess Tabone xehed wara li sab nuqqasijiet fl-operat tal-ATB u partikolarment fil-mod kif

ħadem Naudi, huwa ddeċieda li jeskala l-affarijiet u kienet anke saret investigazzjoni mill-IAID. Dan iżda ma jneħħi xejn mill-fatt li r-rikorrent, filwaqt li pproċeda biex jirkupra l-15% tas-somma mogħtija, jiġifieri l-ammont ta' €4,500, billi bagħat numru ta' ittri uffiċjali ftit aktar minn sena wara li skada t-terminu li fih kellhom jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti, u li skont ir-rikorrent baqgħu ma ġewx ippreżentati, il-bilanċ ta' €25,500 ma ssemma imkien fl-interpellazzjonijiet li saru lill-intimati. Kien biss wara April tal-2014, li l-Ministeru jew is-Segretarju Permanenti rikorrent kienu ddeċidew li jitolbu r-rifużjoni tal-ammont kollu mħallas taħt il-kuntratt iffirmat f'Ġunju tal-2009, u dan wara li kienu diġà ntbagħtu xejn anqas minn ħames ittri uffiċjali u anki sar mandat ta' sekwestru għar-rifużjoni tal-ammont ta' €4,500 kif miftiehem bejn il-partijiet.

41. Il-Qorti tirrileva li f'dan ir-rigward ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal, li ma hemmx lok fejn tiskatta l-penali maħsuba fil-klawsola 9 tal-ftehim għaliex jirriżulta li l-*audited financial statements* ma ġewx ippreżentati fit-terminu miftiehem. Dan għaliex għal perijodu twil ta' żmien, ir-rikorrent kien qiegħed jitlob biss ir-rifużjoni tal-€4,500 kif oriġinarjament miftiehem u maqbul bejn il-partijiet, u kien biss wara li nstab li l-ATB ma kellhiex minn fejn tħallas l-ammont pretiż, li skattaw proċeduri wkoll fil-konfront ta' Naudi personalment. Għal perijodu twil ta' snin, ir-rikorrent ma insista bl-ebda mod fuq il-ħlas lura tal-fondi kollha mogħtija bil-ftehim iffirmat fit-30 ta' Ġunju, 2009, tant hu hekk li dawn ma jissemmew imkien fl-ittri uffiċjali li ntbagħtu. Kien biss wara li l-*file* in kwistjoni beda jiġi rivedut mill-ġdid fl-2014, li reġgħet tqajmet din il-kwistjoni, fejn fiċ-ċirkostanzi spjegati, it-tkeċċija mill-post minn fejn kienet topera l-ATB, it-tibdil ta' uffiċjali, ir-riżenji ta' membri tal-ATB, id-dokumenti mitluba ma setgħux jiġu intraċċati. Meta beda jibgħat l-ittri uffiċjali lill-intimati,

r-rikorrent kien qiegħed jittenta jirkupra l-15% tal-flus imħallsa, u mhux it-total. Il-Qorti hija tal-fehma, bħat-Tribunal qabilha, li f'dan il-każ ma jkunx ekwu li tiġi aċċettata t-talba tar-rikorrent fejn jesiġi r-rifużjoni tal-flus kollha mħallsa minnu, partikolarment f'sitwazzjoni fejn ma sarux allegazzjonijiet ta' miżapproprjazzjoni ta' flus, u fejn ingħatat spjegazzjoni fid-dettall dwar fhiex intefqu dawn il-flus. Mill-provi jirriżulta li l-intimat Naudi kien jaf tajjeb l-inkarigu mogħti lilu fhiex kien jikkonsisti, u daħal biex jassisti lill-ATB b'ċertu impenn. Il-fatt li kien hemm nuqqasijiet fl-operat tiegħu, ċertament li m'għandux iwasslu għas-sanzjoni estrema li l-flus mogħtija skont il-ftehim ikollhom jintraddu kollha lura, partikolarment meta l-Qorti setgħet tikkonstata li dawn il-flus intefqu proprju għall-istess skopijiet li ngħataw, anki jekk l-*audited financial statements* ma ġewx intraċċati u ippreżentati. F'dan ir-rigward il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li t-Tribunal issostitwixxa dak li kien maqbul bejn il-partijiet bid-diskrezzjoni tiegħu. Il-Qorti tirrileva li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru minnha diġà, in-nuqqas li jiġu ppreżentati l-imsemmija *statements* finanzjarji ma kellux jifforma l-bażi tal-azzjoni għar-rifużjoni tal-flus kollha imħallsa permezz tal-ftehim ta' Ġunju 2009, partikolarment meta l-ħlas lura ta' dawn il-flus kienet tkun ġustifikata fl-eventwalità li ma titressaqx jew ma setgħetx titressaq l-ebda prova dwar fhiex intefqu dawn il-flus. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti tibqa' mhux konvinta li l-ftehim ta' Ġunju tal-2009 kien maħsub biex jirregola ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa tal-prodott esportat fl-2009, imma kien maħsub biex jirregola s-sena li bdiet fl-istaġun taż-żrigħ li beda fl-2009, u li għalqet bl-esportazzjoni tal-prodott fl-2010. L-iter tal-fatti kif ġraw ma jwassal għall-ebda konklużjoni loġika oħra.

42. Ir-rikorrent fl-aggravju tiegħu qal li żewġ prinċipji fundamentali li ma ġewx imħarsa f'dan il-każ, huma li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti *in bona fede* u li b'din l-azzjoni l-Gvern qiegħed jevita sitwazzjoni fejn ikun hemm arrikiment indebitu, partikolarment wara li ġie stabbilit li la Matthew Tabone u lanqas Nak-AGRO ma tħallsu għas-servizzi li pprestaw lill-intimati. Qal illi kien għalhekk li ntalbu l-*audited financial statements,* sabiex jiġi kkonfermat il-fondi allokati mill-Gvern fejn marru, sabiex ma tinħoloqx sitwazzjoni fejn il-Gvern jalloka fondi pubbliċi u ma jkun hemm ħadd li jinżamm responsabbli u kontabbli għal dan l-infiq. Il-Qorti kkonsidrat dan kollu, imma kkonsidrat ukoll li f'dan il-każ il-fatt li Tabone u l-kumpannija estera li ġiet ingaġġata biex tassisti lill-produtturi u lill-*pack-houses* bix-xogħol li kellu jsir sabiex tkun tista' tinħareġ iċ-ċertifikazzjoni mitluba baqgħu ma tħallsux, kien punt li ssemma biss waqt ix-xhieda mogħtija minn Tabone nnifsu, li ma ta l-ebda dettalji oħra bħal per eżempju kemm huwa l-ammont dovut lilu, jew jekk huwa istitwiex xi proċeduri sabiex jassigura li jitħallas. Lanqas m'huwa ċar jekk sussegwentement Tabone tħallasx għas-servizzi tiegħu, u minn min kellu jitħallas, għaliex f'xi waqtiet tax-xhieda tiegħu ngħatat l-impressjoni li huwa kien uffiċjal pubbliku li tqabbad mir-rikorrent sabiex jagħmel xogħol ta' verifika fuq l-operat tal-ATB, u għalhekk ma rriżultax għal liema raġuni huwa qiegħed jippretendi ħlas mingħand l-intimati għas-servizzi mogħtija minnu. Il-Qorti tirritjeni li f'dan il-każ ma ġiex ippruvat li l-intimati m'aġixxewx *in bona fede* fl-eżekuzzjoni ta' dan il-ftehim. Louie Naudi xehed diversi drabi u ta xhieda dettaljata tax-xogħol li kien meħtieġ li jsir biex iċ-ċertifikazzjoni in kwistjoni tkun tista' tinħareġ, u fil-fatt jirriżulta li l-prodott esportat fl-2010 ingħata iċ-ċertifikazzjoni relattiva. Lanqas ma jista' jingħad li għax ma ġewx ippreżentati *audited financial statements* għal xi perijodu

partikolari, inħolqot sitwazzjoni ta' arrikiment indebitu, u lanqas m'huwa ġust u ekwu li f'dan l-istadju tal-proċeduri jitqanqlu lanjanzi bħal dawn, mhux meta għadda tant żmien u l-ebda entità governattiva jew xi awtorità oħra ma għamlet allegazzjonijiet bħal dawn fil-medda ta' tnax-il sena minn meta ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*L-appell inċidentali:* *[l-intimat Louie Naudi ma kellux jitqies li huwa leġittimu kontradittur f'ismu personali]*

43. L-intimat Naudi spjega li ħass ruħhu aggravat bil-parti tal-lodo arbitrali fejn hu personalment ġie kkundannat jagħmel tajjeb għall-bilanċ li għadu dovut lir-rikorrent mis-somma ta' €4,500, bl-imgħaxijiet legali, kif ukoll fejn huwa personalment ġie kkundannat jagħmel tajjeb għal parti mill-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali, dan għaliex kemm meta huwa resaq biex jiffirma l-ftehim tat-30 ta' Ġunju, 2009, kif ukoll fix-xogħol kollu li għamel wara, huwa dejjem aġixxa bħala Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, u mhux fil-vesti tiegħu personali. L-intimat Naudi għamel riferiment għall-kopja tar-riżoluzzjoni annessa mal-ftehim, u li permezz tagħha huwa ġie awtorizzat jidher fuq il-kuntratt in kwistjoni, u żied jgħid li persuna titqies li tkun qiegħda tikkontratta għaliha nnifisha sakemm din ma tindikax mod ieħor. L-intimat Naudi sostna wkoll li l-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa fiż-żmien rilevanti kienet irreġistrata bħala assoċjazzjoni ta' prinċipali, li kellha s-setgħa li tikkuntratta, li tħarrek u li tiġi mħarrka f'isimha.

44. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li Naudi deher fuq il-ftehim fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-ATB. Jirriżulta wkoll li l-ittra uffiċjali intavolata mir-rikorrent fil-5 ta' Awwissu, 2016, u li permezz tagħha dan ittenta jirkupra l-ammont ta' €4,500 dovut *ai termini* tal-klawsola 7 tal-ftehim, kienet indirizzata biss lill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, li tagħha Naudi kien Segretarju Ġenerali. Iżda meta Naudi deher quddiem it-Tribunal sabiex jagħti d-depożizzjoni tiegħu dwar x'wassal għall-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri, dan qal li meta fi Frar tas-sena 2009, huwa ġie avviċinat minn numru ta' aġenti tal-patata li qalulu li kien hemm kriżi fis-settur tal-esportazzjoni tal-patata u talbuh jintervjeni sabiex tinstab soluzzjoni, dan kien beda jinvestiga u jagħmel xi xogħol mingħajr ma involva lill-ATB. Kien biss wara li huwa sar jaf li l-ftehim ma setax jiġi ffirmat mal-aġenti nfushom għaliex dawn kienu meqjusa bħala negozjanti, u għalhekk mhux eliġibbli għal din il-forma ta' għajnuna mill-Istat, li hu ddeċieda li jinvolvi lill-Assoċjazzjoni. Uħud mill-intimati fix-xhieda tagħhom qalu li huma ħallsu l-miżata tas-sħubija fl-ATB f'sena waħda biss, meta din twaqqfet, u wara ddeċidew li ma jibqgħux imsieħba għaliex ma kinux kuntenti bil-mod kif kienu qegħdin jitmexxew l-affarijiet fl-Assoċjazzjoni. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-ATB kienet irreġistrata bħala assoċjazzjoni ta' prinċipali, sena wara l-oħra Naudi naqas milli jottempera ruħhu mal-obbligi legali tiegħu bħala Segretarju Ġenerali ta' din l-Assoċjazzjoni, u kien jonqos milli jibgħat id-dokumentazzjoni li kien obbligat li jibgħat bil-liġi, fosthom il-lista tal-membri tal-kumitat amministrattiv, l-*audited accounts,* l-għadd ta' membri, u r-rendikont tal-attivitajiet li kienet tagħmel l-Assoċjazzjoni fuq perijodu ta' sena. Ir-reġistrazzjoni tal-ATB bħala assoċjazzjoni ta' prinċipali, fissret li din kienet regolata mill-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), li fl-artikolu 49 tiegħu jispeċifika li

assoċjazzjonijiet bħal dawn m'għandhomx jitqiesu bħala enti morali, iżda għandhom jitqiesu bħala assoċjazzjoni ta' persuni. Dan ifisser ukoll li assoċjazzjonijiet bħal dawn ma jgawdux minn personalità ġuridika distinta u separata minn dik tal-membri tagħhom, u għalhekk hemm element ta' responsabbilità personali li jrid jinġarr minn min ikun qiegħed jamministra assoċjazzjonijiet bħal dawn.

45. In vista ta' dawn l-obbligi li jirriżulta li ma ġewx imħarsa minn Louie Naudi fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa, u in vista tal-fatt li mill-provi ma jirriżultax min kienu l-membri tal-Assoċjazzjoni li approvaw lil Naudi bħala Segretarju Ġenerali jew awtorizzawh sabiex jidher fuq il-ftehim mertu ta' dawn il-proċeduri, jirriżulta li kien aktar doveruż fuqu personalment li jassigura li kollox ikun *above-board.* Mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal ħareġ ċar li Naudi kien il-persuna li nnegozja dan il-ftehim, li ffirmah u li kien jaf b'kull dettall li kellu jiġi osservat kemm sabiex il-ftehim jiġi onorat, kif ukoll sabiex jiġi assigurat li ċ-ċertifikazzjoni rikjesta tinkiseb. Kull persuna li xehdet quddiem it-Tribunal, inkluż uffiċjali governattivi, ilkoll semmew lil Naudi bħala l-*point-of-reference* tagħhom fl-ATB, u jidher ċar li Naudi kien il-persuna li kien qiegħed imexxi n-negozjati mal-awtoritajiet governattivi għan-nom tal-ATB, għalkemm ma jirriżultax min kienu l-membri tal-ATB li fdawh b'din il-vesti rappreżentattiva. Naudi stess naqas milli jipprova mad-Direttur tal-Impjiegi, min kienu l-membri tal-Assoċjazzjoni u minn min kienet komposta fuq medda ta' snin, u għalhekk meta l-entitajiet governattivi kkonċernati kellhom ifittxu lill-persuna li setgħet titqies responsabbli għall-ħlas lura ta' parti mill-fondi skont it-termini tal-ftehim, l-unika persuna li setgħu

jduru fuqha kien proprju Louie Naudi. Kien l-intimat Naudi stess li b'dak li naqas li jagħmel u bin-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi imposti fuqu fil-vesti tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni, ġibed fuqu r-responsabbilità li jwieġeb f'ismu personali għat-talbiet tar-rikorrent, ladarba l-vesti rappreżentattiva tiegħu ma ġietx ippruvata jew sostnuta minn dokumenti li huwa kien obbligat li jippreżenta. Wara kollox, Naudi stess kien il-persuna li ffirma u aċċetta l-klawsola 7 fuq il-ftehim, u għalhekk m'hemm xejn x'jiġi ċċensurat fid-deċiżjoni li jkun hu personalment li jagħmel tajjeb għal dak l-obbligu ladarba ġie stabbilit li l-ATB bħala assoċjazzjoni m'għandhiex minn fejn tagħmel tajjeb għar-radd lura tal-bilanċ ta' €4,500 kif oriġinarjament pattwit bejn il-partijiet.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li kemm l-appell ewlieni kif ukoll l-appell inċidentali għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li d-deċiżjoni arbitrali appellata għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u n-nofs l-ieħor mill-intimat Louie Naudi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**